Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 25 ta' Novembru 2026
(OR. en)

11693/26

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0227(COD)

AGRI 580
AGRILEG 185
SEMENCES 55
PHYTOSAN 69
CODEC 1419

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett:	REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar il-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tal-materjal riproduttiv tal-pjanti fl-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) 2016/2031 u (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 66/401/KEE, 66/402/KEE, 68/193/KEE, 2002/53/KE, 2002/54/KE, 2002/55/KE, 2002/56/KE, 2002/57/KE, 2008/72/KE u 2008/90/KE u d-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2003/17/KE u 2005/834/KE (Regolament PRM)

REGOLAMENT (UE) …/…
TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

ta'...

dwar il-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tal-materjal riproduttiv tal-pjanti fl-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) 2016/2031 u (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 66/401/KEE, 66/402/KEE, 68/193/KEE, 2002/53/KE, 2002/54/KE, 2002/55/KE, 2002/56/KE, 2002/57/KE, 2008/72/KE u 2008/90/KE u d-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2003/17/KE u 2005/834/KE
(Regolament PRM)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[1],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[2],

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja[3],

---

1 ĠU C, C/2024/1583, 5.3.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2024/1583/oj.
2 ĠU C, C/2024/3674, 26.6.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2024/3674/oj.
3 Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' April 2024 (ĠU C, C/2025/3767, 17.9.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/3767/oj), il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari ta' … (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali). Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew ta' … (għadha mhijiex ippubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali).

Billi:

(1) Ir-regoli għall-produzzjoni u għall-kummerċjalizzazzjoni tal-materjal riproduttiv tal-pjanti ("PRM") tal-għelejjel agrikoli, tal-patata, tal-ħxejjex, tad-dwieli u tal-pjanti tal-frott ilhom stabbiliti fil-livell tal-Unjoni mis-snin sittin. Il-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tal-PRM fit-territorju tal-Unjoni huma rregolati bid-Direttivi tal-Kunsill 66/401/KEE[4], 66/402/KEE[5], 68/193/KEE[6], 2002/53/KE[7], 2002/54/KE[8], 2002/55/KE[9], 2002/56/KE[10], 2002/57/KE[11], 2008/72/KE[12] u 2008/90/KE[13] (id-"Direttivi dwar il-kummerċjalizzazzjoni tal-PRM"). Dawk id-Direttivi ffurmaw il-qafas legali għall-produzzjoni u għall-kummerċjalizzazzjoni tal-PRM u, għalhekk, kienu ta' importanza kbira għall-ħolqien tas-suq intern fil-PRM fl-Unjoni.

---

4 Id-Direttiva tal-Kunsill 66/401/KEE tal-14 ta' Ġunju 1966 dwar it-tqegħid fis-suq ta' żerriegħa ta' pjanti tal-għalf (ĠU 125, 11.7.1966, p. 2298, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/1966/401/oj).

5 Id-Direttiva tal-Kunsill 66/402/KEE tal-14 ta' Ġunju 1966 dwar il-marketing taż-żerriegħa tal-ġwież (ĠU 125, 11.7.1966, p. 2309, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/1966/402/oj).

6 Id-Direttiva tal-Kunsill 68/193/KEE tad-9 ta' April 1968 dwar il-marketing ta' materjal għall-propagazzjoni veġetattiva tad-dielja (ĠU L 93, 17.4.1968, p. 15, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/1968/193/oj).

7 Id-Direttiva tal-Kunsill 2002/53/KE tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-varjetajiet komuni ta' katalgi ta' speċi ta' pjanti agrikoli (ĠU L 193, 20.7.2002, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2002/53/oj).

8 Id-Direttiva tal-Kunsill 2002/54/KE tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-bejgħ fis-suq ta' żerriegħa tal-pitravi (ĠU L 193, 20.7.2002, p. 12, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2002/54/oj).

9 Id-Direttiva tal-Kunsill 2002/55/KE tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-marketing ta' żrieragħ tal-ħxejjex (ĠU L 193, 20.7.2002, p. 33, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2002/55/oj).

10 Id-Direttiva tal-Kunsill 2002/56/KE tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-bejgħ fis-suq tal-patata taż-żerriegħa (ĠU L 193, 20.7.2002, p. 60, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2002/56/oj).

11 Id-Direttiva tal-Kunsill 2002/57/KE tat-13 ta' Ġunju 2002 fuq il-marketing taż-żerriegħa ta' pjanti taż-żejt u tal-fibra (ĠU L 193, 20.7.2002, p. 74, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2002/57/oj).

12 Id-Direttiva tal-Kunsill 2008/72/KE tal-15 ta' Lulju 2008 dwar it-tqegħid fis-suq ta' ħxejjex ta' propagazzjoni u materjal taż-żrigħ, barra ż-żerriegħa (ĠU L 205, 1.8.2008, p. 28, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2008/72/oj).

13 Id-Direttiva tal-Kunsill 2008/90/KE tad-29 ta' Settembru 2008 dwar il-kummerċjalizzazzjoni tal-materjal tal-propagazzjoni tal-pjanti tal-frott u tal-pjanti tal-frott maħsuba għall-produzzjoni tal-frott (ĠU L 267, 8.10.2008, p. 8, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2008/90/oj).

(2) Il-valutazzjonijiet tal-impatt imwettqa mill-Kummissjoni fl-2013 u fl-2023 ikkonfermaw li dawk id-Direttivi kellhom impatt pożittiv sinifikanti fuq il-moviment liberu, fuq id-disponibbiltà u fuq il-kwalità tal-PRM fis-suq tal-Unjoni u, b'hekk, iffaċilitaw il-kummerċ tal-PRM fl-Unjoni.

(3) Madankollu, ir-regoli dwar il-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tal-PRM jeħtieġ li jiġu adattati għall-iżviluppi fl-għarfien xjentifiku u tekniku fl-oqsma tal-produzzjoni agrikola, ortikulturali, tal-frott u tad-dwieli u tat-tnissil tal-pjanti. Barra minn hekk, il-qafas leġiżlattiv jeħtieġ li jiġi aġġornat abbażi tal-bidliet fl-istandards internazzjonali u tal-esperjenza miksuba permezz tal-applikazzjoni tad-Direttivi dwar il-kummerċjalizzazzjoni tal-PRM. Dawk ir-regoli jeħtieġ li jiġu ċċarati sabiex tiġi ffaċilitata implimentazzjoni aktar armonizzata. Għalhekk, jenħtieġ li d-Direttivi dwar il-kummerċjalizzazzjoni tal-PRM jiġu ssostitwiti b'Regolament uniku dwar il-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tal-PRM fl-Unjoni.

(4) Il-PRM jikkostitwixxi l-materjal tal-bidu għall-produzzjoni tal-pjanti fl-Unjoni. Għalhekk, huwa kritiku għall-produzzjoni tal-materja prima għal finijiet ta' ikel u ta' għalf u għall-użu effiċjenti tar-riżorsi tal-pjanti. Jikkontribwixxi għall-ħarsien tal-ambjent u għall-kwalità tal-katina alimentari u tal-provvista tal-ikel fl-Unjoni kollha kemm hi. F'dan ir-rigward, id-disponibbiltà, il-kwalità għolja u d-diversità tal-PRM jidhru li huma tal-akbar importanza għal kisba tat-tranżizzjoni lejn sistemi tal-ikel sostenibbli mitluba fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Mejju 2020 intitolata "Strateġija 'Mill-Għalqa sal-Platt' għal sistema tal-ikel ġusta, tajba għas-saħħa u favur l-ambjent", u għall-agrikoltura, ortikultura, ħarsien tal-ambjent, mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u adattament għalih, sigurtà tal-ikel u għalf u l-ekonomija b'mod ġenerali.

(5) Għalhekk, sabiex tinkiseb din it-tranżizzjoni għal sistemi tal-ikel sostenibbli, jenħtieġ li l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni tqis il-ħtieġa li tiġi żgurata l-adattabbiltà tal-produzzjoni tal-PRM għall-kundizzjonijiet agrikoli u ambjentali li qed jinbidlu, li jiġu ffaċċati l-isfidi tat-tibdil fil-klima, li tiġi protetta, restawrata u promossa d-diversità ġenetika tal-għelejjel ikkultivati, tiġi żgurata s-sigurtà tal-ikel, tiġi stimulata l-innovazzjoni, u li jiġu sodisfatti l-aspettattivi dejjem akbar tal-bdiewa u tal-konsumaturi relatati mal-kwalità u mas-sostenibbiltà tal-PRM.

(6) Jenħtieġ li l-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament ikopri biss il-PRM ta' ċerti ġeneri u speċijiet ta' importanza ekonomika u soċjali għolja. Jenħtieġ li dik l-importanza tiġi ddeterminata billi jiġi vvalutat jekk il-PRM jew l-għalla ta' tali ġeneri u speċijiet jirrappreżentawx żona ta' produzzjoni u valur sinifikanti fl-Unjoni, jekk humiex ta' importanza sostanzjali għas-sigurtà tal-produzzjoni tal-ikel u tal-għalf fl-Unjoni, u jekk il-PRM ta' tali ġeneri u speċijiet huwiex ikkummerċjalizzat f'mill-inqas żewġ Stati Membri. Dik iż-żona ta' produzzjoni u valur jistgħu jikkonċernaw diversi aspetti tekniċi. Skont iċ-ċirkostanzi, jista' jiġi kkalkolat abbażi ta' fatturi bħad-daqs totali tal-art produttiva f'diversi żoni differenti tal-Unjoni, il-valur tal-kummerċjalizzazzjoni tal-PRM fir-rigward ta' setturi speċifiċi, jew id-domandi għal dawk il-ġeneri u speċijiet mill-bdiewa, mill-utenti mhux professjonisti u mill-industrija.

(7) Jenħtieġ li dawk il-ġeneri u speċijiet jiġu elenkati u kklassifikati skont l-użu maħsub tagħhom, jiġifieri jekk humiex maħsuba għall-produzzjoni agrikola, tal-ħxejjex, tal-frott, tal-patata jew tad-dwieli. Dik il-klassifikazzjoni hija meħtieġa sabiex jiġi żgurat approċċ proporzjonat, peress li xi speċijiet huma importanti biss għal ċerti użi.

(8) Jenħtieġ li l-PRM jiġi definit b'mod komprensiv li jinkludi l-pjanti jew partijiet ta' pjanti kollha li kapaċi jipproduċu pjanti sħaħ, jew li huma maħsuba għal hekk, jew jipproduċu frott, ħxejjex jew għelejjel oħra. Għalhekk, jenħtieġ li dan ir-Regolament ikopri ż-żerriegħa kif ukoll kull forma oħra ta' pjanta fi kwalunkwe stadju tat-tkabbir, li kapaċi tipproduċi pjanti sħaħ jew li tkun maħsuba għal dan il-għan. Jenħtieġ li jkopri wkoll is-salvaġġ u partijiet oħra ta' pjanti ta' ġeneri jew speċijiet li mhumiex koperti minn dan ir-Regolament jew l-ibridi tagħhom jekk il-materjal ta' ġeneri jew speċijiet koperti minn dan ir-Regolament jew l-ibridi tagħhom jitlaqqam jew għandu jitlaqqam fuqhom.

(9) Jenħtieġ li dan ir-Regolament ma jkoprix il-materjal riproduttiv tal-foresti minħabba l-karatteristiċi partikolari tiegħu, u l-kunċetti u t-terminoloġija applikabbli li huma differenti ħafna. Għal dik ir-raġuni, il-materjal riproduttiv tal-foresti huwa soġġett għal att legali separat, jiġifieri r-Regolament (UE) 2026/1392 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[14].

(10) Jenħtieġ li dan ir-Regolament ma jkoprix il-PRM maħsub għal finijiet ornamentali, minħabba li, wara konsultazzjonijiet mal-Istati Membri u mal-partijiet ikkonċernati, ġie konkluż li d-Direttiva tal-Kunsill 98/56/KE[15] għadha tkopri l-ħtiġijiet ta' dak is-settur b'mod adegwat. Madankollu, jenħtieġ li ż-żerriegħa maħsuba għal finijiet ta' tapit tat-turf, anke jekk tkun maħsuba għal finijiet ornamentali biss, tkun koperta minn dan ir-Regolament minħabba l-valur importanti ta' kummerċjalizzazzjoni tagħha u minħabba l-prattika diġà stabbilita tas-settur li jissoġġetta l-varjetajiet tiegħu għar-rekwiżiti tal-ittestjar u li jiċċertifika l-PRM tagħhom.

---

14 Ir-Regolament (UE) 2026/1392 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2026 dwar il-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tal-materjal riproduttiv tal-foresti, li jemenda r-Regolamenti (UE) 2016/2031 u (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 1999/105/KE (ir-Regolament dwar l-FRM) (ĠU L, 2026/1392, 26.6.2026, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2026/1392/oj).

15 Id-Direttiva tal-Kunsill 98/56/KE tal-20 ta' Lulju 1998 dwar il-marketing tal-materjali tal-propagazzjoni tal-pjanti ornamentali (ĠU L 226, 13.8.1998, p. 16, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/1998/56/oj).

(11) Jenħtieġ li dan ir-Regolament la jkopri l-PRM maħsub għall-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi, u lanqas il-PRM użat biss għall-ispezzjoni, għall-kampjunar jew għall-ittestjar, uffiċjalment jew taħt superviżjoni uffiċjali, għat-tnissil u għall-għażla, għall-wirjiet jew għar-riċerka jew għal finijiet xjentifiċi oħrajn. Dan minħabba li kategoriji bħal dawn ta' PRM ma jeħtiġux identità jew standards ta' kwalità armonizzati partikolari, u ma jikkompromettux l-identità u l-kwalità ta' PRM ieħor ikkummerċjalizzat fl-Unjoni.

(12) Jenħtieġ li dan ir-Regolament ma jkoprix il-PRM ittrasferit bi kwalunkwe mod, kemm jekk mingħajr ħlas kif ukoll jekk le, bejn utenti mhux professjonisti. Ikun sproporzjonat li jiġu stipulati regoli għal użu bħal dan tal-PRM peress li dan it-tip ta' trasferiment normalment ikun limitat għal ammonti żgħar ħafna, ma jkollu l-ebda skop kummerċjali u jkun ristrett għal attivitajiet privati.

(13) Jenħtieġ li dan ir-Regolament ma jkoprix il-PRM soġġett għal kuntratti ta' servizz għall-finijiet tal-ipproċessar, inkluż it-tindif, id-diżinfezzjoni, it-trattament u l-imballaġġ, jew tat-trasport jew tal-ħżin, dment li l-PRM jibqa' l-proprjetà tal-produttur. Dan għaliex tali PRM jibqa' taħt ir-responsabbiltà tas-sid ta' dak il-PRM, li jiggarantixxi l-identità jew l-istandards tal-kwalità ta' dak il-PRM.

(14) Jenħtieġ li dan ir-Regolament ma jkoprix il-PRM li jiġi ttrasferit lejn jew minn banek ġenetiċi għall-konservazzjoni tar-riżorsi ġenetiċi tal-pjanti sabiex tiġi ffaċilitata l-kisba ta' dak l-objettiv. Dan minħabba li l-PRM ma jkunx prodott jew ikkummerċjalizzat b'mod tant wiesa' li jiġġustifika l-applikazzjoni ta' rekwiżiti partikolari tal-identità u tal-kwalità fuqu.

(15) Jenħtieġ li dan ir-Regolament ma jkoprix materjal eteroġenu organiku, peress li dan diġà huwa rregolat skont ir-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[16].

(16) Jenħtieġ li l-PRM prodott u kkummerċjalizzat f'konformità ma' dan ir-Regolament jikkonforma mar-rekwiżiti rilevanti fir-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[17]. Ir-rekwiżiti speċifiċi dwar il-pesti rregolati mhux ta' kwarantina fl-Unjoni qabel kienu rregolati kemm fid-Direttivi dwar il-kummerċjalizzazzjoni tal-PRM kif ukoll fir-Regolament (UE) 2016/2031. Madankollu, dawk ir-rekwiżiti issa huma koperti bis-sħiħ minn dak ir-Regolament u, biex jiġu evitati duplikazzjonijiet mhux mixtieqa, jenħtieġ li ma jiġux regolati f'dan ir-Regolament.

---

16 Ir-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 (ĠU L 150, 14.6.2018, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/848/oj).

17 Ir-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar il-miżuri protettivi kontra pesti tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 228/2013, (UE) Nru 652/2014 u (UE) Nru 1143/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 69/464/KEE, 74/647/KEE, 93/85/KEE, 98/57/KE, 2000/29/KE, 2006/91/KE u 2007/33/KE (ĠU L 317, 23.11.2016, p. 4, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/2031/oj).

(17) Guadeloupe, il-Guyana Franċiża, Martinique, Mayotte, Réunion u Saint-Martin huma elenkati fl-Artikolu 355(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) bħala soġġetti għad-dispożizzjonijiet ta' dak it-Trattat. Madankollu, huwa preferibbli li dawk it-territorji jwettqu l-kummerċjalizzazzjoni tal-PRM mal-pajjiżi terzi ġirien tagħhom, aktar milli mal-bqija tal-Unjoni, minħabba l-pożizzjoni ġeografika u l-kundizzjonijiet agrikoli, ekoloġiċi u klimatiċi partikolari tagħhom. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għalhekk, jenħtieġ li r-referenzi għal pajjiżi terzi jinqraw bħala li jinkludu dawk it-territorji.

(18) Sabiex l-utenti jkunu jistgħu jieħdu deċiżjonijiet infurmati, jenħtieġ li l-PRM jiġi prodott u kkummerċjalizzat biss jekk jappartjeni għal varjetajiet irreġistrati f'reġistru nazzjonali tal-varjetajiet.

(19) Madankollu, huwa xieraq li s-salvaġġ tal-pjanti tal-frott u d-dwieli jiġi eżentat, meta applikabbli, mir-rekwiżit li jkun jappartjeni għal varjetà, peress li, għalkemm huwa ta' valur sinifikanti, jista' ma jaqax taħt id-definizzjoni ta' varjetà. Jenħtieġ li dik l-eċċezzjoni tapplika wkoll għal każijiet oħra fejn ma jkunx meħtieġ jew possibbli għall-PRM ikkonċernat li jissodisfa r-rekwiżiti tal-identità varjetali.

(20) Sabiex jiġu żgurati l-identità u l-kwalità tal-PRM, kif ukoll it-trasparenza li tippermetti lill-utenti jagħmlu għażliet infurmati, jenħtieġ li l-PRM, bħala regola ġenerali, jiġi prodott jew ikkummerċjalizzat taħt kategoriji predefiniti. Jenħtieġ li dawk il-kategoriji jirriflettu stadji ta' ġenerazzjoni u livelli ta' kwalità differenti u, abbażi tat-terminoloġija stabbilita internazzjonalment, jissejħu żerriegħa "prebażika", "bażika", "iċċertifikata" u "standard", u materjal "prebażiku", "bażiku", "iċċertifikat" u "standard", fil-każ tal-PRM li ma jkunx żerriegħa. Madankollu, jenħtieġ li l-PRM jitħalla jiġi prodott u kkummerċjalizzat mingħajr ma jappartjeni għal kategorija fejn ma jkunx meħtieġ jew possibbli li dak il-PRM jappartjeni għal kwalunkwe waħda minn dawk il-kategoriji.

(21) Id-Direttivi dwar il-kummerċjalizzazzjoni tal-PRM u l-prattika u l-istandards internazzjonali jirrikjedu li l-PRM li jappartjeni għal ċerti speċijiet, salvaġġ tad-dwieli u l-PRM ta’ kloni magħżula jiġu prodotti u kkummerċjalizzati biss bħala żerriegħa u materjal prebażiċi, bażiċi jew iċċertifikati, minħabba l-importanza tagħhom għas-sigurtà tal-ikel u tal-għalf u għall-ipproċessar industrijali u għall-protezzjoni tal-interessi tal-bdiewa li jużawhom. Għal din ir-raġuni, jenħtieġ li l-PRM li jappartjeni għal ċerti speċijiet, salvaġġ tad-dwieli u l-PRM ta’ kloni magħżula jiġu prodotti u kkummerċjalizzati biss fil-kategoriji prebażiċi, bażiċi jew ċertifikati jekk il-kostijiet għall-produzzjoni u għall-kummerċjalizzazzjoni tagħhom ikunu proporzjonati għall-fini li jiġi żgurat PRM ta' kwalità għall-bdiewa, għas-sigurtà tal-ikel u tal-għalf, jew ikunu proporzjonati għall-fini li jiġi żgurat valur għoli tal-ipproċessar industrijali. Jenħtieġ li dawk il-kostijiet ikunu proporzjonati wkoll għall-ilħuq tal-oġħla standards li jikkonċernaw l-identità u l-kwalità tal-PRM, f'konformità mar-rekwiżiti għal PRM prebażiku, bażiku u ċċertifikat. Għalhekk, jenħtieġ li tiġi stabbilita u, fil-futur, emendata lista ta' dawk l-ispeċijiet skont il-ħtieġa.

(22) Jenħtieġ li l-PRM ta' kull waħda minn dawk il-kategoriji jiġi prodott u kkummerċjalizzat f'konformità mal-istandard internazzjonali applikabbli, sabiex jiġi żgurat l-ogħla livell possibbli ta' identifikazzjoni u ta' kwalità tiegħu u sabiex ikun allinjat mal-aħħar żviluppi fl-għarfien xjentifiku u tekniku. Jenħtieġ li dawk l-istandard jinkludu l-Iskemi tal-OECD għaċ-Ċertifikazzjoni Varjetali jew għall-Kontroll taż-Żrieragħ li jimxu fil-Kummerċ Internazzjonali ("Skemi taż-Żrieragħ tal-OECD"), l-istandards tal-patata taż-żrigħ tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NUKEE), u r-regoli dwar kloni magħżula u materjal poliklonali tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tad-Dielja u l-Inbid.

(23) Jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli speċifiċi għall-produzzjoni u għall-kummerċjalizzazzjoni ta' żerriegħa u ta' materjal prebażiċi, bażiċi u ċċertifikati, u jenħtieġ li dawn jirriflettu dawk l-istandards internazzjonali.

(24) Jenħtieġ li l-konformità tal-PRM mar-rekwiżiti għall-kategoriji prebażiċi, bażiċi jew iċċertifikati tiġi kkonfermata permezz ta' spezzjonijiet, kampjunar u ttestjar, inkluż, fejn xieraq, ittestjar b'roqgħa ta' kontroll, imwettqa mill-awtoritajiet kompetenti ("ċertifikazzjoni uffiċjali") jew, fejn applikabbli, mill-operatur professjonist taħt is-superviżjoni uffiċjali ("ċertifikazzjoni taħt is-superviżjoni uffiċjali") u jenħtieġ li tiġi attestata permezz ta' tikketta uffiċjali.

(25) Jenħtieġ li jkun possibbli li jiġu stipulati, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, rekwiżiti ta' produzzjoni u kummerċjalizzazzjoni aktar stretti li għandhom ikunu applikabbli f'ċerti partijiet tat-territorju tal-Unjoni jekk dan ikun meħtieġ mill-kundizzjonijiet agroklimatiċi, ir-riskju ta' tixrid ta' ħaxix ħażin noċiv, pereżempju ħafur selvaġġ, jew kundizzjonijiet u ħtiġijiet speċjali oħra ta' ċerti żoni. Xi Stati Membri applikaw rekwiżiti aktar stretti biex jipprevjenu l-ħafur selvaġġ. F'konformità mad-deċiżjonijiet adottati mill-Kummissjoni, dawk ir-rekwiżiti ġew applikati wkoll għaż-żerriegħa kkummerċjalizzata fl-Unjoni u għaż-żerriegħa importata. Sabiex jiġi evitat tfixkil fil-metodi ta' produzzjoni li ilhom stabbiliti f'dawk l-Istati Membri, jenħtieġ li jkun possibbli li jinżammu dawk ir-rekwiżiti aktar stretti, fejn xieraq.

(26) Jenħtieġ li l-konformità tal-PRM mar-rekwiżiti għall-kategorija standard tiġi kkonfermata mill-operatur professjonist u jenħtieġ li l-konformità tiegħu ma' dawk ir-rekwiżiti tiġi attestata permezz ta' tikketta tal-operatur.

(27) Jenħtieġ li jiġu stabbiliti wkoll regoli għall-produzzjoni in vitro tal-PRM ta' kloni u l-kummerċjalizzazzjoni tiegħu, minħabba li dawn jikkostitwixxu prattika dejjem aktar użata tas-settur.

(28) Jenħtieġ li t-testijiet b'roqgħa ta' kontroll jitwettqu mill-awtorità kompetenti biex tivverifika l-identità varjetali u l-purità varjetali tal-lottijiet taż-żrieragħ individwali, bl-eċċezzjoni tal-lottijiet taż-żrieragħ tal-pjanti tal-frott u tad-dwieli. Jenħtieġ li jiġu stipulati regoli speċifiċi dwar dawk it-testijiet fuq żerriegħa prebażika, bażika, iċċertifikata u standard abbażi tal-istandards internazzjonali applikabbli u tal-esperjenza miksuba permezz tal-applikazzjoni tad-Direttivi dwar il-kummerċjalizzazzjoni tal-PRM.

(29) Jenħtieġ li l-operaturi professjonisti jkollhom il-possibbiltà li jiġu awtorizzati mill-awtorità kompetenti biex iwettqu ċerti attivitajiet ta' ċertifikazzjoni, taħt superviżjoni uffiċjali, tal-PRM li jappartjeni għal ċerti speċijiet u kategoriji inkluż l-istampar u t-twaħħil tat-tikketta uffiċjali. Jenħtieġ li jiġu stipulati regoli għas-superviżjoni uffiċjali rispettiva mill-awtorità kompetenti u għall-irtirar ta' dik l-awtorizzazzjoni jew għall-modifika tagħha. Dawk ir-regoli huma neċessarji sabiex jiġi żgurat li s-sistema kollha ta' ċertifikazzjoni taħdem b'mod effettiv.

(30) Madankollu, ċerti operaturi professjonisti jista' ma jkollhomx ir-riżorsi biex iwettqu attivitajiet ta' ċertifikazzjoni taħt superviżjoni uffiċjali. Għalhekk, jenħtieġ li jiġi previst li kwalunkwe pass ta' ċertifikazzjoni jista' jitwettaq ukoll mill-awtoritajiet kompetenti fuq talba tal-operaturi professjonisti.

(31) Sabiex jiġu żgurati l-purità u l-omoġeneità tal-PRM, jenħtieġ li l-PRM jinżamm f'lottijiet separati, u separat minn materjal ieħor differenti mill-PRM, bħall-ħbub għall-ikel jew għall-għalf.

(32) Fid-dawl tad-diversità kbira tal-PRM, jenħtieġ li l-operaturi professjonisti jikkummerċjalizzaw il-PRM f'lottijiet li fihom pjanti, pakketti, gzuz jew kontenituri individwali, jew, f'ċerti każijiet, bħala żerriegħa bl-ingrossa. Jenħtieġ li lott ikun omoġenu fil-kontenut tiegħu u għandu jkollu n-numru ta' referenza tal-lott tiegħu stess, biex tiġi żgurata t-traċċabbiltà tiegħu. Jenħtieġ li jiġu stipulati regoli uniformi għall-imballaġġ, l-iggruppar u l-issiġillar tal-PRM.

(33) Jenħtieġ li jiġu adottati regoli għat-tikkettar tal-PRM sabiex tiġi żgurata l-identifikazzjoni xierqa ta' dik iż-żerriegħa jew ta' dak il-materjal għal kull kategorija u għal tipi oħrajn ta' PRM permezz tal-attestazzjoni tal-konformità mar-rekwiżiti rispettivi.

(34) Fil-każ ta' żerriegħa u ta' materjal prebażiċi, bażiċi u ċċertifikati, jenħtieġ li tinħareġ tikketta uffiċjali mill-awtorità kompetenti, filwaqt li għal żerriegħa jew għal materjal standard, jew PRM li ma jappartjeni għall-ebda kategorija, jenħtieġ li tinħareġ tikketta tal-operatur. Dan huwa meħtieġ sabiex issir distinzjoni bejn il-PRM soġġett għal ċertifikazzjoni (ċertifikazzjoni uffiċjali jew ċertifikazzjoni taħt superviżjoni uffiċjali) u l-PRM prodott taħt ir-responsabbiltà tal-operatur professjonist. Il-ħruġ ta' tikketta speċifika għandu l-għan li tiffaċilita għażliet informati mill-operaturi professjonisti u mill-konsumaturi li jaf ikunu jixtiequ jagħżlu PRM ta' standards differenti. Dan jiffaċilita wkoll il-ħidma tal-awtoritajiet kompetenti fit-twettiq tal-kontrolli uffiċjali biex jivverifikaw il-konformità mar-rekwiżiti rispettivi għal kull kategorija.

(35) Jenħtieġ li jiġu stipulati regoli dwar il-kontenut u l-karatteristiċi tat-tikketta uffiċjali u tat-tikketta tal-operatur sabiex tiġi żgurata applikazzjoni uniformi tar-rekwiżiti tal-produzzjoni u tal-kummerċjalizzazzjoni għal kull kategorija u tipi oħra ta' PRM u għall-identifikazzjoni ta' dawk it-tikketti.

(36) Jenħtieġ li kull tikketta uffiċjali jkun fiha n-numru tas-serje tagħha stess sabiex jiġu ggarantiti l-identifikazzjoni u t-traċċabilità xierqa tal-PRM ikkonċernat u l-effettività tal-kontrolli uffiċjali.

(37) Jenħtieġ li jiġu stipulati rekwiżiti dwar l-imballaġġ mill-ġdid, l-issiġillar mill-ġdid u t-tikkettar mill-ġdid tal-PRM sabiex jiġi ggarantit li l-identità u l-kwalità tal-PRM ma jkunux soġġetti għal bidla matul dawk l-operazzjonijiet u li t-traċċabbiltà tiegħu tiġi żgurata permezz tan-numru ta' referenza tal-lott.

(38) Iż-żerriegħa spiss tiġi kkummerċjalizzata f'taħlitiet varjetali tal-istess speċi jew taħlitiet ta' speċijiet. Jenħtieġ li ż-żerriegħa tal-ġeneri jew tal-ispeċijiet koperti minn dan ir-Regolament jitħallew jiġu prodotti u kkummerċjalizzati f'taħlitiet biss b'żerriegħa ta' ġeneri jew speċijiet oħra koperti minn dan ir-Regolament. Madankollu, il-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni ta' taħlita ta' żerriegħa koperta minn dan ir-Regolament ma' żerriegħa li ma tappartjenix għal ġeneri jew speċijiet koperti minn dan ir-Regolament jenħtieġ li tkun permessa, mingħajr preġudizzju għar-Regolament (UE) Nru 1143/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[18].

[18] Ir-Regolament (UE) Nru 1143/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2014 dwar il-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-introduzzjoni u t-tixrid ta' speċijiet aljeni invażivi (ĠU L 317, 4.11.2014, p. 35, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2014/1143/oj).

(39) Għall-finijiet tal-konservazzjoni tar-riżorsi ġenetiċi tal-pjanti u r-restawr tal-ambjent naturali, b'mod partikolari tal-ħabitats naturali jew seminaturali, huwa preferibbli li jintużaw taħlitiet ta' żerriegħa li ma tappartjenix għal varjetà iżda għal tipi selvaġġi ta' ġeneri u speċijiet koperti minn dan ir-Regolament, kif ukoll ta' ġeneri u speċijiet mhux koperti minn dan ir-Regolament ("taħlitiet ta' preservazzjoni"), peress li dawk it-tipi selvaġġi huma l-aktar xierqa għal dawk il-finijiet. Jenħtieġ li dawk it-taħlitiet jiġu kkummerċjalizzati biss fir-reġjun ta' oriġini taż-żerriegħa komponenti sabiex jiġi żgurat li jintużaw biss it-tipi selvaġġi l-aktar adattati għal dak ir-reġjun. Sabiex jiġi żgurat li t-taħlitiet ikkummerċjalizzati bħala taħlitiet ta' preservazzjoni jissodisfaw dawn ir-rekwiżiti, jenħtieġ li jiġu stipulati regoli speċifiċi biex jiġu żgurati l-kwalità u t-traċċabbiltà tagħhom, u jenħtieġ li jiġu prodotti u kkummerċjalizzati biss minn operaturi professjonisti li huma awtorizzati għal dak l-għan mill-awtorità kompetenti.

(40) Ċerti tipi ta' varjetajiet huma importanti għall-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tar-riżorsi ġenetiċi tal-pjanti, li huma kruċjali għad-diversità ġenetika tal-għelejjel u essenzjali għall-adattament għall-bidliet ambjentali. Dawn jistgħu jkunu varjetajiet imkabbra tradizzjonalment ("varjetajiet ta' konservazzjoni") jew jistgħu jkunu varjetajiet adattati għall-kundizzjonijiet agroklimatiċi lokali u għas-sistemi tal-biedja, imnissla reċentement bħala riżultat ta' attivitajiet ta' konservazzjoni dinamika jew metodi oħra ta' tnissil u għażla applikati f'kundizzjonijiet naturali jew ġestiti mill-bdiewa ("varjetajiet adattati lokalment"). Jistgħu jkunu kkaratterizzati, b'mod partikolari, minn uniformità mnaqqsa minħabba ċertu livell ta' diversità ġenetika u fenotipika bejn unitajiet riproduttivi individwali. Il-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni ta' PRM ta' dawk il-varjetajiet jikkontribwixxu għall-objettivi tat-Trattat Internazzjonali dwar ir-Riżorsi Ġenetiċi tal-Pjanti għall-Ikel u għall-Agrikoltura[19] sabiex jippromwovu l-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tar-riżorsi ġenetiċi tal-pjanti għall-ikel u għall-agrikoltura. Bħala parti għal dak it-Trattat, l-Unjoni ħadet impenn li ssostni dawk l-objettivi.

[19] ĠU L 378, 23.12.2004, p. 3, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_internation/2004/869/oj.

(41) Fid-dawl ta' dawk il-karatteristiċi speċjali tal-varjetajiet ta' konservazzjoni u l-varjetajiet adattati lokalment, u b'deroga mir-rekwiżiti stabbiliti għall-produzzjoni u għall-kummerċjalizzazzjoni, jenħtieġ li l-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tal-PRM li jappartjeni għalihom ikunu permessi fil-qafas ta' rekwiżiti anqas stretti. Dan huwa allinjat mal-prinċipji tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, u b'mod partikolari mal-prinċipju tal-protezzjoni tal-bijodiversità. Għalhekk, huwa xieraq li dak il-PRM jitħalla jikkonforma mar-rekwiżiti għall-kategorija standard għall-ispeċijiet ikkonċernati. Jenħtieġ li l-PRM li jappartjeni għal varjetajiet ta' konservazzjoni jew għal varjetajiet adattati lokalment jiġi ttikkettat bil-kliem "varjetà ta' konservazzjoni" jew "varjetà adattata lokalment". Jenħtieġ li dawk il-varjetajiet jiġu rreġistrati wkoll, wara proċedura adattata li tqis il-karatteristiċi speċjali tagħhom, biex jippermettu l-kontroll tagħhom mill-awtoritajiet kompetenti u jiggarantixxu l-possibbiltà għall-utenti tagħhom li jagħmlu għażliet infurmati u l-effettività tal-kontrolli uffiċjali.

(42) L-esperjenza mill-applikazzjoni tad-Direttivi dwar il-kummerċjalizzazzjoni tal-PRM uriet li l-utenti mhux professjonisti tal-PRM, bħal ġardinara dilettanti, spiss ikunu interessati li jużaw PRM aktar divers li jwieġeb għal ħtiġijiet differenti, mingħajr ma neċessarjament ikollhom l-istess ħtiġijiet relatati mal-kwalità bħall-operaturi professjonisti. Għalhekk huwa xieraq li tiġi prevista deroga minn ċerti regoli sabiex ikun permess li l-PRM jiġi kkummerċjalizzat lil utenti mhux professjonisti mingħajr ma jkollu jikkonforma mar-rekwiżiti kollha għar-reġistrazzjoni tal-varjetajiet. Dik id-deroga hija meħtieġa biex jiġi żgurat li qed jiġi offrut ambitu usa' tal-varjetajiet lill-konsumaturi filwaqt li jiġu sodisfatti ċerti rekwiżiti minimi ta' kwalità. Tali rekwiżiti minimi huma importanti biex jiġu indirizzati l-aspettattivi ta' ħafna utenti mhux professjonisti għal ċertu livell ta' kwalità għall-użu privat tagħhom.

(43) Madankollu, jenħtieġ li dik id-deroga ma tapplikax għall-PRM li jappartjeni għall-ispeċijiet *Cannabis sativa* L., *Papaver somniferum* L. u *Solanum tuberosum* L. u għall-PRM użat għal finijiet ta' tapit tat-turf, minħabba l-valur jew is-sinifikat kummerċjali partikolari tiegħu għall-interess jew għas-sikurezza pubblika. Għal dik ir-raġuni, jenħtieġ li ir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament li jikkonċernaw il-kwalità, l-identità u l-operaturi professjonisti tal-PRM rispettiv ikomplu japplikaw biex jiġu żgurati l-aktar verifiki effettivi possibbli mill-awtoritajiet kompetenti u l-protezzjoni tal-interessi tal-konsumatur.

(44) Barra minn hekk, għal raġunijiet ta' trasparenza u ta' kontroll aħjar, jenħtieġ li jiġu stipulati regoli għall-imballaġġ u għat-tikkettar tal-PRM maħsub għall-utenti mhux professjonisti biss. Għall-istess raġuni, jenħtieġ li l-operaturi professjonisti li jużaw din id-deroga għall-produzzjoni u għall-kummerċjalizzazzjoni lil utenti mhux professjonisti, fil-każ tal-PRM li jappartjeni għal varjetà mhux irreġistrata, ikollhom deskrizzjoni tal-varjetà magħmula abbażi ta' dokumentazzjoni privata. Barra minn hekk, jenħtieġ li kull sena jinnotifikaw dik l-attività lill-awtoritajiet kompetenti u jinfurmawhom, fuq talba, bil-kwantitajiet prodotti u kkummerċjalizzati.

(45) Ħafna organizzazzjonijiet u networks mingħajr skop ta' qligħ joperaw fl-Unjoni bl-għan li jikkonservaw ir-riżorsi ġenetiċi tal-pjanti. Sabiex tiġi ffaċilitata l-attività tagħhom, huwa xieraq li l-PRM maħsub għall-konservazzjoni tar-riżorsi ġenetiċi tal-pjanti, li jiġi prodott minn dawk l-organizzazzjonijiet u networks u l-membri tagħhom jew li jiġi kkummerċjalizzat mingħajr profitt minn dawk l-organizzazzjonijiet u networks u l-membri tagħhom lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, inkluż bdiewa jew utenti mhux professjonijiet, u viċe versa, jitħalla jidderoga mir-rekwiżiti stabbiliti tal-produzzjoni u tal-kummerċjalizzazzjoni u jikkonforma ma' regoli inqas stretti. Jenħtieġ li jiġu stipulati regoli dwar it-tikkettar ta' tali PRM. Jenħtieġ li l-organizzazzjonijiet u n-networks li jużaw din id-deroga jinnotifikaw l-attività tagħhom lill-awtoritajiet kompetenti u jżommu reġistru bl-informazzjoni rilevanti tal-PRM prodott u kkummerċjalizzat minnhom jew lilhom. Dan huwa meħtieġ sabiex jiġu żgurati kontrolli effettivi mill-awtoritajiet kompetenti u l-possibbiltà għall-utenti ta' dak il-PRM li jagħmlu għażliet infurmati.

(46) Huwa xieraq li tiġi introdotta l-possibbiltà għall-bdiewa li jiskambjaw il-PRM in natura bħala deroga mir-rekwiżiti stabbiliti. Jenħtieġ li tali deroga tapplika għal kwantitajiet żgħar u fil-livell lokali u biss jekk dak il-PRM ma jkunx jappartjeni għal varjetà li fir-rigward tagħha jkunu ngħataw drittijiet fuq il-varjetajiet tal-pjanti f'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2100/94[20] jew mar-regoli nazzjonali dwar id-drittijiet fuq il-varjetajiet tal-pjanti tal-Istati Membri tal-produzzjoni. Jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu meħtieġa jiddefinixxu dawk il-kwantitajiet żgħar għal speċijiet speċifiċi kull sena u għal kull bidwi sabiex jiġi żgurat li ma jkun hemm l-ebda użu ħażin ta' tali deroga li jkollha impatt fuq il-kummerċjalizzazzjoni tal-PRM. L-intenzjoni mhijiex li jkun hemm devjazzjoni mill-fehim ġenerali tal-kunċett ta' skambju in natura bħala skambju ta' PRM għal oġġetti jew servizzi mingħajr tranżazzjonijiet monetarji, u lanqas hi li jkun hemm deroga mir-rekwiżiti applikabbli skont ir-Regolament (UE) 2016/2031. Għal raġunijiet ta' interess pubbliku u sikurezza, jenħtieġ li tali skambju ma jkunx permess għall-PRM tal-ispeċijiet *Cannabis sativa* L., *Papaver somniferum* L., *Solanum tuberosum* L., *Citrus* L. u tal-ġeneru *Vitis* L.

(47) Jenħtieġ li l-kummerċjalizzazzjoni tal-PRM ta' ġenerazzjoni qabel iż-żerriegħa jew il-materjal prebażiku mill-operatur professjonist responsabbli għas-selezzjoni konservattiva lill-operatur professjonist li jwettaq il-produzzjoni taż-żerriegħa jew tal-materjal prebażiku għall-finijiet tal-multiplikazzjoni ta' dak il-PRM tkun permessa, b'deroga mir-rekwiżit ġenerali li jista' jiġi kkummerċjalizzat biss PRM li jappartjeni għal kategorija (prebażika, bażika, iċċertifikata jew standard). Fil-każ ta' tali kummerċjalizzazzjoni, jenħtieġ li t-tikketta ta' akkumpanjament tindika b'mod ċar il-PRM bħala dežinjat għal dak l-għan.

---

[20] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2100/94 tas-27 ta' Lulju 1994 dwar drittijiet ta' varjetajiet ta' pjanti fil-Komunità (ĠU L 227, 1.9.1994, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/1994/2100/oj).

(48) Skont id-Direttivi dwar il-kummerċjalizzazzjoni tal-PRM, huma permessi derogi mir-rekwiżiti stabbiliti għall-kummerċjalizzazzjoni tal-PRM li jappartjeni għall-varjetajiet li fir-rigward tagħhom deċiżjoni dwar reġistrazzjoni ta' varjeta' hija pendenti ("varjetajiet taħt reġistrazzjoni"). Dawk id-derogi kienu utli u meħtieġa għall-operaturi professjonisti u għall-awtoritajiet kompetenti. Barra minn hekk, il-bdiewa qed jiffaċċaw kundizzjonijiet tat-temp li qed jinbidlu dejjem aktar u riskji ġodda għas-saħħa tal-pjanti. L-introduzzjoni rapida ta' varjetajiet ta' pjanti ġodda u mtejba li huma adattati għal dawn l-isfidi hija importanti biex jittaffew ir-riskji għall-bdiewa. Sabiex jitħaffef l-użu mill-bdiewa ta' dawk il-varjetajiet il-ġodda, f'ċerti każijiet u b'restrizzjonijiet, jenħtieġ li tkun permessa l-kummerċjalizzazzjoni limitata ta' tali PRM. Għall-varjetajiet agrikoli u tal-patata, għall-varjetajiet tal-frott u tad-dwieli u għall-varjetajiet tal-ħxejjex, jenħtieġ li jkun hemm rekwiżiti speċifiċi bbażati fuq il-karatteristiċi u d-dinamika tas-suq tagħhom.

(49) Skont id-Direttivi dwar il-kummerċjalizzazzjoni tal-PRM, huma stabbiliti derogi għaż-żerriegħa ta' ċerti ġeneri u speċijiet li għandhom jiġu kkummerċjalizzati bħala żerriegħa li ma tissodisfax ir-rekwiżiti tal-aspetti varjetali iżda li hija soġġetta biss għar-rekwiżiti tal-kwalità ("żerriegħa kummerċjali"). Dan huwa dovut għal ċerti speċijiet ta' pjanti agrikoli, speċifikament speċijiet ta' foraġġ, li jaqdu rwoli multidimensjonali li jmorru lil hinn mill-produzzjoni tradizzjonali tal-ikel u tal-għalf. Dawk l-ispeċijiet huma strumentali f'funzjonijiet ekoloġiċi bħall-attrazzjoni tal-pollinaturi, l-iffaċilitar tal-fissazzjoni tan-nitroġenu u l-provvista ta' kopertura tal-art. Għal dawk il-finijiet, id-distintività, l-uniformità u l-istabbiltà, u l-konformità mar-rekwiżiti għall-valur għall-kultivazzjoni u l-użu sostenibbli jistgħu ma jkunux meħtieġa iżda jenħtieġ li tiġi ggarantita l-kwalità għolja ta' tali żerriegħa. Għalhekk huwa preferibbli li jenħtieġ li dawk id-derogi mir-rekwiżiti ta' reġistrazzjoni jkunu permessi wkoll skont dan ir-Regolament. Jenħtieġ li d-denominazzjoni "żerriegħa kummerċjali" tinżamm mid-Direttivi dwar il-kummerċjalizzazzjoni tal-PRM. Jenħtieġ li l-ispeċijiet li għalihom jiġu żviluppati ftit varjetajiet jibbenefikaw ukoll minn din id-deroga sabiex ikun hemm żmien biżżejjed biex jiġu żviluppati l-varjetajiet. Barra minn hekk, iż-żerriegħa kummerċjali tista' tkun meħtieġa biex jiġi żgurat li ż-żerriegħa ta' speċijiet ġodda miżjuda ma' dan ir-Regolament tkun tista' tiġi kummerċjalizzata qabel ma jkunu disponibbli varjetajiet irreġistrati.

(50) Skont id-Direttivi dwar il-kummerċjalizzazzjoni tal-PRM, huma permessi derogi mir-rekwiżiti stabbiliti għal żerriegħa li ma tikkonformax mar-rekwiżiti applikabbli li jeħtieġ li ssir disponibbli malajr fis-suq, għal żerriegħa li tkun għadha ma ġietx iċċertifikata b'mod finali, għall-PRM li jeħtieġ li jiġi awtorizzat temporanjament sabiex jindirizza diffikultajiet temporanji fil-provvista, u għall-PRM maħsub għat-twettiq ta' esperimenti temporanji sabiex jiġu mfittxa alternattivi mtejba għal ċerti dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni applikabbli dwar ir-rekwiżiti sabiex il-PRM jappartjeni għal varjetà rreġistrata u sabiex jissodisfa ċerti rekwiżiti ta' identità u ta' kwalità. Dawk id-derogi kienu utli u meħtieġa għall-operaturi professjonisti u għall-awtoritajiet kompetenti, mingħajr ma ħolqu problemi għas-suq intern fl-PRM. Għalhekk, jenħtieġ li jinżammu. Jenħtieġ li jiġu stipulati kundizzjonijiet dwar dawk id-derogi, sabiex jiġi żgurat li ma jintużawx ħażin u li ma jaffettwawx b'mod negattiv is-suq intern fl-PRM.

(51) Sabiex ikollhom il-possibbiltà li jindirizzaw kundizzjonijiet speċifiċi fit-territorji tagħhom, jenħtieġ li l-Istati Membri jitħallew jistabbilixxu rekwiżiti aktar stretti għall-produzzjoni u għall-kummerċjalizzazzjoni tal-PRM fit-territorju tagħhom stess, mingħajr ma jimponu rekwiżiti aktar stretti fis-suq intern tal-Unjoni.

(52) F'każijiet meta l-produzzjoni ta' ġeneru jew speċi koperti minn dan ir-Regolament ma jkollha l-ebda sinifikat fi Stat Membru u meta l-kultivazzjoni tagħhom tkun limitata minħabba l-kundizzjonijiet agroklimatiċi ta' dak l-Istat Membru, jenħtieġ li l-Istati Membri jitħallew jidderogaw mir-rekwiżiti tal-produzzjoni ta' dan ir-Regolament jekk l-attivitajiet relatati ta' ċertifikazzjoni u kontroll joħolqu piż amministrattiv sproporzjonat fuqhom. Jenħtieġ li l-użu ta' din id-deroga ma jkunx permess meta jkun hemm riskju li din tikkawża tfixkil fis-suq intern tal-Unjoni.

(53) Il-PRM prodott u kkummerċjalizzat fl-Unjoni jeħtieġ li jikkonforma mal-ogħla standards possibbli. Għalhekk, jenħtieġ li l-importazzjoni tal-PRM minn pajjiżi terzi tkun permessa biss jekk valutazzjoni tal-identità u tal-istandards ta' kwalità applikabbli tiegħu u tas-sistema ta' ċertifikazzjoni tistabbilixxi li PRM bħal dan jissodisfa r-rekwiżiti ekwivalenti għal dawk applikabbli għall-PRM prodott u kkummerċjalizzat fl-Unjoni. Jenħtieġ li tali valutazzjoni tkun ibbażata fuq eżami bir-reqqa tal-informazzjoni pprovduta mill-pajjiż terz u tal-liġi rilevanti tiegħu. Jenħtieġ li tkun ibbażata wkoll fuq l-eżitu sodisfaċenti ta' awditu mwettaq mill-Kummissjoni ta' dak il-pajjiż terz qabel ma tingħata l-ekwivalenza għall-ewwel darba. Jenħtieġ li jitwettaq ukoll awditu meta l-Kummissjoni tqis li dan ikun meħtieġ qabel ma tagħti ekwivalenza lil pajjiż terz għal speċijiet addizzjonali.

(54) Il-PRM importat minn pajjiżi terzi li r-rekwiżiti tal-identità u tal-kwalità u s-sistemi ta' ċertifikazzjoni tagħhom ġew rikonoxxuti bħala ekwivalenti skont id-Direttivi dwar il-kummerċjalizzazzjoni tal-PRM wera li huwa konformi mar-regoli tal-Unjoni dwar il-kwalità u l-identità. Għal din ir-raġuni, jenħtieġ li r-rekwiżiti u s-sistemi ta' dawk il-pajjiżi terzi għall-ġeneri jew l-ispeċijiet ikkonċernati jiġu wkoll rikonoxxuti skont dan ir-Regolament bħala ekwivalenti għal dawk tal-Unjoni.

(55) Hija prattika stabbilita li ż-żerriegħa tal-ħxejjex prodotta f'pajjiżi terzi tiġi importata fl-Unjoni direttament wara l-ħsad ("żerriegħa kif imkabbra") sabiex tiġi pproċessata fl-Unjoni biex tikkonforma mar-rekwiżiti għaż-żerriegħa standard qabel ma tiġi kkummerċjalizzata fl-Unjoni. Peress li dik il-prattika tiżgura l-identità u l-kwalità taż-żerriegħa tal-ħxejjex ikkummerċjalizzata fl-Unjoni mingħajr il-ħtieġa li tkun soġġetta għar-rikonoxximent tal-ekwivalenza, jenħtieġ li tibqa' possibbli wkoll skont dan ir-Regolament.

(56) Jenħtieġ li jiġu stipulati regoli dwar it-tikkettar u l-informazzjoni li għandhom jiġu pprovduti għall-PRM importat għall-finijiet tal-identifikazzjoni u t-traċċabbiltà xierqa tiegħu, u biex ikunu jistgħu jsiru għażliet infurmati mill-utenti tiegħu u kontrolli uffiċjali.

(57) Sabiex tiġi żgurata t-trasparenza tal-produzzjoni u tal-kummerċjalizzazzjoni tal-PRM, jenħtieġ li l-operaturi professjonisti jkunu soġġetti għal obbligi speċifiċi sabiex jiġu żgurati r-responsabbiltà tagħhom, kontrolli uffiċjali aktar effettivi u l-applikazzjoni xierqa ta' dan ir-Regolament jekk iwettqu attivitajiet relatati mal-produzzjoni u mal-kummerċjalizzazzjoni tal-PRM. Dan jinkludi r-reġistrazzjoni, iż-żamma ta' rekords u n-notifika tal-produzzjoni. Huwa xieraq li jenħtieġ li r-reġistrazzjoni tal-operaturi professjonisti tkun fir-reġistru diġà stabbilit mill-Istati Membri skont ir-Regolament (UE) 2016/2031 sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv għal dawk l-operaturi professjonisti. Dan huwa proporzjonat ukoll minħabba li l-maġġoranza l-kbira tal-operaturi professjonisti li jipproduċu u jikkummerċjalizzaw il-PRM diġà huma rreġistrati fir-reġistri tal-operaturi professjonisti taħt dak ir-Regolament.

(58) F'dan ir-rigward, u sabiex tiġi żgurata sistema ta' reġistrazzjoni uniformi u effettiva għall-operaturi professjonisti kollha kkonċernati, jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet mill-operaturi professjonisti, il-kontenut tar-reġistru u l-aġġornament tal-informazzjoni rilevanti.

(59) Sabiex jiġi minimizzat kemm jista' jkun il-piż amministrattiv tal-operaturi professjonisti li jipproduċu u jikkummerċjalizzaw esklużivament il-PRM ta' varjetajiet ta' konservazzjoni u ta' varjetajiet adattati lokalment, l-operaturi professjonisti li jikkummerċjalizzaw esklużivament il-PRM direttament lill-utenti mhux professjonisti, lill-organizzazzjonijiet u lin-networks li jikkummerċjalizzaw il-PRM għall-konservazzjoni tar-riżorsi ġenetiċi tal-pjanti jew lill-bdiewa li jiskambjaw il-PRM in natura, jenħtieġ li jiġu introdotti ċerti eċċezzjonijiet għall-obbligi tal-operaturi professjonisti.

(60) Sabiex jiġu indirizzati r-riskji għas-saħħa tal-bniedem, tal-annimali jew tal-pjanti, għall-ambjent jew għall-kultivazzjoni ta' ġeneri u speċijiet oħra, jenħtieġ li l-Istati Membri jitħallew jadottaw miżuri ta' emerġenza interim proporzjonati u limitati fiż-żmien sakemm il-Kummissjoni tadotta miżuri korrispondenti fil-livell tal-Unjoni.

(61) L-esperjenza wriet li huwa essenzjali li tiġi kkontrollata l-kwalità tal-PRM ikkummerċjalizzat sabiex jiġi vverifikat li l-PRM fis-suq jikkonforma mar-rekwiżiti applikabbli. Għalhekk, jeħtieġ li tiġi stabbilita sistema komprensiva ta' traċċabilità li tippermetti l-irtirar mis-suq jew is-sottomissjoni ta' informazzjoni lill-utenti tal-PRM jew lill-awtoritajiet kompetenti. Għal dik ir-raġuni, jenħtieġ li jkun obbligatorju li l-operaturi professjonisti jżommu l-informazzjoni u r-rekords dwar it-trasferimenti minn u lejn utenti professjonisti.

(62) Huwa importanti li jiġi żgurat li, bħala regola ġenerali, il-PRM kollu tal-ġeneri u tal-ispeċijiet fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament ikun soġġett għar-reġistrazzjoni tal-varjetà li għaliha jappartjeni dak il-PRM, id-deskrizzjoni tal-varjetà u r-regoli relatati.

(63) Jenħtieġ li l-Istati Membri kollha jistabbilixxu reġistru nazzjonali tal-varjetajiet li jkun fih mill-inqas il-varjetajiet irreġistrati kollha, il-varjetajiet li għalihom tkun tressqet applikazzjoni għar-reġistrazzjoni, u l-varjetajiet li ma għadhomx irreġistrati sabiex l-utenti tagħhom ikunu jistgħu jagħmlu għażliet infurmati u jiżguraw kontrolli uffiċjali aktar effettivi.

(64) Jenħtieġ li r-reġistru nazzjonali tal-varjetajiet jinkludi żewġ tipi ta' varjetajiet: varjetajiet irreġistrati fuq il-bażi ta' deskrizzjoni uffiċjali, jekk jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' distintività, ta' uniformità u ta' stabbiltà, u varjetajiet irreġistrati fuq il-bażi ta' deskrizzjoni rikonoxxuta uffiċjalment fil-każ ta' varjetajiet ta' konservazzjoni jew varjetajiet adattati lokalment. L-eżistenza ta' dawn iż-żewġ deskrizzjonijiet differenti hija neċessarja sabiex jiġu sseparati dawn iż-żewġ tipi ta' varjetajiet. Jenħtieġ li l-ewwel waħda tkun ibbażata fuq eżamijiet tekniċi, filwaqt li jenħtieġ li l-oħra tkun ibbażata fuq esperjenza prattika miksuba u informazzjoni miksuba permezz tal-użu jew it-tnissil tal-varjetà. Approċċ bħal dan jista' joffri l-informazzjoni meħtieġa dwar il-karatteristiċi tal-varjetajiet u l-identità tagħhom.

(65) Jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jinnotifikaw ukoll il-varjetajiet irreġistrati lir-reġistru tal-varjetajiet tal-Unjoni biex jiżguraw ħarsa ġenerali lejn il-varjetajiet kollha permessi għall-kummerċjalizzazzjoni fl-Unjoni. Jenħtieġ li r-reġistru tal-varjetajiet tal-Unjoni jkun aċċessibbli permezz ta' portal elettroniku, attwalment magħruf bħala l-Portal tal-UE dwar il-Varjetajiet tal-Pjanti. Sabiex jiġi żgurat li l-utenti jkunu infurmati b'mod aktar komprensiv, jenħtieġ li dak il-portal jinkludi informazzjoni minn bażijiet tad-data rilevanti oħra.

(66) Minħabba ż-żieda mistennija fl-importanza u fl-użu tagħhom għal ċerti speċijiet, u sabiex jiġu żgurati t-trasparenza u l-kontrolli uffiċjali effettivi u sabiex l-utenti tagħhom ikunu jistgħu jagħmlu għażliet infurmati, jenħtieġ li l-kloni magħżula u l-materjal poliklonali jiġu rreġistrati f'lista nazzjonali stabbilita mill-awtoritajiet kompetenti u trażmessa lill-Kummissjoni għall-pubblikazzjoni tagħha fil-portal elettroniku.

(67) Il-varjetajiet li jittolleraw l-erbiċidi huma varjetajiet li trabbew sabiex ikunu tolleranti intenzjonalment għall-erbiċidi, sabiex jiġu kkultivati flimkien mal-użu ta' dawk l-erbiċidi. Jekk kultivazzjoni bħal din ma ssirx f'kundizzjonijiet xierqa, tista' twassal għall-iżvilupp ta' ħaxix ħażin reżistenti għal dawk l-erbiċidi, għat-tixrid ta' ġeni ta' reżistenza bħal dawn fl-ambjent jew għall-ħtieġa li jiżdiedu l-kwantitajiet ta' erbiċidi applikati. Peress li dan ir-Regolament għandu l-għan li jikkontribwixxi għas-sostenibbiltà tal-produzzjoni agrikola, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri responsabbli għar-reġistrazzjoni tal-varjetajiet u l-Istati Membri fejn il-varjetajiet ikunu ser jiġu kkultivati jkunu jistgħu jagħmlu il-kultivazzjoni ta' dawk il-varjetajiet fit-territorju tagħhom soġġetta għall-kundizzjonijiet ta' kultivazzjoni xierqa sabiex jiġu evitati dawk l-effetti mhux mixtieqa.

(68) Sabiex jikkontribwixxi għas-sostenibbiltà tal-produzzjoni agrikola u jaqdi l-ħtiġijiet ekonomiċi, ambjentali u soċjetali usa', jenħtieġ li l-valur għall-kultivazzjoni u l-użu sostenibbli ta' varjetajiet ġodda ta' ġeneri jew speċijiet ta' dwieli, patata u pjanti agrikoli, bl-eċċezzjoni ta' varjetajiet użati esklużivament għal finijiet ta' tapit tat-turf, jenħtieġ li jiġi vvalutat f'eżami tekniku. Jenħtieġ li varjetajiet ġodda juru titjib meta mqabbla ma' varjetajiet oħra tal-istess ġeneri jew speċijiet irreġistrati fl-istess reġistru nazzjonali tal-varjetajiet rigward ċerti aspetti dwar il-kultivazzjoni u l-użu. Jenħtieġ li l-aspetti li għandhom jiġu vvalutati jkunu r-rendiment, inkluż l-istabbiltà tar-rendiment u r-rendiment f'kundizzjonijiet ta' input baxx; it-tolleranza jew ir-reżistenza għal stress bijotiku, inkluż mard tal-pjanti kkawżat minn nematodi, minn fungi, minn batterji, minn viruses, minn insetti u minn pesti oħrajn; it-tolleranza jew ir-reżistenza għal stress abijotiku, inkluż l-adattament għall-kundizzjonijiet klimatiċi; l-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi naturali, bħall-ilma u n-nutrijenti; il-ħtieġa mnaqqsa għall-inputs esterni, bħal prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u fertilizzanti; karatteristiċi li jtejbu s-sostenibbiltà tal-ħsad, il-ħżin, l-ipproċessar, id-distribuzzjoni u l-użu; il-karatteristiċi tal-kwalità jew tan-nutrizzjoni; u l-kapaċità ta' kultivazzjoni f'assoċjazzjoni ma' speċijiet jew varjetajiet oħra. Sabiex tittieħed deċiżjoni dwar ir-reġistrazzjoni tal-varjetà u sabiex tiġi pprovduta flessibbiltà suffiċjenti biex jiġu rreġistrati l-varjetajiet bl-aktar karatteristiċi mixtiqin, jenħtieġ li dawk l-aspetti jitqiesu għal varjetà partikolari kollha kemm hi.

(69) Barra minn hekk, sabiex il-varjetajiet organiċi adattati għall-produzzjoni organika kif definita fl-Artikolu 3, il-punt (19), tar-Regolament (UE) 2018/848 jiġu adattati b'mod aktar effettiv għall-ħtiġijiet speċifiċi tal-produzzjoni organika, jenħtieġ li l-eżami tagħhom tal-valur għall-kultivazzjoni u għall-użu sostenibbli jitwettaq f'kundizzjonijiet organiċi.

(70) Għal raġunijiet ta' effiċjenza u tnaqqis tal-piż amministrattiv, jenħtieġ li l-varjetajiet li jkunu ngħataw dritt fuq il-varjetà tal-pjanti skont l-Artikolu 62 tar-Regolament (KE) Nru 2100/94 jew skont il-liġi nazzjonali ta' Stat Membru, jitqiesu bħala distinti, uniformi u stabbli u li jkollhom denominazzjoni xierqa għall-finijiet ta' dan ir-Regolament meta l-eżami tad-distintività, tal-uniformità u tal-istabbiltà jkun twettaq minn uffiċċju tal-eżami li jkun ġie awtorizzat mill-Kummissjoni abbażi ta' opinjoni tal-Uffiċċju Komunitarju tal-Varjetajiet tal-Pjanti (CPVO).

(71) Jenħtieġ li kull varjetà rreġistrata jkollha denominazzjoni unika xierqa biex tiġi żgurata l-identifikazzjoni tal-varjetà. Jenħtieġ li dik id-denominazzjoni ma tikkawżax konfużjoni dwar l-identifikazzjoni tal-varjetà jew tkun qarrieqa jew tikkawża reat bi kwalunkwe mod. Fil-każ ta' varjetajiet ta' konservazzjoni, jenħtieġ li jkun possibbli li jintużaw sinonimi peress li din hija prattika komuni għal dan it-tip ta' varjetajiet. Jenħtieġ li dawk is-sinonimi jiġu indikati fir-reġistru nazzjonali tal-varjetajiet.

(72) Jenħtieġ li l-proċedura ta' reġistrazzjoni tal-varjetà tiġi ddefinita b'mod preċiż, sabiex jiġu żgurati ċertezza legali għall-applikanti u għall-awtoritajiet kompetenti u kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni għall-applikanti kollha. Għal din ir-raġuni, jenħtieġ li jiġu stipulati regoli dwar il-preżentazzjoni, il-kontenut, l-eżami formali u d-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet, l-eżamijiet tekniċi, l-uffiċċji tal-eżami li jwettqu l-eżamijiet tekniċi, il-kunfidenzjalità, ir-rapport tal-eżami u d-deskrizzjoni uffiċjali, l-eżami tal-varjetajiet ta' konservazzjoni u tal-varjetajiet adattati lokalment, l-eżami tad-denominazzjoni ta' varjetà u d-deċiżjoni dwar ir-reġistrazzjoni ta' varjetà fir-reġistru nazzjonali tal-varjetajiet.

(73) Jenħtieġ li jiġu stipulati regoli dwar l-eżami tekniku tal-varjetajiet sabiex jiġi konkluż jekk humiex distinti, uniformi u stabbli. Minħabba l-importanza ta' dak l-eżami għas-settur tat-tnissil tal-pjanti u l-fatt li dan iwassal għall-produzzjoni ta' deskrizzjoni uffiċjali, jenħtieġ li dak l-eżami jitwettaq biss mill-awtorità kompetenti. Jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jkollhom il-possibbiltà, taħt ċerti kundizzjonijiet, li jqisu r-rapporti ta' eżami eżistenti dwar id-distintività, l-uniformità u l-istabbiltà, u dwar il-valur għall-kultivazzjoni u l-użu sostenibbli.

(74) Madankollu, sabiex jittaffa l-piż amministrattiv, tiġi żgurata d-disponibbiltà tal-faċilitajiet tal-ittestjar u jitnaqqsu l-kostijiet għall-awtoritajiet kompetenti, jenħtieġ li jkun possibbli għall-awtorità kompetenti li tikkollabora ma' persuni fiżiċi jew ġuridiċi għall-finijiet tal-eżami tekniku.

(75) Għal raġunijiet ta' ċertezza legali, jenħtieġ li l-awtorità kompetenti tadotta deċiżjoni finali dwar ir-reġistrazzjoni tal-varjetà. Qabel dan, jenħtieġ li l-eżami tal-varjetà jiġi konkluż u jenħtieġ li jinħarġu rapport tal-eżami u deskrizzjoni uffiċjali. Barra minn hekk, jenħtieġ li tiġi adottata deċiżjoni dwar id-denominazzjoni tal-varjetà wara konsultazzjoni mas-CPVO, sabiex isir l-aħjar użu possibbli mir-riżorsi u l-għarfien espert tas-CPVO u biex tiġi żgurata l-konsistenza mal-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 2100/94 f'dan il-qasam.

(76) Għal raġunijiet ta' effiċjenza u sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv għall-awtoritajiet kompetenti u għall-applikanti, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jirreġistraw fir-reġistri nazzjonali tal-varjetajiet tagħhom il-varjetajiet kollha aċċettati jew irreġistrati uffiċjalment qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, fil-katalogi, fil-listi jew fir-reġistri stabbiliti mill-Istati Membri tagħhom skont id-Direttivi 68/193/KEE, 2002/53/KE, 2002/55/KE u 2008/90/KE u d-Direttivi tal-Kummissjoni 2008/62/KE[21] u 2009/145/KE[22]. Peress li l-PRM ta' dawk il-varjetajiet diġà huwa kkummerċjalizzat fl-Unjoni u jintuża mill-bdiewa u minn operaturi professjonisti oħrajn, jenħtieġ li dawk il-varjetajiet ma jkunux soġġetti għal proċedura ġdida ta' reġistrazzjoni.

(77) Għall-istess raġuni, jenħtieġ li l-varjetajiet li jappartjenu għal speċijiet li ma kinux koperti mid-Direttivi 68/193/KEE, 2002/53/KE, 2002/55/KE, 2008/62/KE, 2008/90/KE u 2009/145/KE iżda li huma koperti minn dan ir-Regolament jiġu rreġistrati f'konformità ma' dan ir-Regolament mingħajr ma tiġi applikata l-proċedura l-ġdida ta' reġistrazzjoni jekk dawk il-varjetajiet kienu elenkati f'reġistru nazzjonali uffiċjali tal-varjetajiet f'konformità mar-regoli nazzjonali.

---

21 Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2008/62/KE tal-20 ta' Ġunju 2008 li tipprevedi ċerti derogi għall-approvazzjoni ta' landraces (tipi partikolari) u varjetajiet agrikoli li huma adattati b'mod naturali għall-kundizzjonijiet lokali u reġjonali u mhedda minn tagħwir ġenetiku, u t-tqegħid fis-suq ta' żerriegħa u patata taż-żerriegħa ta' dawk il-landraces u varjetajiet (ĠU L 162, 21.6.2008, p. 13, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2008/62/oj).

22 Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2009/145/KE tas-26 ta' Novembru 2009 li tipprevedi ċerti derogi, għall-approvazzjoni ta' landraces (tipi partikulari) u varjetajiet tal-ħxejjex tradizzjonalment imkabbra f'lokalitajiet u f'reġjuni partikulari u li huma mhedda minn tagħwir ġenetiku u varjetajiet tal-ħxejjex bla ebda valur intrinsiku għall-produzzjoni kummerċjali tal-għelejjel iżda żviluppati biex jitkabbru f'kundizzjonijiet partikulari u t-tqegħid fis-suq ta' dawk il-landraces u l-varjetajiet (ĠU L 312, 27.11.2009, p. 44, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2009/145/oj).

(78) Jenħtieġ li l-perjodu ta' reġistrazzjoni ta' varjetà jkun ta' 10 snin, sabiex jitħeġġu l-innovazzjoni fis-settur tat-tnissil u t-tneħħija mis-suq ta' varjetajiet antiki u s-sostituzzjoni tagħhom b'oħrajn ġodda. Madankollu, jenħtieġ li dak il-perjodu jkun ta' 30 sena għall-varjetajiet ta' konservazzjoni u għall-varjetajiet adattati lokalment, minħabba l-fini fit-tul tal-konservazzjoni iżda sabiex xorta tiġi żgurata r-rilevanza, kif ukoll għall-varjetajiet tal-ġeneri jew tal-ispeċijiet tal-pjanti tal-frott u tad-dwieli, minħabba ż-żmien itwal meħtieġ għat-tlestija taċ-ċiklu produttiv ta' dawk il-ġeneri jew speċijiet.

(79) Jenħtieġ li kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika b'interess leġittimu jkollha l-possibbiltà li tapplika għat-tiġdid tal-perjodu ta' reġistrazzjoni ta' varjetà sabiex il-kummerċjalizzazzjoni ta' PRM ta' ċerti varjetajiet tkun tista' tkompli jekk tiġi stabbilita ħtieġa u jekk dawn ikunu għadhom jissodisfaw ir-rekwiżiti applikabbli. Jenħtieġ li jiġu stabbiliti wkoll regoli dwar it-terminazzjoni tar-reġistrazzjoni, inkluż każijiet fejn ma tkun ġiet sottomessa l-ebda applikazzjoni għat-tiġdid, fejn it-terminazzjoni tar-reġistrazzjoni tkun intalbet mill-applikant ("ċeduta") jew fejn il-kundizzjonijiet għar-reġistrazzjoni ma jibqgħux jiġu sodisfatti.

(80) Jenħtieġ li jiġu stipulati regoli dwar is-selezzjoni konservattiva tal-varjetajiet f'konformità mal-prattiki aċċettati. Dan huwa meħtieġ sabiex tiġi żgurata l-identità varjetali matul il-perjodu tar-reġistrazzjoni tagħha, li tista' tiġi żgurata biss jekk is-selezzjoni konservattiva tal-varjetajiet rispettiva titwettaq mill-applikant, jew minn persuni fiżiċi jew ġuridiċi oħra fl-Unjoni jew f'pajjiż terz li jkunu ngħataw l-ekwivalenza, skont ċerti rekwiżiti u soġġett għall-kontrolli uffiċjali mill-awtoritajiet kompetenti.

(81) Jenħtieġ li jiġu stipulati regoli dwar il-kontenut tar-reġistri nazzjonali tal-varjetajiet u tar-reġistru tal-varjetajiet tal-Unjoni, u ż-żamma tal-kampjuni taż-żerriegħa jew pjanti ħajjin tal-varjetajiet irreġistrati ("kampjun standard") li hija deskrizzjoni ħajja tal-varjetà. Dan huwa importanti sabiex jiġu żgurati l-aċċessibbiltà għall-informazzjoni meħtieġa dwar il-varjetà, l-identifikazzjoni tagħha matul il-perjodu tar-reġistrazzjoni tagħha u d-disponibbiltà ta' kampjuni standard għall-ittestjar b'roqgħa ta' kontroll fil-kuntest taċ-ċertifikazzjoni tal-PRM.

(82) Jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu meħtieġa jissottomettu lill-Kummissjoni fuq bażi regolari informazzjoni speċifikata inkluż b'mod partikolari l-kwantitajiet ta' PRM prodott u l-għadd ta' operaturi professjonisti. Dik l-informazzjoni hija importanti għall-evalwazzjoni tal-effetti ta' dan ir-Regolament u biex jiġu identifikati emendi futuri meħtieġa biex jintlaħaq aħjar l-objettivi tiegħu.

(83) Jenħtieġ li l-Istati Membri jingħataw is-setgħa li jimponu azzjonijiet korrettivi jew penali, kif xieraq, fuq l-operaturi professjonisti f'każijiet ta' nuqqas ta' konformità mar-regoli ta' dan ir-Regolament jew il-ksur tagħhom. L-objettiv ta' dawk il-miżuri huwa li tiġi żgurata l-konformità tal-PRM ikkonċernat mar-rekwiżiti applikabbli ta' dan ir-Regolament u li jiġi evitat li l-operaturi professjonisti jiksbu vantaġġ ekonomiku minn prattiki frodulenti jew miċ-ċirkomvenzjoni tar-regoli.

(84) Jenħtieġ li jkun possibbli għall-Istati Membri li jiġbru tariffi għall-azzjonijiet tagħhom imwettqa fir-rigward ta' dan ir-Regolament. Jenħtieġ li dawk it-tariffi jiġu stabbiliti sabiex ikopru l-kostijiet tal-awtorità kompetenti għat-twettiq tal-attività.

(85) Sa ħames snin wara d-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport dwar l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament dwar il-PRM ikkummerċjalizzat lil utenti mhux professjonisti u l-PRM skambjat in natura bejn il-bdiewa. Dan huwa mixtieq sabiex jiġi eżaminat jekk, u jekk iva sa liema punt, l-użu tad-derogi wassal għal sitwazzjonijiet fejn il-PRM maħsub għal utenti mhux professjonisti jew il-PRM skambjat in natura bejn bdiewa jkun inbiegħ lil utenti professjonisti. Dan ikun mixtieq ukoll sabiex tiġi eżaminata l-prevalenza possibbli ta' ksur tad-drittijiet tal-varjetajiet tal-pjanti.

(86) Sabiex tiġi adattata l-lista ta' ġeneri u ta' speċijiet ta' PRM, li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, mal-iżviluppi relatati mas-sinifikat ta' mill-inqas żewġ kriterji fost iż-żona u mal-valur tal-produzzjoni, is-sigurtà tal-ikel u tal-għalf u l-għadd ta' Stati Membri ta' kultivazzjoni, jenħtieġ li s-setgħa ta' adozzjoni tal-atti f'konformità mal-Artikolu 290 TFUE tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-emendar ta' dik il-lista.

(87) Sabiex tiġi adattata l-lista tal-ġeneri u tal-ispeċijiet tal-PRM li jista' jiġi prodott u kkummerċjalizzat biss bħala żerriegħa jew materjal prebażiku, bażiku jew iċċertifikat fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament meta jkun hemm bżonn ta' garanziji ta' kwalità ogħla u meta l-kostijiet tal-attivitajiet ta' ċertifikazzjoni rilevanti jkunu proporzjonati, jenħtieġ li tiġi ddelegata lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 TFUE fir-rigward tal-emendar ta' dik il-lista.

(88) Sabiex ir-regoli dwar il-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tal-PRM jiġu adattati għall-iżviluppi fl-għarfien xjentifiku u tekniku u għall-istandards internazzjonali applikabbli, jenħtieġ li s-setgħa ta' adozzjoni tal-atti f'konformità mal-Artikolu 290 TFUE tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-emendar ta' ċerti rekwiżiti ta' dan ir-Regolament dwar il-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni taż-żerriegħa u tal-materjal prebażiċi, bażiċi, iċċertifikati u standard.

(89) Sabiex jiġi żgurat approċċ armonizzat għall-ittestjar b'roqgħa' ta' kontroll tal-lottijiet prebażiċi, bażiċi, iċċertifikati u standard taż-żerriegħa għal kull ġeneru, speċi jew kategorija, jenħtieġ li s-setgħa li jiġu adottati atti f'konformità mal-Artikolu 290 TFUE tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-kriterji li jintużaw biex jitwettqu analiżijiet tar-riskju, il-proċedura tal-kampjunar u tal-ittestjar u l-evalwazzjoni tar-riżultati tat-testijiet.

(90) Sabiex tiġi kkonfermata l-konformità tal-operaturi professjonisti mal-kundizzjonijiet biex iwettqu ċerti attivitajiet rigward iċ-ċertifikazzjoni taħt superviżjoni uffiċjali, jenħtieġ li tiġi ddelegata lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 TFUE fir-rigward ta' azzjonijiet speċifiċi li għandhom jittieħdu mill-awtoritajiet kompetenti.

(91) Sabiex ikun hemm approċċ armonizzat, jenħtieġ li tiġi ddelegata lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 TFUE fir-rigward tad-data u tal-arranġamenti tekniċi meħtieġa għall-ħruġ tat-tikketta uffiċjali għall-PRM prebażiku, bażiku u ċċertifikat u tat-tikketta tal-operatur għall-PRM standard u għal kwalunkwe tip ieħor ta' PRM.

(92) Sabiex jiġu żgurati regoli armonizzati dwar il-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni ta' taħlitiet ta' preservazzjoni, jenħtieġ li tiġi ddelegata lill-Kummissjoni s-setgħa li jiġu adottati atti f'konformità mal-Artikolu 290 TFUE fir-rigward ta' rekwiżiti ulterjuri għal tali taħlitiet li jikkonċernaw id-denominazzjoni tar-reġjun ta' oriġini, l-użu ta' ċerti speċijiet, l-awtorizzazzjoni ta' operaturi professjonisti, il-produzzjoni permezz ta' ġbir dirett jew permezz ta' multiplikazzjoni, l-attivitajiet imwettqa mill-awtorità kompetenti u l-kundizzjonijiet għall-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni ta' żerriegħa maħsuba għal taħlitiet ta' preservazzjoni.

(93) Sabiex il-lista tal-ġeneri u tal-ispeċijiet tal-PRM li jistgħu jiġu prodotti u kkummerċjalizzati bħala żerriegħa kummerċjali tiġi adattata għall-iżviluppi ekonomiċi u tat-tnissil rilevanti, jenħtieġ li tiġi ddelegata lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 TFUE fir-rigward tal-emendar ta' dik il-lista.

(94) Sabiex jiġi żgurat approċċ armonizzat għall-esperimenti temporanji biex jiġi ttestjat titjib potenzjali għal dan ir-Regolament, jenħtieġ li tiġi ddelegata lill-Kummissjoni s-setgħa li jiġu adottati atti f'konformità mal-Artikolu 290 TFUE fir-rigward tal-istabbiliment ta' dawk l-esperimenti, il-ġeneri jew l-ispeċijiet ikkonċernati minn dawk l-esperimenti, il-kundizzjonijiet tal-esperimenti għal kull ġeneru jew speċi, it-tul tal-esperimenti, u l-obbligi tal-Istati Membri li jipparteċipaw f'dawk l-esperimenti.

(95) Sabiex jiġu indirizzati sitwazzjonijiet fejn reġistrazzjoni ta' ċerti kategoriji ta' operaturi professjonisti tikkostitwixxi piż amministrattiv sproporzjonat fuqhom, jenħtieġ li tiġi ddelegata lill-Kummissjoni s-setgħa li jiġu adottati atti f'konformità mal-Artikolu 290 TFUE fir-rigward tal-estensjoni tal-lista ta' operaturi professjonisti li mhumiex meħtieġa li jkunu rreġistrati.

(96) Sabiex il-kontenut tar-reġistri tal-varjetajiet jiġi adattat għall-iżviluppi fl-għarfien tekniku u jkun hemm segwitu għall-esperjenza miksuba mir-reġistrazzjoni tal-varjetajiet, jenħtieġ li tiġi ddelegata lill-Kummissjoni s-setgħa li jiġu adottati atti f'konformità mal-Artikolu 290 TFUE fir-rigward tal-emendar tar-rekwiżiti li jikkonċernaw dak il-kontenut.

(97) Sabiex ir-rekwiżiti tekniċi għar-reġistrazzjoni ta' kloni magħżula u materjal poliklonali jiġu adattati għall-iżviluppi fl-għarfien xjentifiku u tekniku u għall-istandards internazzjonali applikabbli, jenħtieġ li tiġi ddelegata lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 TFUE fir-rigward tal-emendar ta' dawk ir-rekwiżiti.

(98) Sabiex id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament dwar l-eżami tal-valur għall-kultivazzjoni u għall-użu sostenibbli jiġu adattati għall-iżviluppi fl-għarfien xjentifiku u tekniku, u għal kwalunkwe politika jew regola ġdida tal-Unjoni dwar l-agrikoltura sostenibbli, jenħtieġ li tiġi ddelegata lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 TFUE fir-rigward tal-istabbiliment tar-rekwiżiti minimi għall-valutazzjoni tal-karatteristiċi eżaminati u l-evalwazzjoni u r-rappurtar tar-riżultati ta' dan l-eżami.

(99) Sabiex jiġu stipulati kriterji speċifiċi dwar denominazzjonijiet ta' varjetà fid-dawl tal-adegwatezza tagħhom, jenħtieġ li tiġi ddelegata lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 TFUE fir-rigward tat-trademarks, ir-relazzjoni ma' indikazzjonijiet ġeografiċi jew denominazzjoni ta' oriġini għal prodotti agrikoli, il-kunsens bil-miktub tad-detenturi ta' drittijiet preċedenti biex jitneħħew l-impedimenti għall-adegwatezza ta' denominazzjoni, l-użu ta' kodiċijiet, id-definizzjoni ta' speċijiet relatati mill-qrib u d-determinazzjoni ta' denominazzjonijiet qarrieqa, offensivi jew li joħolqu konfużjoni.

(100) Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, ukoll fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jiġu mwettqa f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet[23]. B'mod partikolari, biex tkun żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija tal-atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija tal-atti delegati.

[23] ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_interinstit/2016/512/oj.

(101) Sabiex ikunu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li jingħataw setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni. Jenħtieġ li dawk is-setgħat ikunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[24].

(102) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, u biex jitqiesu l-iżviluppi fl-għarfien xjentifiku u tekniku u fl-istandards internazzjonali applikabbli, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni fir-rigward tal-istabbiliment ta' regoli dwar l-ittestjar b'roqgħa ta' kontroll tal-lottijiet prebażiċi, bażiċi, iċċertifikati u standard taż-żerriegħa għal kull ġeneru, speċi jew kategorija.

(103) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, u sabiex jittejbu l-prestazzjoni tal-operaturi professjonisti u l-identità u l-kwalità tal-PRM prodott u kkummerċjalizzat minnhom, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni fir-rigward tal-ispeċifikazzjoni tar-rekwiżiti għall-evalwazzjonijiet, għat-taħriġ, għall-eżamijiet, għall-ispezzjonijiet, għall-kampjunar u għall-ittestjar, fir-rigward ta' ġeneri jew ta' speċijiet partikolari, għas-superviżjoni uffiċjali tal-operaturi professjonisti mill-awtoritajiet kompetenti.

[24] Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2011/182/oj).

(104) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament dwar l-immaniġġar u t-tikkettar tal-lottijiet tal-PRM, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni sabiex tistabbilixxi rekwiżiti speċifiċi għall-ispeċijiet kollha jew għal ċerti speċijiet tal-PRM, dwar id-daqs massimu tal-lottijiet, l-identifikazzjoni tagħhom, id-daqs tal-kampjuni u l-ittestjar tal-lottijiet, l-amalgamazzjoni jew il-qsim tal-lottijiet rigward l-oriġini tal-lottijiet tal-PRM, ir-reġistrazzjoni ta' dawk l-operazzjonijiet u t-tikkettar wara l-amalgamazzjoni jew il-qsim tal-lottijiet tal-PRM f'konformità mal-istandards internazzjonali applikabbli.

(105) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament dwar il-PRM f'pakketti, f'gzuz jew f'kontenituri u bħala pjanti individwali, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni sabiex tistabbilixxi rekwiżiti speċifiċi dwar l-issiġillar, id-daqs u l-forma tal-pakketti, tal-gzuz u tal-kontenituri ta' speċijiet speċifiċi tal-PRM, kif ukoll il-kundizzjonijiet għall-kummerċjalizzazzjoni taż-żerriegħa bl-ingrossa mingħajr issiġillar jew imballaġġ u r-rekords li għandhom jinżammu.

(106) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, u b'mod partikolari fir-rigward tal-leġġibbiltà, tar-rikonoxxibbiltà u tas-sigurtà tat-tikketti, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni sabiex tadotta dispożizzjonijiet speċifiċi dwar it-tikketti uffiċjali, it-tikketti tal-operatur, it-tikketti użati għal ċerti derogi u t-tikketti użati għal xi tipi speċifiċi ta' PRM, u tistabbilixxi l-kontenut, id-daqs, il-kulur, il-format, u fil-każ ta' PRM importat, il-lingwa ta' dawk it-tikketti, għall-kategoriji jew għat-tipi rispettivi tal-PRM.

(107) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament fir-rigward ta' taħlitiet ta' żrieragħ, u biex ikun hemm segwitu għal kwalunkwe żvilupp fl-għarfien xjentifiku u tekniku u fl-esperjenza prattika miksuba permezz tal-applikazzjoni tar-regoli rispettivi, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni għall-adozzjoni ta' dispożizzjonijiet speċifiċi dwar it-tagħmir u l-proċedura tat-taħlit, l-issiġillar, l-imballaġġ u t-tikkettar, il-kontenut, id-daqs, il-kulur u l-format tat-tikketta, l-użu applikabbli u d-denominazzjoni tat-taħlitiet.

(108) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament fir-rigward ta' rekwiżiti speċifiċi rigward l-imballaġġ u l-issiġillar tat-taħlitiet ta' preservazzjoni, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni għall-istabbiliment ta' dawk ir-rekwiżiti.

(109) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament fir-rigward tal-kummerċjalizzazzjoni bl-imnut tal-PRM ta' pjanti tal-frott u tal-ħxejjex, u sabiex il-kummerċjalizzazzjoni tal-PRM issir prattika u xierqa kemm jista' jkun għal kull speċi, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni sabiex tadotta regoli dwar id-daqs, il-forma, l-issiġillar u l-immaniġġar tal-pjanti individwali u għal pakketti żgħar għall-PRM ikkummerċjalizzati lil utenti mhux professjonisti.

(110) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament fir-rigward tad-deroga li tippermetti l-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tal-PRM li jappartjeni għall-varjetajiet taħt reġistrazzjoni għall-fini tat-twettiq ta' testijiet jew provi jew tat-tqegħid ta' varjetajiet ġodda fis-suq mingħajr dewmien, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni sabiex tispeċifika, fejn xieraq, il-kwantitajiet limitati tal-PRM li għalihom għandha tapplika dik id-deroga.

(111) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament fir-rigward tal-indirizzar tad-diffikultajiet temporanji fil-provvista tal-PRM, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni sabiex tawtorizza, għal perjodu massimu ta' 12-il xahar, il-kummerċjalizzazzjoni taż-żerriegħa jew tal-materjal tal-kategoriji prebażiċi, bażiċi, iċċertifikati jew standard soġġetti għal rekwiżiti anqas stretti, jew għal deroga mir-rekwiżit li tkun tappartjeni għal varjetà, u fir-rigward tar-revoka u tal-emendar ta' dik l-awtorizzazzjoni.

(112) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, u tiġi żgurata xi flessibbiltà għall-Istati Membri biex jadottaw miżuri nazzjonali aktar stretti, inkluż standards ta' kwalità ogħla, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni biex tawtorizza lill-Istati Membri jadottaw tali rekwiżiti għall-produzzjoni u għall-kummerċjalizzazzjoni tal-PRM, dment li dawk il-miżuri jikkorrispondu għad-domandi tas-suq, għall-kundizzjonijiet speċifiċi tal-produzzjoni jew għall-kundizzjonijiet agroklimatiċi ta' dak l-Istat Membru. Jenħtieġ li dawk il-miżuri aktar stretti ma jimponux, jew ma jirriżultawx fi, kwalunkwe projbizzjoni jew restrizzjoni fuq il-moviment ta' prodotti li joriġinaw minn Stati Membri oħrajn jew li jkunu destinati għalihom.

(113) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, u tiġi żgurata xi flessibbiltà għall-Istati Membri fir-rigward tal-ispeċijiet li l-kultivazzjoni tagħhom fit-territorju tagħhom tkun insinifikanti, u meta ċ-ċertifikazzjoni u l-kontroll tal-produzzjoni ta' dik l-ispeċi joħolqu piż amministrattiv sproporzjonat, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni biex temporanjament tippermetti li l-PRM li jappartjeni għal tali speċijiet jiġi prodott u kkummerċjalizzat f'dak l-Istat Membru mingħajr ma jkun soġġett għar-regoli dwar il-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni skont dan ir-Regolament.

(114) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, u jiġi żgurat rispons rapidu għal riskji immedjati, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni sabiex tieħu miżuri ta' emerġenza, meta jkun hemm raġunijiet dettaljati bbażati fuq għarfien xjentifiku ġdid jew addizzjonali sabiex jitqies li l-produzzjoni jew il-kummerċjalizzazzjoni tal-PRM tikkostitwixxi riskju serju għas-saħħa tal-bniedem, tal-annimali jew tal-pjanti, għall-ambjent jew għall-kultivazzjoni ta' ġeneri u speċijiet oħrajn, u tali riskju ma jkunx ġie vvalutat skont xi regola oħra tal-Unjoni u ma jkunx jista' jiġi kkontrollat b'mod sodisfaċenti mill-miżuri meħuda mill-Istat Membru kkonċernat. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni biex tadotta atti ta' implimentazzjoni applikabbli minnufih għal raġunijiet imperattivi ta' urġenza debitament ġustifikati, biex tindirizza riskju serju għas-saħħa tal-bniedem.

(115) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament fir-rigward tal-importazzjoni tal-PRM, u tiġi żgurata l-konformità tar-rekwiżiti tal-pajjiż terz mar-rekwiżiti tal-Unjoni, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni fir-rigward tar-rikonoxximent ta' jekk PRM ta' ġeneri, ta' speċijiet jew ta' kategoriji speċifiċi prodott f'pajjiż terz, jew f'żoni partikolari ta' pajjiż terz, jissodisfax ir-rekwiżiti ekwivalenti għal dawk applikabbli għall-PRM prodott u kkummerċjalizzat fl-Unjoni, sabiex jiġi importat. Jenħtieġ li l-Kummissjoni twettaq awditu għal kwalunkwe l-ewwel talba ta' ekwivalenza minn pajjiż terz. L-ekwivalenza tal-PRM li joriġina minn pajjiżi terzi ġiet rikonoxxuta permezz ta' proċeduri li jvarjaw f'konformità mad-Direttivi dwar il-kummerċjalizzazzjoni tal-PRM, u permezz ta' atti adottati abbażi tal-Artikolu 43(2) TFUE, jiġifieri d-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2003/17/KE[25] u 2005/834/KE[26]. Sabiex tiġi żgurata ċ-ċarezza legali għat-tranżizzjoni għall-qafas legali l-ġdid, jenħtieġ li dawk id-deċiżjonijiet dwar l-ekwivalenza jitħassru, u jenħtieġ li r-rikonoxximenti tal-ekwivalenza ta' tali deċiżjonijiet u regolamenti ta' implimentazzjoni jinġiebu taħt att ta' implimentazzjoni wieħed. Sabiex jiġu żgurati l-kontinwità u kundizzjonijiet uniformi fir-rikonoxximent tal-ekwivalenza tal-PRM importat mill-pajjiżi terzi kkonċernati mid-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tinkludi f'att ta' implimentazzjoni, mingħajr awditi, il-pajjiżi li għalihom tkun ġiet rikonoxxuta l-ekwivalenza f'konformità ma' dawk l-atti.

---

[25] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/17/KE tas-16 ta' Diċembru 2002 dwar l-ekwivalenza tal-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa fil-pajjiżi terzi fuq l-uċuħ tar-raba' li jipproduċu ż-żerriegħa u dwar l-ekwivalenza taż-żerriegħa prodotta fil-pajjiżi terzi (ĠU L 8, 14.1.2003, p. 10, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2003/17(1)/oj).

[26] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/834/KE tat-8 ta' Novembru 2005 dwar l-ekwivalenza tal-kontrolli, rigward il-prattika għaż-żamma ta' varjetajiet, imwettqa f'pajjiżi terzi u li temenda d-Deċiżjoni 2003/17/KE (ĠU L 312, 29.11.2005, p. 51, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2005/834/oj).

(116) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament u wkoll biex tiġi żgurata l-konsistenza fil-mod kif l-Unjoni tirrikonoxxi r-rekwiżiti ta' pajjiżi terzi bħala ekwivalenti, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni fir-rigward tal-ispeċifikazzjoni tad-data u l-informazzjoni li għandhom jiġu pprovduti minn pajjiżi terzi għal dak l-għan.

(117) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament u sabiex tiġi żgurata s-selezzjoni konservattiva xierqa tal-varjetajiet irreġistrati f'pajjiżi terzi wkoll, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni fir-rigward tar-rikonoxximent li l-verifiki fuq is-selezzjoni konservattiva tal-varjetajiet imwettqin f'pajjiż terz jagħtu l-istess garanziji bħal dawk applikabbli fl-Unjoni.

(118) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, filwaqt li jitqiesu l-protokolli stabbiliti mis-CPVO, il-linji gwida applikabbli tal-Unjoni Internazzjonali għall-Protezzjoni ta' Varjetajiet Ġodda ta' Pjanti (UPOV) jew protokolli nazzjonali rilevanti oħra, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni għall-istabbiliment ta' rekwiżiti speċifiċi dwar id-distintività, l-uniformità u l-istabbiltà għal kull ġeneru jew speċi ta' varjetajiet, inkluż rekwiżiti aġġustati tal-uniformità għal varjetajiet organiċi xierqa għall-produzzjoni organika, u l-karatteristiċi u l-informazzjoni li d-deskrizzjoni rikonoxxuta uffiċjalment tal-varjetà għandha tkopri fil-każ ta' varjetajiet ta' konservazzjoni jew varjetajiet adattati lokalment.

(119) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament u biex jiġu żgurati l-kredibbiltà u l-kwalità għolja tal-eżamijiet dwar id-distintività, l-uniformità u l-istabbiltà, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni għall-awtorizzazzjoni tal-uffiċċji tal-eżami biex iwettqu l-eżami tekniku ta' varjetà għall-ġeneri jew l-ispeċijiet rispettivi. Sabiex jiġu żgurati l-kredibbiltà u l-kwalità għolja ta' dawk l-eżamijiet, jenħtieġ li dik l-awtorizzazzjoni tiġi adottata abbażi ta' opinjoni tas-CPVO dwar l-adegwatezza tal-uffiċċju tal-eżamijiet biex iwettaq tali eżamijiet.

(120) Bl-istess mod, u sabiex tissaħħaħ il-possibbiltà għall-Unjoni li tirreġistra l-varjetajiet, jekk l-ebda uffiċċju tal-eżami fl-Unjoni ma jkun awtorizza l-ġeneri jew l-ispeċijiet rispettivi, jenħtieġ li jkun possibbli li jintużaw uffiċċji tal-eżami f'pajjiż terz. Għal din ir-raġuni, u sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni għall-awtorizzazzjoni ta' uffiċċji tal-eżami f'pajjiżi terzi. Sabiex jiġu żgurati l-kredibbiltà u l-kwalità għolja ta' dawk l-eżamijiet, jenħtieġ li dik l-awtorizzazzjoni tiġi adottata abbażi ta' opinjoni tas-CPVO dwar l-adegwatezza tal-uffiċċju tal-eżami biex iwettaq tali eżamijiet.

(121) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni biex tispeċifika l-mod li bih l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jikkollaboraw ma' persuni fiżiċi jew ġuridiċi għall-finijiet tal-eżami tekniku tad-distintività, l-uniformità u l-istabbiltà u tal-valur għall-kultivazzjoni u l-użu sostenibbli.

(122) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni sabiex tadotta regoli speċifiċi li jispeċifikaw id-daqs tal-kampjun standard ta' varjetajiet reġistrati u li jistabbilixxu r-regoli għas-sostituzzjoni tiegħu u għat-tqegħid għad-dispożizzjoni tiegħu lil awtoritajiet kompetenti oħrajn.

(123) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni biex tispeċifika l-formati tekniċi għar-rapportar tal-Istati Membri dwar il-funzjonament tas-sistema ta' produzzjoni u kummerċjalizzazzjoni tal-PRM.

(124) Sabiex jiġi evitat it-tfixkil tal-produzzjoni u tal-kummerċjalizzazzjoni tal-PRM minħabba t-tranżizzjoni mid-Direttivi dwar il-kummerċjalizzazzjoni tal-PRM għar-regoli l-ġodda, jenħtieġ li jiġu adottati miżuri speċjali. Għalhekk, jenħtieġ li l-PRM prodott jew ikkummerċjalizzat qabel l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament ikompli jitqiegħed għad-dispożizzjoni fis-suq biex jippermetti l-użu ta' stokkijiet eżistenti u jevita l-iskart. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-varjetajiet li ġew irreġistrati skont id-Direttivi dwar il-kummerċjalizzazzjoni tal-PRM jiġu rreġistrati f'konformità ma' dan ir-Regolament mingħajr ma tiġi applikata l-proċedura l-ġdida ta' reġistrazzjoni. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-varjetajiet tal-ġeneri jew tal-ispeċijiet koperti minn dan ir-Regolament li ma kinux koperti mid-Direttivi dwar il-kummerċjalizzazzjoni tal-PRM u li ġew irreġistrati f'reġistru nazzjonali tal-varjetajiet skont ir-regoli nazzjonali qabel id-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament jiġu rreġistrati fir-reġistri nazzjonali tal-varjetajiet rilevanti mingħajr ma jiġu applikati r-regoli stipulati f'dan ir-Regolament. Sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali, jenħtieġ li tali reġistrazzjoni ssir sad-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Għall-istess raġunijiet, taħt kundizzjonijiet speċifiċi, jenħtieġ li l-operaturi professjonisti jiġu rreġistrati mingħajr is-sottomissjoni ta' applikazzjoni għar-reġistrazzjoni, jekk ikunu rreġistrati f'konformità mad-Direttivi dwar il-kummerċjalizzazzjoni tal-PRM.

(125) Jenħtieġ li d-Direttivi dwar il-kummerċjalizzazzjoni tal-PRM jitħassru, peress li dan ir-Regolament jissostitwihom. B'konsegwenza ta' dan, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2016/2031 jiġi emendat sabiex jitħassru r-referenzi għal dawk id-Direttivi u sabiex jiġi żgurat li l-pesti regolati mhux ta' kwarantina tal-Unjoni jkunu regolati esklużivament b'dak ir-Regolament u li t-tipi kollha ta' PRM ikunu koperti.

(126) Jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[27] jiġi emendat sabiex il-kamp ta' applikazzjoni tiegħu jinkludi l-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tal-PRM f'konformità ma' dan ir-Regolament. Dan huwa importanti sabiex jiġi ggarantit approċċ uniformi fir-rigward tal-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċċjali oħra għall-produzzjoni tal-pjanti u tal-katina alimentari kollha peress li r-Regolament (UE) 2017/625 japplika wkoll għall-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolamenti (UE) 2016/2031 u (UE) 2018/848.

(127) F'dan ir-rigward, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa sabiex tistabbilixxi regoli għat-twettiq tal-kontrolli uffiċjali fuq il-PRM għall-verifika tal-konformità mar-regoli tal-Unjoni għall-importazzjoni u għall-kummerċjalizzazzjoni fl-Unjoni tal-PRM, u fuq l-attivitajiet tal-operaturi professjonisti matul il-produzzjoni tal-PRM, kif ukoll regoli għall-azzjoni meħuda mill-awtoritajiet kompetenti insegwitu għat-twettiq ta’ dawk il-kontrolli uffiċċjali.

---

[27] Ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 999/2001, (KE) Nru 396/2005, (KE) Nru 1069/2009, (KE) Nru 1107/2009, (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru 652/2014, (UE) 2016/429 u (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 u (KE) Nru 1099/2009 u d-Direttivi tal-Kunsill 98/58/KE, 1999/74/KE, 2007/43/KE, 2008/119/KE u 2008/120/KE, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE, 89/662/KEE, 90/425/KEE, 91/496/KEE, 96/23/KE, 96/93/KE u 97/78/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/438/KEE (Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali) (ĠU L 95, 7.4.2017, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2017/625/oj).

(128) Madankollu, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2017/625 ma japplikax fl-intier tiegħu għall-attivitajiet relatati mar-reġistrazzjoni tal-varjetajiet f'dan ir-Regolament. Barra minn hekk, jenħtieġ li f'dan ir-Regolament isiru derogi minn Artikoli speċifiċi ta' dak ir-Regolament. Dan jinkludi b'mod partikolari dawk id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2017/625 li jimponu piżijiet amministrattivi ġodda fuq l-awtoritajiet kompetenti li jkunu sproporzjonati biex jintlaħqu l-objettivi ta' dan ir-Regolament.

(129) F'konformità mal-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill iqisu li, sabiex jiġi żgurat li tkun inġabret biżżejjed esperjenza dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament qabel ma titqies kwalunkwe estensjoni tal-valur għar-rekwiżiti tal-kultivazzjoni u tal-użu sostenibbli għal ġeneri jew speċijiet addizzjonali, jenħtieġ li kwalunkwe rapport li jivvaluta tali estensjoni jiġi ppreżentat biss 10 snin wara d-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Dan ir-Regolament huwa mingħajr preġudizzju għad-dritt ta' inizjattiva tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 17(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE).

(130) Minħabba li l-objettiv ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li jiġi żgurat approċċ armonizzat fir-rigward tal-produzzjoni u tal-kummerċjalizzazzjoni tal-PRM ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda jista' pjuttost, minħabba l-effetti, il-kumplessità u l-karattru internazzjonali tiegħu, jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 TUE. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkiseb dak l-objettiv. Minħabba dan, u kif meħtieġ, huwa jintroduċi derogi jew rekwiżiti speċifiċi għal ċerti tipi ta' PRM u ta' operaturi professjonisti.

(131) Jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika minn 48 xahar wara d-dħul fis-seħħ tiegħu, sabiex l-awtoritajiet kompetenti u l-operaturi professjonisti jkunu jistgħu jadattaw għad-dispożizzjonijiet tiegħu u sabiex jipprovdi ż-żmien meħtieġ għall-adozzjoni tal-atti delegati u ta' implimentazzjoni rilevanti,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Kapitolu I
Dispożizzjonijiet ġenerali

Artikolu 1

Suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli rigward il-produzzjoni ta' materjal riproduttiv tal-pjanti ("PRM") bil-ħsieb tal-kummerċjalizzazzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tal-PRM fl-Unjoni, u b'mod partikolari r-rekwiżiti għall-produzzjoni tal-PRM fl-għalqa u f'siti oħrajn, il-kategoriji tal-PRM, ir-rekwiżiti dwar l-identità u l-kwalità, iċ-ċertifikazzjoni, it-tikkettar, l-imballaġġ, l-importazzjonijiet, l-operaturi professjonisti u r-reġistrazzjoni tal-varjetajiet.

Artikolu 2

Kamp ta' applikazzjoni u objettivi

1. Dan ir-Regolament japplika għall-PRM li jappartjeni għall-ġeneri u għall-ispeċijiet elenkati fl-Anness I, fir-rigward tal-użi indikati f'dak l-Anness, kif ukoll għall-ibridi tagħhom.

   Japplika wkoll għas-salvaġġi u għal partijiet oħrajn tal-pjanti ta' ġeneri jew ta' speċijiet għajr dawk elenkati fl-Anness I jew għall-ibridi tagħhom jekk il-materjal tal-ġeneru jew tal-ispeċijiet elenkati fl-Anness I jew tal-ibridi tagħhom jitlaqqam jew irid jitlaqqam fuqhom.

2. Ir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament li jikkonċernaw il-produzzjoni tal-PRM għandhom japplikaw biss għall-produzzjoni bil-ħsieb tal-kummerċjalizzazzjoni tal-PRM fl-Unjoni.

3. L-objettivi ta' dan ir-Regolament huma dawn li ġejjin:

(a) li jiżgura l-kwalità u d-diversità tal-PRM, u d-disponibbiltà ta' tali PRM għall-utenti kollha, inkluż għall-operaturi professjonisti u għall-bdiewa;

(b) li jiżgura kundizzjonijiet ġusti għall-kompetizzjoni bejn operaturi professjonisti madwar l-Unjoni, u biex jiżgura l-funzjonament tas-suq intern fil-PRM;

(c) li jsostni l-innovazzjoni fis-settur tal-PRM u l-kompetittività tiegħu fl-Unjoni;

(d) li jikkontribwixxi għall-konservazzjoni, inkluża l-konservazzjoni dinamika, u għall-użu sostenibbli tar-riżorsi ġenetiċi tal-pjanti u tal-agrobijodiversità;

(e) li jikkontribwixxi għall-produzzjoni agrikola sostenibbli li hija adattata għall-kundizzjonijiet klimatiċi attwali u dawk imbassrin għall-ġejjieni u għal kundizzjonijiet ambjentali oħrajn;

(f) li jikkontribwixxi għas-sigurtà u s-sovranità tal-ikel u l-għalf.

4. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 79 li jemendaw l-Anness I sabiex tadattah għall-iżviluppi fl-għarfien xjentifiku u tekniku u għall-bidliet fid-data ekonomika dwar il-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tal-ġeneri u tal-ispeċijiet billi żżid jew tħassar il-ġeneri u l-ispeċijiet għal użu wieħed jew aktar.

L-atti delegati imsemmija fl-ewwel subparagrafu jistgħu jżidu ġeneru jew speċi għal użu wieħed jew iktar mal-lista fl-Anness I jekk jissodisfa tal-anqas tnejn mill-kriterji li ġejjin fir-rigward tal-użi intiżi tagħhom:

(a) jirrappreżenta żona sinifikanti tal-produzzjoni tal-PRM jew tal-għalla rilevanti u valur sinifikanti tal-PRM kummerċjalizzat jew tal-għalla rilevanti fl-Unjoni;

(b) ikun ta' importanza sostanzjali għas-sigurtà tal-produzzjoni tal-ikel u tal-għalf fl-Unjoni, meta mqabbla ma' ġeneri u ma' speċijiet oħrajn mhux elenkati f'dak l-Anness; u

(c) il-PRM ta' dak il-ġeneru jew l-ispeċi jiġi kkummerċjalizzat f'mill-inqas żewġ Stati Membri.

L-atti delegati msemmija fl-ewwel subparagrafu jistgħu jħassru l-ġeneru jew l-ispeċi għal użu wieħed jew iktar mil-lista fl-Anness I jekk ma jibqax jissodisfa tal-anqas tnejn mill-kriterji stipulati fit-tieni subparagrafu.

L-atti delegati adottati skont dan il-paragrafu għandhom jispeċifikaw il-kriterji użati biex jiġi ddeterminat li ż-żona tal-produzzjoni jew il-valur kummerċjalizzat huma sinifikanti jew li l-importanza għas-sigurtà tal-produzzjoni tal-ikel u tal-għalf hija sostanzjali fir-rigward tal-ġeneri u l-ispeċijiet u l-użi kkonċernati.

5. Dan ir-Regolament ma japplikax għal:

(a) PRM tal-ġeneri u tal-ispeċijiet elenkati fl-Anness I maħsuba għal skopijiet ornamentali f'konformità mad-Direttiva 98/56/KE, bl-eċċezzjoni taż-żerriegħa maħsuba għall-użu fit-tapit tat-turf;

(b) materjal riproduttiv tal-foresti soġġett għar-Regolament (UE) 2026/1392;

(c) PRM maħsub biss għall-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi, dment li huwa identifikat bħala tali;

(d) PRM mibjugħ jew ittrasferit bi kwalunkwe mod, mingħajr ħlas kif ukoll bi ħlas, bejn l-utenti mhux professjonisti;

(e) PRM użat biss għall-ispezzjoni, għall-kampjunar jew għall-ittestjar li jitwettaq b'mod uffiċjali jew taħt superviżjoni uffiċjali, għat-tnissil u għall-għażla, għall-wirjiet jew għar-riċerka jew għal skopijiet xjentifiċi oħrajn, dment li jiġi identifikat bħala tali;

(f) PRM soġġett għal kuntratti ta' servizz għall-finijiet ta' pproċessar, inkluż it-tindif, id-diżinfezzjoni, it-trattament u l-imballaġġ, jew tat-trasport jew tal-ħżin, dment li l-fornitur ta' dawk is-servizzi ma jiksibx titolu għal dak il-PRM u li tiġi żgurata t-traċċabbiltà ta' dak il-PRM;

(g) PRM trasferit lejn jew minn banek ġenetiċi għall-konservazzjoni tar-riżorsi ġenetiċi tal-pjanti;

(h) materjal eteroġenu organiku prodott f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/848.

6. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, ir-referenzi għal pajjiżi terzi għandhom jitqiesu li huma referenzi għal pajjiżi terzi u għat-territorji li huma msemmija fl-Artikolu 355(1) TFUE, bl-eċċezzjoni ta' Madeira, l-Azores u l-Gżejjer Kanarji.

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, ir-referenzi għat-territorju tal-Unjoni għandhom jitqiesu li huma referenzi għat-territorju tal-Unjoni mingħajr it-territorji li huma msemmijin fl-Artikolu 355(1) TFUE, bl-eċċezzjoni ta' Madeira, l-Azores u l-Gżejjer Kanarji.

Artikolu 3

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "materjal riproduttiv tal-pjanti" jew "PRM" tfisser pjanti għat-tħawwil, kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (4), tar-Regolament (UE) 2016/2031, inkluż iż-żerriegħa, kapaċi għal, u maħsuba għal:

(a) il-produzzjoni ta' pjanti sħaħ jew partijiet ta' pjanti; jew

(b) il-produzzjoni ta' frott, ħxejjex jew għelejjel oħra;

(2) "żerriegħa" tfisser żerriegħa fis-sens botaniku;

(3) "kummerċjalizzazzjoni" tfisser l-azzjonijiet li ġejjin imwettqin minn operatur professjonist:

(a) bejgħ, żamma bl-għan ta' bejgħ, trasferiment b'xejn, jew offerta għall-bejgħ, inkluż online, jew kwalunkwe trasferiment jew distribuzzjoni oħra fl-Unjoni; jew

(b) importazzjoni fl-Unjoni;

(4) "operatur professjonist" tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, għajr awtorità kompetenti, irregolata bil-liġi pubblika jew privata, involuta professjonalment fi, jew responsabbli legalment għal waħda jew aktar mill-attivitajiet li ġejjin fl-Unjoni li jikkonċernaw PRM:

(a) il-produzzjoni bil-ħsieb ta' kummerċjalizzazzjoni;

(b) il-kummerċjalizzazzjoni;

(c) is-selezzjoni konservattiva tal-varjetajiet;

(d) l-ispezzjoni fuq il-post, il-kampjunar, l-ittestjar fil-laboratorju, il-ħżin, l-ipproċessar, l-imballaġġ, l-issiġillar jew it-tikkettar;

(5) "utent mhux professjonist" tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li takkwista, tittrasferixxi u tuża PRM għall-iskopijiet li jkunu barra mill-attivitajiet professjonali ta' dik il-persuna;

(6) "awtorità kompetenti" tfisser awtorità ċentrali jew reġjonali ta' Stat Membru, jew, meta applikabbli, l-awtorità korrispondenti ta' pajjiż terz, responsabbli għall-organizzazzjoni ta' kontrolli uffiċjali, għar-reġistrazzjoni, għaċ-ċertifikazzjoni u għal attivitajiet uffiċjali oħrajn li jikkonċernaw il-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tal-PRM, jew kwalunkwe awtorità oħra li lilha jkunu ngħataw dawk ir-responsabbiltajiet, f'konformità mad-dritt tal-Unjoni;

(7) "kategorija" ta' PRM tfisser grupp jew unità individwali ta' PRM li jikkwalifika bħala żerriegħa jew materjal prebażiku, bażiku, iċċertifikat jew standard u li jkun identifikabbli abbażi tal-konformità tagħha ma' rekwiżiti speċifiċi dwar l-identità u l-kwalità;

(8) "żerriegħa prebażika" tfisser żerriegħa li tappartjeni għall-ġenerazzjonijiet li jippreċedu l-ġenerazzjoni taż-żerriegħa bażika, hija maħsuba għall-produzzjoni ta' aktar ġenerazzjonijiet ta' żerriegħa prebażika, bażika jew iċċertifikata, u li tkun instabet permezz ta' ċertifikazzjoni uffiċjali, jew ta' ċertifikazzjoni taħt superviżjoni uffiċjali, li tissodisfa l-kundizzjonijiet rispettivi stabbiliti fl-Anness II;

(9) "żerriegħa bażika" tfisser żerriegħa li tkun ġiet prodotta minn żerriegħa prebażika jew minn ġenerazzjonijiet preċedenti ta' żerriegħa bażika, hija maħsuba għall-produzzjoni ta' ġenerazzjonijiet ulterjuri ta' żerriegħa bażika jew ta' żerriegħa ċċertifikata, u tkun instabet, permezz ta' ċertifikazzjoni uffiċjali jew ta' ċertifikazzjoni taħt superviżjoni uffiċjali, li tissodisfa l-kundizzjonijiet rispettivi stabbiliti fl-Anness II;

(10) "żerriegħa ċċertifikata" tfisser żerriegħa li tkun ġiet prodotta minn żerriegħa prebażika, bażika jew minn ġenerazzjonijiet preċedenti ta' żerriegħa ċċertifikata, hija maħsuba għall-produzzjoni ta' ġenerazzjonijiet ulterjuri ta' żerriegħa ċċertifikata jew għall-kultivazzjoni, u tkun instabet, permezz ta' ċertifikazzjoni uffiċjali jew ta' ċertifikazzjoni taħt superviżjoni uffiċjali, li tissodisfa l-kundizzjonijiet rispettivi stabbiliti fl-Anness II;

(11) "żerriegħa standard" tfisser żerriegħa għajr żerriegħa prebażika, bażika jew iċċertifikata li tissodisfa l-kundizzjonijiet rispettivi stabbiliti fl-Anness III;

(12) "materjal prebażiku" tfisser PRM, għajr żerriegħa, li jappartjeni għall-ġenerazzjonijiet li jippreċedu l-ġenerazzjoni tal-materjal bażiku, huwa maħsub għall-produzzjoni ta' aktar ġenerazzjonijiet ta' materjal prebażiku, bażiku jew iċċertifikat, u li jkun instab, permezz ta' ċertifikazzjoni uffiċjali jew ta' ċertifikazzjoni taħt superviżjoni uffiċjali, li jissodisfa l-kundizzjonijiet rispettivi stabbiliti fl-Anness II;

(13) "materjal bażiku" tfisser PRM, għajr iż-żerriegħa li jkun ġie prodott minn materjal prebażiku jew minn ġenerazzjonijiet preċedenti tal-materjal bażiku, huwa maħsub għall-produzzjoni ta' ġenerazzjonijiet ulterjuri tal-materjal bażiku jew tal-materjal iċċertifikat, u li jkun instab, permezz ta' ċertifikazzjoni jew ta' ċertifikazzjoni uffiċjali taħt superviżjoni uffiċjali, li jissodisfa l-kundizzjonijiet rispettivi stabbiliti fl-Anness II;

(14) "materjal iċċertifikat" tfisser PRM għajr żerriegħa li tkun ġiet prodotta minn żerriegħa prebażika, bażika jew minn ġenerazzjonijiet preċedenti ta' materjal jew żerriegħa ċċertifikata, hija maħsuba għall-produzzjoni ta' ġenerazzjonijiet ulterjuri ta' materjal iċċertifikat jew għall-kultivazzjoni, u tkun instabet, permezz ta' ċertifikazzjoni uffiċjali jew ta' ċertifikazzjoni taħt superviżjoni uffiċjali, li tissodisfa l-kundizzjonijiet rispettivi stabbiliti fl-Anness II;

(15) "materjal standard" tfisser PRM għajr żerriegħa jew materjal prebażiku, bażiku jew iċċertifikat li jissodisfa l-kundizzjonijiet rispettivi stabbiliti fl-Anness III;

(16) "patata taż-żrigħ" tfisser tuberi, inkluż minituberi, u materjal mikropropagattiv ta' *Solanum tuberosum* L. ikkultivat li jifforma t-tuberi, użati għat-tħawwil;

(17) "żerriegħa vera tal-patata" tfisser żerriegħa ta' *Solanum tuberosum* L.;

(18) "pjanta omm" tfisser pjanta identifikata maħsuba għall-produzzjoni tal-PRM;

(19) "klonu" tfisser nisel individwali ta' pjanta derivat oriġinarjament minn pjanta individwali oħra permezz ta' propagazzjoni veġetattiva, li jibqa' ġenetikament identiku għal dik il-pjanta;

(20) "klonu magħżul" tfisser klonu li huwa n-nisel veġetattiv ta' pjanta waħda, li jaqbel mad-deskrizzjoni ta' ċerta varjetà u li ntgħażel għall-karatteristiċi fenotipiċi tiegħu u għall-istatus fitosanitarju tiegħu;

(21) "materjal poliklonali" tfisser grupp ta' żewġ proġeni tal-pjanti individwali jew aktar, minbarra taħlitiet ta' kloni magħżula, derivati minn ġenotipi differenti tal-istess varjetà, magħżula bħala grupp, li l-membri individwali tagħhom ikollhom diversità intravarjetali meta mqabbla ma' xulxin;

(22) "ċertifikazzjoni uffiċjali" tfisser l-attestazzjoni uffiċjali mill-awtorità kompetenti tal-konformità taż-żerriegħa jew tal-materjal prebażiku, bażiku jew iċċertifikat mar-rekwiżiti applikabbli ta' dan ir-Regolament meta l-ispezzjonijiet rilevanti kollha, il-kampjunar u l-ittestjar, inkluż, meta jkun xieraq, l-ittestjar b'roqgħa ta' kontroll, ikunu twettqu minn dik l-awtorità;

(23) "ċertifikazzjoni taħt superviżjoni uffiċjali" tfisser attestazzjoni minn operatur professjonist awtorizzat li ż-żerriegħa jew il-materjal prebażiku, bażiku jew iċċertifikat jikkonforma mar-rekwiżiti applikabbli ta' dan ir-Regolament, meta tal-anqas waħda mill-ispezzjonijiet, il-kampjunar, l-ittestjar jew l-istampar u t-twaħħil tat-tikketti rilevanti jkunu twettqu minn dak l-operatur professjonist taħt is-superviżjoni uffiċjali tal-awtorità kompetenti;

(24) "varjetà" tfisser varjetà kif definit fl-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 2100/94;

(25) "deskrizzjoni uffiċjali" tfisser deskrizzjoni ta' varjetà li tkun ġiet stabbilita minn awtorità kompetenti abbażi ta’ eżami tad-distintività, tal-uniformità u tal-istabbiltà tal-varjeta’, li tinkludi l-karatteristiċi rilevanti ta' dik il-varjetà u li tagħmel l-identifikazzjoni ta’ dik il-varjeta’ possibbli;

(26) "deskrizzjoni rikonoxxuta uffiċjalment" tfisser deskrizzjoni bil-miktub ta' varjetà ta' konservazzjoni jew varjetà adattata lokalment li hija rikonoxxuta minn awtorità kompetenti;

(27) "selezzjoni konservattiva tal-varjetajiet" tfisser l-azzjonijiet meħuda biex jiġu żgurati l-purità tal-varjetà u l-identità tal-varjetà u b'mod partikolari biex jiġi żgurat li l-varjetà tibqa' l-istess fl-espressjoni tal-karatteristiċi rilevanti tagħha wara propagazzjoni ripetuta jew, fil-każ ta' ċiklu partikolari ta' propagazzjoni, fl-aħħar ta' kull ċiklu bħal dan;

(28) "kampjun standard" tfisser kampjun tal-PRM ta' varjetà li jkun rappreżentattiv ta' dik il-varjetà u li jintuża mill-awtorità kompetenti bħala referenza meta tivverifika l-identità varjetali, il-purità varjetali u s-selezzjoni konservattiva tal-varjetajiet għall-finijiet ta' dan ir-Regolament;

(29) "pjanti barra t-tip" tfisser pjanti li huma ovvjament differenti mill-varjetà li suppost jappartjenu għaliha skont dan ir-Regolament fl-espressjoni ta' kwalunkwe karatteristika rilevanti, filwaqt li jitqiesu l-karatteristiċi partikolari tal-propagazzjoni tagħha;

(30) "pesti ta' kwalità" tfisser pesti li:

(a) ma humiex pesti ta' kwarantina fl-Unjoni, pesti ta' kwarantina f'żoni protetti, jew pesti regolati mhux ta' kwarantina fl-Unjoni skont it-tifsira tar-Regolament (UE) 2016/2031, jew pesti soġġetti għall-miżuri adottati skont l-Artikolu 30(1) ta' dak ir-Regolament;

(b) iseħħu matul il-produzzjoni tal-PRM jew wara l-ħsad; u

(c) bil-preżenza tagħhom, għandhom impatt negattiv inaċċettabbli fuq il-kwalità tal-PRM, u impatt ekonomiku inaċċettabbli fir-rigward tal-użu ta' dak il-PRM fl-Unjoni;

(31) "prattikament ħielsa mill-pesti ta' kwalità" tfisser li l-punt sa fejn il-pesti ta' kwalità jkunu preżenti fil-PRM ikun baxx biżżejjed biex jiżgura kwalità u utilità aċċettabbli ta' dak il-PRM;

(32) "lott" tfisser kwantità definita ta' PRM identifikabbli abbażi tal-omoġeneità tal-kompożizzjoni tiegħu;

(33) "varjetà ta' konservazzjoni" tfisser varjetà li:

(a) tradizzjonalment titkabbar f'ċertu reġjun tal-Unjoni ("reġjun ta' oriġini");

(b) tkun adattata għall-kundizzjonijiet agroklimatiċi lokali u għas-sistemi tal-biedja ta' dak ir-reġjun; u

(c) tista' tkun ikkaratterizzata minn uniformità mnaqqsa minħabba l-livell għoli ta' diversità ġenetika jew fenotipika bejn unitajiet riproduttivi individwali;

(34) "varjetà adattata lokalment" tfisser varjetà li:

(a) tnisslet reċentement f'ċertu reġjun tal-Unjoni ("reġjun ta' oriġini") bħala riżultat ta' attivitajiet dinamiċi ta' konservazzjoni jew metodi oħra ta' tnissil u għażla applikati f'kundizzjonijiet naturali jew ġestiti mill-bdiewa;

(b) tkun adattata għall-kundizzjonijiet agroklimatiċi lokali u għas-sistemi tal-biedja ta' dak ir-reġjun; u

(c) fil-każ ta' varjetajiet għajr varjetajiet propagati veġetattivament, hija kkaratterizzati minn uniformità mnaqqsa minħabba l-livell għoli ta' diversità ġenetika jew fenotipika bejn unitajiet riproduttivi individwali;

(35) "bidwi" tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li professjonalment teżerċita attività fil-qasam tal-produzzjoni tal-pjanti, inkluż l-agrikoltura u l-ortikultura;

(36) "żerriegħa kif imkabbra" tfisser żerriegħa mhux ipproċessata ta' pjanti veġetali, kif imsemmi fl-Anness I, prodotta f'pajjiż terz u importata fl-Unjoni għall-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni f'konformità ma' dan ir-Regolament;

(37) "bank ġenetiku" tfisser organizzazzjoni bl-għan li tikkonserva r-riżorsi ġenetiċi tal-pjanti għad-disponibbiltà pubblika kontinwa ta' dawk ir-riżorsi għall-finijiet ta' riċerka, tnissil u għażla, edukazzjoni, taħriġ u użu dirett, u rikonoxxuta bħala tali mill-awtorità kompetenti rilevanti;

(38) "organiżmu ġenetikament modifikat" tfisser organiżmu ġenetikament modifikat kif definit fl-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 2001/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[28], bl-eċċezzjoni ta' organiżmi miksubin permezz tat-tekniki ta' modifika ġenetika elenkati fl-Anness I B ta' dik id-Direttiva;

[28] Id-Direttiva 2001/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Marzu 2001 dwar ir-rilaxx intenzjonat fl-ambjent ta' organiżmi modifikati ġenetikament u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 90/220/KEE (ĠU L 106, 17.4.2001, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2001/18/oj).

(39) "pjanta tal-NGT" tfisser pjanta tal-NGT kif definit fl-Artikolu 3, il-punt (9), tar-Regolament (UE) 2026/1388 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[29].

Artikolu 4

Konformità mar-Regolament (UE) 2016/2031

Dan ir-Regolament għandu jkun mingħajr preġudizzju għar-Regolament (UE) 2016/2031.

Kwalunkwe PRM prodott u kkummerċjalizzat f'konformità ma' dan ir-Regolament għandu jikkonforma mar-regoli stabbiliti, jew previsti, fid-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament (UE) 2016/2031 dwar il-pesti ta' kwarantina fl-Unjoni, il-pesti ta' kwarantina f'żona protetta u pesti regolati mhux ta' kwarantina fl-Unjoni, u mal-miżuri adottati skont l-Artikolu 30(1) ta' dak ir-Regolament.

[29] Ir-Regolament (UE) 2026/1388 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2026 dwar pjanti miksuba minn ċerti tekniki ġenomiċi ġodda u l-prodotti tagħhom, u li jemenda r-Regolament (UE) 2017/625 (ĠU L, 2026/1388, 26.6.2026, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2026/1388/oj).

Kapitolu II
Rekwiżiti li jikkonċernaw il-varjetajiet, il-kategoriji tal-PRM, it-tikkettar, l-awtorizzazzjonijiet, l-immaniġġar, l-importazzjonijiet u d-derogi

TAQSIMA 1
REKWIŻITI ĠENERALI GĦALL-PRODUZZJONI U GĦALL-KUMMERĊJALIZZAZZJONI TAL-PRM

Artikolu 5

PRM li jappartjenu għal varjetà reġistrata

1. Huwa biss il-PRM li jappartjeni għal varjetà rreġistrata f'reġistru nazzjonali tal-varjetajiet imsemmi fl-Artikolu 49 li jista' jiġi prodott u kkummerċjalizzat fl-Unjoni.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, il-PRM jista' jiġi prodott u kkummerċjalizzat fl-Unjoni irrispettivament minn jekk jappartjenix għal varjetà rreġistrata f'konformità mal-Artikolu 49 fil-każijiet li ġejjin:

   (a) huwa salvaġġ għall-pjanti tal-frott u d-dwieli li ma jappartjeni għall-ebda varjetà u huwa prodott u kkummerċjalizzat b'referenza għall-ġeneru jew l-ispeċi li jappartjeni għalihom, u dik ir-referenza tinsab, fil-każ tal-kummerċjalizzazzjoni, f'tikkettar xieraq;

(b) ikun maħsub għal utenti mhux professjonisti f'konformità mal-Artikolu 24;

(c) jiġi prodott jew ikkummerċjalizzat minn organizzazzjonijiet u networks għall-konservazzjoni tar-riżorsi ġenetiċi tal-pjanti f'konformità mal-Artikolu 25;

(d) jiġi skambjat in natura bejn il-bdiewa f'konformità mal-Artikolu 26;

(e) huwa komponent parentali ta' varjetà ibrida maħsuba għall-produzzjoni ta' varjetajiet ibridi finali;

(f) jappartjeni għal varjetà li hija soġġetta għal applikazzjoni għar-reġistrazzjoni skont l-Artikolu 28;

(g) ikun hemm diffikultajiet temporanji fil-provvista tal-PRM kif imsemmi fl-Artikolu 30.

3. B'deroga mill-paragrafu 1, it-tipi li ġejjin ta' PRM jistgħu jiġu prodotti u kkummerċjalizzati biss jekk ma jappartjenux għal varjetà rreġistrata:

(a) taħlitiet ta' preservazzjoni f'konformità mal-Artikolu 22;

(b) żerriegħa kummerċjali f'konformità mal-Artikolu 29.

Artikolu 6

PRM li jappartjeni għal ċerti kategoriji

1. Huwa biss il-PRM li jappartjeni għal waħda mill-kategoriji li ġejjin li jista' jiġi prodott u kkummerċjalizzat fl-Unjoni:

   (a) żerriegħa jew materjal prebażiku;

   (b) żerriegħa jew materjal bażiku;

   (c) żerriegħa jew materjal iċċertifikat;

   (d) żerriegħa jew materjal standard.

   Meta f'dan ir-Regolament issir referenza għal kategoriji aktar baxxi jew ogħla li jikkonċernaw l-identità u l-kwalità tal-PRM, dik id-determinazzjoni għandha tkun ibbażata fuq il-klassifikazzjoni tal-ordni tal-punti (a) sa (d), bil-punt (a) ikollu l-ogħla grad u l-punt (d) l-aktar grad baxx.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, il-PRM jista' jiġi prodott u kkummerċjalizzat irrispettivament minn jekk jappartjenix għal kategorija elenkata fil-punti (a) sa (d) ta' dak il-paragrafu fil-każijiet li ġejjin:

   (a) huwa taħlita ta' preservazzjoni prodott f'konformità mal-Artikolu 22;

   (b) ikun maħsub għal utenti mhux professjonisti f'konformità mal-Artikolu 24;

(c) jiġi prodott jew ikkummerċjalizzat minn organizzazzjonijiet u networks għall-konservazzjoni tar-riżorsi ġenetiċi tal-pjanti f'konformità mal-Artikolu 25;

(d) jiġi skambjat in natura bejn il-bdiewa f'konformità mal-Artikolu 26;

(e) jappartjeni għal ġenerazzjoni qabel iż-żerriegħa jew il-materjal prebażiku f'konformità mal-Artikolu 27;

(f) huwa żerriegħa kummerċjali f'konformità mal-Artikolu 29.

Artikolu 7

PRM li jrid jiġi prodott u kkummerċjalizzat biss bħala żerriegħa jew materjal prebażiku, bażiku jew iċċertifikat

1. Il-PRM li jappartjeni għall-ġeneri jew għall-ispeċijiet, u għall-użi intiżi, indikat fil-kolonna 2 tal-Anness I għandu jiġi prodott u kkummerċjalizzat biss bħala żerriegħa jew materjal prebażiku, bażiku jew iċċertifikat.

2. Il-PRM ta' kloni magħżula għandhom jiġu prodotti u kkummerċjalizzati biss bħala materjal prebażiku, bażiku jew iċċertifikat tal-pjanti tal-frott u dwieli.

3. Salvaġġi tad-dwieli għandhom jiġu prodotti u kkummerċjalizzati biss bħala materjal prebażiku, bażiku jew iċċertifikat.

4. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 79 sabiex temenda il-kolonna 2 tal-Anness I.

Dawk l-atti delegati għandhom iżidu ġeneru jew speċi għall-użu wieħed jew iktar fil-kolonna 2 tal-Anness I jekk jiġu sodisfatti ż-żewġ kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) ikun hemm bżonn ta' garanziji akbar għall-kwalità tal-PRM li jappartjeni għal dak il-ġeneru jew ispeċi; u

(b) il-kostijiet tal-attivitajiet ta' ċertifikazzjoni, meħtieġa għall-produzzjoni u għall-kummerċjalizzazzjoni ta' PRM li jappartjeni għal dak il-ġeneru jew speċi bħala żerriegħa jew materjal prebażiku, bażiku u ċċertifikat ikunu proporzjonati.

L-atti delegati msemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom iħassru ġeneru jew speċi għall-użu wieħed jew iktar mill-kolonna 2 tal-Anness I jekk l-inklużjoni tiegħu ma għadhiex proporzjonata.

5. Il-valutazzjoni tal-kundizzjoni tal-proporzjonalità msemmija fil-paragrafu 4, it-tieni subparagrafu, il-punt (b), u t-tielet subparagrafu, għandha tkun ibbażata fuq valutazzjoni ġenerali tal-elementi li ġejjin, flimkien:

(a) l-importanza tal-ġeneru jew tal-ispeċi kkonċernata għall-iskop li tiġi żgurata s-sigurtà tal-ikel u tal-għalf tal-Unjoni, jew li jiġi żgurat valur għoli tal-ipproċessar industrijali;

(b) il-volum tal-produzzjoni ta' dak il-ġeneru jew dik l-ispeċi fl-Unjoni;

(c) id-domanda għal dak il-ġeneru jew dik l-ispeċi mill-operaturi professjonisti u mill-operaturi tal-industrija tal-ikel u tal-għalf;

(d) il-kostijiet tal-produzzjoni taż-żerriegħa jew materjal prebażiku, bażiku u ċċertifikat meta mqabbla mal-kost tal-produzzjoni ta' żerriegħa jew materjal standard jew tipi oħra ta' PRM tal-istess ġeneru jew speċi; u

(e) il-benefiċċji ekonomiċi, fitosanitarji jew ambjentali derivati mill-produzzjoni u mill-kummerċjalizzazzjoni ta' żerriegħa jew ta' materjal prebażiku, bażiku u ċċertifikat, filwaqt li japplikaw l-ogħla standards li jikkonċernaw l-identita' u l-kwalita' għal tali PRM, meta mqabbla mas-sitwazzjoni taż-żerriegħa jew materjal standard jew għal tipi oħrajn ta' PRM tal-istess ġeneru jew speċi.

TAQSIMA 2

REKWIŻITI GĦALL-PRODUZZJONI U GĦALL-KUMMERĊJALIZZAZZJONI TAŻ-ŻERRIEGĦA U TA' MATERJAL PREBAŻIĊI, BAŻIĊI, IĊĊERTIFIKATI U STANDARD

Artikolu 8

Rekwiżiti għall-produzzjoni u għall-kummerċjalizzazzjoni taż-żerriegħa u ta' materjal prebażiċi, bażiċi u ċċertifikati

1. Iż-żerriegħa prebażika, bażika u ċċertifikata għandha tiġi prodotta u kkummerċjalizzata fl-Unjoni biss jekk:

(a) tkun prattikament ħielsa minn pesti ta' kwalità;

(b) tiġi kkummerċjalizzata wara ċertifikazzjoni uffiċjali jew ċertifikazzjoni taħt superviżjoni uffiċjali tkun twettqet; u

(c) tiġi prodotta u kkummerċjalizzata f'konformità mar-rekwiżiti stipulati fil-Partijiet A jew B tal-Anness II u l-konformità tagħha ma' dawk ir-rekwiżiti tkun attestata bit-tikketta uffiċjali msemmija fl-Artikolu 17(1).

2. Il-materjal prebażiku, bażiku u ċċertifikat għandu jiġi prodott u kkummerċjalizzat fl-Unjoni biss jekk:

(a) ikun prattikament ħieles minn pesti ta' kwalità;

(b) jiġi kkumerċjalizzat wara ċertifikazzjoni uffiċjali jew ċertifikazzjoni taħt superviżjoni uffiċjali tkun twettqet; u

(c) jiġi prodott u kkummerċjalizzat f'konformità mar-rekwiżiti stipulati fil-Partijiet C, D jew E tal-Anness II u l-konformità tiegħu ma' dawk ir-rekwiżiti tkun attestata bit-tikketta uffiċjali imsemmija fl-Artikolu 17(1).

3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 79 li jemendaw l-Anness II sabiex tadattah għall-iżviluppi fl-għarfien xjentifiku u tekniku u fl-istandards internazzjonali applikabbli billi tistabbilixxi r-rekwiżiti għal waħda jew aktar mill-attivitajiet li ġejjin:

(a) iż-żrigħ u t-tħawwil, u l-kultivazzjoni fl-għelieqi għall-produzzjoni ta' żerriegħa prebażika, bażika u ċċertifikata;

(b) il-ħsad u l-fażi ta' wara l-ħsad taż-żerriegħa prebażika, bażika u ċċertifikata;

(c) il-kummerċjalizzazzjoni taż-żerriegħa prebażika, bażika u ċċertifikata;

(d) iż-żrigħ u t-tħawwil, u l-kultivazzjoni fl-għelieqi għall-produzzjoni ta' materjal prebażiku, bażiku u ċċertifikat;

(e) il-ħsad u l-fażi ta' wara l-ħsad ta' materjal prebażiku, bażiku u ċċertifikat;

(f) il-kummerċjalizzazzjoni ta' materjal prebażiku, bażiku u ċċertifikat;

(g) il-produzzjoni ta' materjal prebażiku, bażiku u ċċertifikat ta' kloni magħżula u materjal poliklonali;

(h) il-kummerċjalizzazzjoni ta' materjal prebażiku, bażiku u ċċertifikat ta' kloni magħżula u materjal poliklonali;

(i) il-produzzjoni ta' materjal prebażiku, bażiku u ċċertifikat prodott minn propagazzjoni in vitro;

(j) il-kummerċjalizzazzjoni ta' materjal prebażiku, bażiku u ċċertifikat prodott minn propagazzjoni in vitro.

4. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu r-rekwiżiti tal-produzzjoni u tal-kummerċjalizzazzjoni msemmijin fl-Anness II għal ċerti ġeneri, speċijiet jew kategoriji tal-PRM u, meta xieraq, għal ċerti gradi, klassijiet, ġenerazzjonijiet jew subdiviżjonijiet oħrajn tal-kategorija kkonċernata, inkluż għall-pjanti omm. Dawk ir-rekwiżiti jistgħu japplikaw għall-ġeneri jew l-ispeċijiet kollha jew għal ċerti ġeneri jew speċijiet u għandhom jikkonċernaw wieħed jew aktar minn dawn li ġejjin:

(a) regoli speċifiċi għal wieħed jew aktar mill-użi maħsuba tal-ġeneri, tal-ispeċijiet jew tat-tipi tal-PRM ikkonċernat;

(b) il-metodi ta' produzzjoni tal-PRM, inkluż ir-riproduzzjoni sesswali u asesswali u l-propagazzjoni in vitro;

(c) il-kundizzjonijiet għaż-żrigħ jew għat-tħawwil;

(d) id-distanzi preċedenti ta' kultivazzjoni u ta' iżolament;

(e) il-kultivazzjoni fl-għelieqi, inkluż f'għelieqi miftuħa u f'ambjent ikkontrollat;

(f) il-purità varjetali, l-identità varjetali u l-livelli ta' preżenza ta' speċijiet oħra fl-għalqa;

(g) il-ħsad u l-fażi ta' wara l-ħsad;

(h) ir-rati tal-ġerminazzjoni, il-purità, il-kontenut ta' speċi oħra, il-kontenut ta' umdità, is-saħħa u l-preżenza ta' ħamrija jew ta' materja barranija;

(i) il-metodi ta' ċertifikazzjoni tal-PRM, inkluż ir-rekwiżiti dwar l-ispezzjoni fuq il-post, il-kampjunar u l-ittestjar, u, fejn xieraq, l-applikazzjoni ta' tekniki bijokimiċi u bijomolekulari jew metodi tekniċi oħrajn, fejn applikabbli abbażi tal-istandards internazzjonali rilevanti, kif ukoll l-approvazzjoni u l-użu tagħhom, u l-elenkar tal-metodi approvati fl-Unjoni;

(j) il-kundizzjonijiet għas-salvaġġi u għal partijiet oħrajn tal-pjanti ta' ġeneri jew ta' speċijiet għajr dawk elenkati fl-Anness I jew għall-ibridi tagħhom jekk il-materjal ta' propagazzjoni tal-ġeneru jew tal-ispeċijiet elenkati fl-Anness I jew tal-ibridi tagħhom jitlaqqam fuqhom;

(k) il-kundizzjonijiet għall-produzzjoni taż-żerriegħa minn pjanti tal-frott, patata jew dwieli;

(l) il-kundizzjonijiet għall-produzzjoni tal-PRM tal-pjanti tal-frott, tal-PRM tad-dwieli jew tal-patata taż-żrigħ miż-żerriegħa;

(m) il-kundizzjonijiet għall-produzzjoni u għall-kummerċjalizzazzjoni tal-PRM tal-kloni magħżulin u tal-PRM tal-materjal poliklonali.

Dawk l-att ta' implimentazzjoni jistgħu jistipulaw rekwiżiti ta' produzzjoni u kummerċjalizzazzjoni aktar stretti li għandhom ikunu applikati f'ċerti partijiet tat-territorju tal-Unjoni jekk ikun meħtieġ minn kundizzjonijiet agroklimatiċi, ir-riskju ta' tixrid ta' ħaxix ħażin noċiv, jew kundizzjonijiet u ħtiġijiet speċjali oħra ta' ċerti żoni. Dawk ir-rekwiżiti għandhom ikunu proporzjonati fid-dawl tal-kategorija tal-PRM ikkonċernat.

L-atti ta' implimentazzjoni inizjali fir-rigward tar-rekwiżiti elenkati fl-ewwel subparagrafu għandhom jiġu adottati mhux aktar tard minn … [48 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. Dawn jistgħu jiġu emendati sabiex jiġu adattati skont l-iżviluppi tal-għarfien xjentifiku u tekniku u ta' standards internazzjonali applikabbli.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami stipulata fl-Artikolu 80(2).

Artikolu 9

Rekwiżiti għall-produzzjoni u għall-kummerċjalizzazzjoni taż-żerriegħa u ta' materjal standard

1. Iż-żerriegħa standard għandha tiġi prodotta u kkummerċjalizzata fl-Unjoni biss jekk:

   (a) tkun prattikament ħielsa minn pesti ta' kwalità;

   (b) tiġi prodotta u kkummerċjalizzata taħt ir-responsabbiltà tal-operatur professjonist; u

   (c) tiġi prodotta u kkummerċjalizzata f'konformità mar-rekwiżiti stipulati fil-Partijiet A jew B tal-Anness III u l-konformità tagħha ma' dawk ir-rekwiżiti tkun attestata bit-tikketta tal-operatur imsemmija fl-Artikolu 18(1).

2. Il-materjal standard għandu jiġi prodott u kkummerċjalizzat fl-Unjoni biss jekk:

   (a) ikun prattikament ħieles minn pesti ta' kwalità;

(b) jiġi prodott u kkummerċjalizzat taħt ir-responsabbiltà tal-operatur professjonist; u

(c) jiġi prodott u kkummerċjalizzat f'konformità mar-rekwiżiti stipulati fil-Partijiet C, D jew E tal-Anness III u l-konformità tiegħu ma' dawk ir-rekwiżiti tkun attestata bit-tikketta tal-operatur imsemmija fl-Artikolu 18(1).

3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 79 li jemendaw l-Anness III sabiex tadattah għall-iżviluppi fl-għarfien xjentifiku u tekniku u fl-istandards internazzjonali applikabbli billi tistabbilixxi r-rekwiżiti għal waħda jew aktar mill-attivitajiet li ġejjin:

(a) iż-żrigħ u t-tħawwil, u l-kultivazzjoni fl-għelieqi għall-produzzjoni ta' żerriegħa standard;

(b) il-ħsad u l-faża ta' wara l-ħsad taż-żerriegħa standard;

(c) il-kummerċjalizzazzjoni ta' żerriegħa standard;

(d) iż-żrigħ u t-tħawwil, u l-kultivazzjoni fl-għelieqi għall-produzzjoni ta' materjal standard;

(e) il-ħsad u l-faża ta' wara l-ħsad ta' materjal standard;

(f) il-kummerċjalizzazzjoni ta' materjal standard;

(g) il-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tal-PRM ta' materjal poliklonali;

(h) il-produzzjoni ta' materjal standard prodott bi propagazzjoni in vitro;

(i) il-kummerċjalizzazzjoni ta' materjal standard prodott bi propagazzjoni in vitro.

4. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu r-rekwiżiti tal-produzzjoni u tal-kummerċjalizzazzjoni msemmijin fl-Anness III għal ċerti ġeneri jew speċijiet ta' PRM standard, inkluż għall-pjanti omm. Dawk ir-rekwiżiti għandhom jikkonċernaw wieħed jew aktar minn dawn li ġejjin, u jistgħu japplikaw għall-ġeneri jew l-ispeċijiet kollha jew għal ċerti ġeneri jew speċijiet:

(a) regoli speċifiċi għal wieħed jew aktar mill-użi maħsuba tal-ġeneri, tal-ispeċijiet jew tat-tipi tal-PRM ikkonċernat;

(b) il-metodi ta' produzzjoni tal-PRM, inklużi r-riproduzzjoni sesswali u asesswali u l-propagazzjoni in vitro;

(c) il-kundizzjonijiet għaż-żrigħ jew għat-tħawwil;

(d) id-distanzi preċedenti ta' kultivazzjoni u ta' iżolament;

(e) il-kultivazzjoni fl-għelieqi, inkluż f'għelieqi miftuħa u f'ambjent ikkontrollat;

(f) il-purità varjetali, l-identità varjetali, u l-kontenut ta' speċijiet oħra fl-għalqa;

(g) il-ħsad u l-fażi ta' wara l-ħsad;

(h) ir-rati tal-ġerminazzjoni, il-purità, il-kontenut ta' speċi oħra, il-kontenut ta' umdità, is-saħħa u l-preżenza ta' ħamrija jew ta' materja barranija;

(i) l-applikazzjoni ta' tekniki bijokimiċi u bijomolekulari jew metodi tekniċi oħra, fejn applikabbli abbażi tal-istandards internazzjonali rilevanti, kif ukoll l-approvazzjoni u l-użu tagħhom, u l-elenkar ta' metodi approvati fl-Unjoni;

(j) il-kundizzjonijiet għas-salvaġġi u għal partijiet oħrajn tal-pjanti ta' ġeneri jew ta' speċijiet għajr dawk elenkati fl-Anness I jew għall-ibridi tagħhom jekk il-materjal ta' propagazzjoni tal-ġeneru jew tal-ispeċijiet elenkati fl-Anness I jew tal-ibridi tagħhom jitlaqqam fuqhom;

(k) il-kundizzjonijiet għall-produzzjoni taż-żrieragħ minn pjanti tal-frott, patata jew dwieli;

(l) il-kundizzjonijiet għall-produzzjoni tal-PRM tal-pjanti tal-frott, tal-PRM tad-dwieli jew tal-patata taż-żrigħ miż-żerriegħa;

(m) il-kundizzjonijiet għall-produzzjoni u għall-kummerċjalizzazzjoni tal-PRM tal-varjetajiet ta' konservazzjoni u ta' varjetajiet adattati lokalment;

(n) il-kundizzjonijiet għall-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tal-PRM tal-materjal poliklonali.

Dawk l-att ta' implimentazzjoni jistgħu jistipulaw rekwiżiti ta' produzzjoni u kummerċjalizzazzjoni aktar stretti li għandhom ikunu applikati f'ċerti partijiet tat-territorju tal-Unjoni jekk ikun meħtieġ minn kundizzjonijiet agroklimatiċi, ir-riskju ta' tixrid ta' ħaxix ħażin noċiv, jew kundizzjonijiet u ħtiġijiet speċjali oħra ta' ċerti żoni. Dawk ir-rekwiżiti għandhom ikunu proporzjonati fid-dawl tal-kategorija tal-PRM ikkonċernat.

L-atti ta' implimentazzjoni inizjali fir-rigward tar-rekwiżiti elenkati fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu għandhom jiġu adottati mhux aktar tard minn … [48 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. Dawn jistgħu jiġu emendati sabiex jiġu adattati skont l-iżviluppi tal-għarfien xjentifiku u tekniku u ta' standards internazzjonali applikabbli.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami stipulata fl-Artikolu 80(2).

TAQSIMA 3

REKWIŻITI SPEĊIFIĊI GĦALL-ITTESTJAR B'ROQGĦA TA' KONTROLL GĦAŻ-ŻERRIEGĦA

Artikolu 10

Ittestjar b'roqgħa ta' kontroll għaż-żerriegħa prebażika, bażika u ċċertifikata

1. It-testijiet b'roqgħa ta' kontroll għandhom jitwettqu mill-awtorità kompetenti sabiex tivverifika li l-lottijiet taż-żerriegħa prebażika, bażika u ċċertifikata bl-eċċezzjoni tal-lottijiet taż-żerriegħa tad-dwieli u tal-pjanta tal-frott jikkonformaw mar-rekwiżiti relatati mal-identità varjetali u l-purità varjetali tagħhom.

   Dawk it-testijiet għandhom jikkonsistu f'paragun viżwali bejn plott ta' kontroll miżrugħ b'kampjun standard u plott miżrugħ b'kampjun ta' żerriegħa mil-lott li għandu jiġi ttestjat. Kampjuni li għandhom jiġu ttestjati għandhom jittieħdu jew minn:

   (a) lottijiet ta' żerriegħa prebażika, bażika u ċċertifikata maħsuba għall-produzzjoni ta' ġenerazzjoni jew kategorija ġdida; jew

(b) lottijiet ta' żerriegħa ta' ġenerazzjoni li ma għadhiex maħsuba għal aktar multiplikazzjoni.

Kampjuni li għandhom jiġu ttestjati għandhom jittieħdu matul iċ-ċertifikazzjoni jew il-kummerċjalizzazzjoni ta' dawk il-lottijiet.

L-ittestjar ta’ dawk il-kampjuni għandu jsir mhux aktar tard mill-istaġun tat-tkabbir wara t-teħid tal-kampjun.

2. It-testijiet b'roqgħa ta' kontroll għandhom jitwettqu fuq il-lottijiet kollha taż-żerriegħa prebażika u bażika. Fil-każ ta' żerriegħa ċċertifikata, il-proporzjon tal-lottijiet li għandhom jiġu ttestjati għandu jiġi ddeterminat abbażi ta' analiżi tar-riskju dwar in-nuqqas ta' konformità possibbli ta' dik iż-żerriegħa mar-rekwiżiti applikabbli.

3. Il-kampjun minn lott ittestjat ta' żerriegħa msemmi fil-paragrafu 1 għandu jittieħed mill-awtorità kompetenti jew minn kampjunatur taħt superviżjoni uffiċjali u awtorizzat mill-awtorità kompetenti. Dak il-kampjunar jista’ jittieħed billi jintuża apparat awtomatiku għat-teħid tal-kampjuni approvat uffiċjalment mill-awtorità kompetenti. Jekk il-kampjuni jittieħdu matul il-kummerċjalizzazzjoni, dawn għandhom jittieħdu mill-awtorità kompetenti.

4. Tekniki bijokimiċi u bijomolekulari jew metodi tekniċi oħrajn rikonoxxuti f'konformità mal-Artikolu 8(4), il-punt (i), jistgħu jintużaw għall-kontroll tal-identità varjetali u tal-purità varjetali.

5. Meta r-riżultati tat-test imsemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jindikaw li r-rekwiżiti tal-Artikolu 8 ma jkunux ġew sodisfatti, l-awtorità kompetenti għandha:

(a) teħtieġ l-irtirar, jew tipprojbixxi aktar multiplikazzjoni u kummerċjalizzazzjoni, tal-lott taż-żerriegħa kkonċernat;

(b) teħtieġ li l-lott taż-żerriegħa kkonċernat jiġi ttrattat sabiex ikun konformi mar-rekwiżiti applikabbli; jew

(c) tieħu azzjoni korrettiva oħra xierqa.

6. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati, f'konformità mal-Artikolu 79 li jissupplimentaw dan ir-Regolament billi jistabbilixxu r-regoli li jikkonċernaw l-ittestjar b'roqgħa ta' kontroll ta' lottijiet ta' żerriegħa prebażika, bażika u ċċertifikata għal kull ġeneru jew speċi. Dawk ir-regoli għandhom jiġu adattati għall-iżviluppi fl-għarfien xjentifiku u tekniku u għall-istandards internazzjonali applikabbli, u jistgħu jiġu stabbiliti għal kull ġeneru, speċi jew kategorija. Dawn jistgħu jikkonċernaw l-elementi li ġejjin:

(a) il-kriterji għat-twettiq tal-analiżi tar-riskju msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu;

(b) il-proċedura tal-kampjunar u tal-ittestjar, inkluż it-teknoloġiji xierqa;

(c) l-evalwazzjoni tar-riżultati tat-testijiet.

Artikolu 11

Ittestjar b'roqgħa ta' kontroll għaż-żerriegħa standard

1. It-testijiet b'roqgħa ta' kontroll għandhom jitwettqu mill-awtorità kompetenti sabiex tivverifika li l-lottijiet ta' żerriegħa standard bl-eċċezzjoni tal-lottijiet ta' żerriegħa ta' dwieli u tal-pjanta tal-frott jikkonformaw mar-rekwiżiti relatati mal-identità varjetali u l-purità varjetali tagħhom.

   Dawk it-testijiet għandhom jikkonsistu f'paragun viżwali bejn plott ta' kontroll miżrugħ ma' kampjun standard u plott miżrugħ ma' kampjun ta' żerriegħa mil-lott li għandu jiġi ttestjat. Il-kampjuni li għandhom jiġu ttestjati għandhom jittieħdu matul il-kummerċjalizzazzjoni tal-lott.

2. It-testijiet b'roqgħa ta' kontroll għandhom jitwettqu fuq proporzjon ta' lottijiet ta' żerriegħa standard determinati abbażi ta' analiżi tar-riskju dwar in-nuqqas ta' konformità possibbli ta' dik iż-żerriegħa mar-rekwiżiti applikabbli.

3. Il-kampjun li għandu jiġi ttestjat għandu jittieħed mill-awtorità kompetenti. Dak il-kampjunar jista' jittieħed billi jintuża apparat awtomatiku għat-teħid tal-kampjuni approvat uffiċjalment mill-awtorità kompetenti.

4. Tekniki bijokimiċi u bijomolekulari jew metodi tekniċi oħrajn rikonoxxuti f'konformità mal-Artikolu 9(4), il-punt (i), jistgħu jintużaw għall-kontroll tal-identità varjetali u tal-purità varjetali.

5. Meta r-riżultati tat-test imsemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jindikaw li r-rekwiżiti tal-Artikolu 9 ma jkunux ġew sodisfatti, l-awtorità kompetenti għandha:

(a) teħtieġ l-irtirar tal-lott taż-żerriegħa kkonċernat jew tipprojbixxu, jekk fattibbli, il-multiplikazzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni ulterjuri tiegħu;

(b) teħtieġ li l-lott taż-żerriegħa kkonċernat jiġi ttrattat sabiex ikun konformi mar-rekwiżiti applikabbli; jew

(c) tieħu azzjoni korrettiva oħra xierqa.

6. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati, f'konformità mal-Artikolu 79 li jissupplimentaw dan ir-Regolament billi jistabbilixxu r-regoli li jikkonċernaw l-ittestjar b'roqgħa ta' kontroll ta' lottijiet ta' żerriegħa standard għal kull ġeneru jew speċi. Dawk ir-regoli għandhom jiġu adattati għall-iżviluppi fl-għarfien xjentifiku u tekniku u fl-istandards internazzjonali applikabbli, u jistgħu jiġu stabbiliti għal kull ġeneru jew speċi. Dawn jistgħu jikkonċernaw l-elementi li ġejjin:

(a) il-kriterji għat-twettiq tal-analiżi tar-riskju msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu;

(b) il-proċedura tal-kampjunar u tal-ittestjar, inkluż it-teknoloġiji xierqa;

(c) l-evalwazzjoni tar-riżultati tat-testijiet.

TAQSIMA 4

AWTORIZZAZZJONI TAL-OPERATURI PROFESSJONISTI U SUPERVIŻJONI UFFIĊJALI MILL-AWTORITAJIET KOMPETENTI

Artikolu 12

Awtorizzazzjoni tal-operaturi professjonisti sabiex jagħmlu ċertifikazzjoni taħt superviżjoni uffiċjali

1. L-Istati Membri jistgħu jipprevedu l-possibbiltà li l-operaturi professjonisti jwettqu ċerti attivitajiet li huma meħtieġa għaċ-ċertifikazzjoni taħt superviżjoni uffiċjali.

   F'każ bħal dan, l-awtorità kompetenti tista', wara applikazzjoni, tawtorizza lil operatur professjonist iwettaq l-attivitajiet kollha jew ċerti attivitajiet meħtieġa għaċ-ċertifikazzjoni tal-PRM, bl-eċċezzjoni tal-ittestjar b'roqgħa ta' kontroll kif imsemmi fl-Artikolu 10, u jistampa tikketta uffiċjali kif imsemmi fl-Artikolu 17(1) u jwaħħilha ma' dak il-PRM.

2. Sabiex jingħata l-awtorizzazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, l-operatur professjonist għandu jikkonforma mal-kundizzjonijiet kollha li ġejjin li huma rilevanti għall-attivitajiet li għalihom għandha tingħata l-awtorizzazzjoni:

   (a) għandu jkollu l-għarfien meħtieġ li jippermettilu jikkonforma mar-rekwiżiti msemmijin fl-Artikolu 8;

   (b) għandu jkun kwalifikat sabiex iwettaq l-ispezzjonijiet imsemmijin fl-Anness II, jew jimpjega persunal kwalifikat biex iwettaq spezzjonijiet bħal dawn;

(c) għandu jimpjega persunal kwalifikat sabiex iwettaq il-kampjunar imsemmi fl-Anness II, jew jikkonkludi kuntratti ma' operaturi professjonisti oħrajn li jimpjegaw persunal kwalifikat biex iwettaq tali kkampjunar;

(d) għandu jimpjega persunal speċjalizzat u jkollu t-tagħmir meħtieġ biex iwettaq l-ittestjar imsemmi fl-Anness II, jew juża laboratorji li jsegwu r-regoli tal-Assoċjazzjoni Internazzjonali tal-Ittestjar taż-Żrieragħ (ISTA) jew standards internazzjonali applikabbli oħra u li jimpjegaw persunal kwalifikat biex iwettaq tali ttestjar;

(e) għandu jkun identifika, u kapaċi jimmonitorja, il-punti kritiċi tal-proċess tal-produzzjoni li jistgħu jinfluwenzaw il-kwalità u l-identità tal-PRM, u jżomm rekords tar-riżultati ta' dak il-monitoraġġ;

(f) għandu jkollu stabbilit sistemi li jiżguraw li r-rekwiżiti li jikkonċernaw l-identifikazzjoni tal-lottijiet skont l-Artikolu 15 jiġu sodisfatti;

(g) għandu jkollu stabbilit sistemi li jiżguraw li r-rekwiżiti ta' traċċabbiltà stipulati fl-Artikolu 47 jiġu sodisfatti.

3. Il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għandu japplika f'konformità mar-regoli rilevanti stipulati fl-att ta' implimentazzjoni msemmi fl-Artikolu 8(4), u, fin-nuqqas ta' tali regoli, f'konformità mal-istandards internazzjonali applikabbli, u, fin-nuqqas ta' tali standards, f'konformità mar-regoli nazzjonali.

4. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 79 li jissupplimentaw dan ir-Regolament billi jistabbilixxu l-azzjonijiet speċifiċi li jridu jittieħdu mill-awtorità kompetenti sabiex tikkonferma li jkun hemm konformità mal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.

Artikolu 13

Irtirar jew modifika tal-awtorizzazzjoni tal-operatur professjonist

1. Meta operatur professjonist awtorizzat ma jibqax jissodisfa r-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 12(1), (2) u (3), jew meta l-PRM prodott jew ikkummerċjalizzat minn dak l-operatur professjonist ikun instab ripetutament li ma kienx konformi ma' dan ir-Regolament, l-awtorità kompetenti għandha titlob lil dak l-operatur professjonist jieħu azzjoni korrettiva f'perjodu speċifikat.

2. Jekk l-operatur professjonist jonqos milli jieħu l-azzjoni korrettiva msemmija fil-paragrafu 1 fil-perjodu speċifikat, l-awtorità kompetenti għandha tirtira jew timmodifika l-awtorizzazzjoni mingħajr dewmien. Jekk jiġi konkluż li l-awtorizzazzjoni ngħatat wara frodi, l-awtorità kompetenti għandha timponi sanzjonijiet xierqa fuq l-operatur professjonist.

Artikolu 14

Superviżjoni uffiċjali mill-awtorità kompetenti

1. Għall-iskopijiet ta' ċertifikazzjoni taħt superviżjoni uffiċjali, l-awtorità kompetenti għandha twettaq evalwazzjonijiet regolari sabiex tiżgura li l-operaturi professjonisti jissodisfaw ir-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 12(1), (2) u (3). Il-frekwenza tal-evalwazzjonijiet għandha tiġi ddeterminata abbażi tar-riskju potenzjali li l-operatur professjonist ma jkunx qed jikkonforma mar-rekwiżiti rilevanti ta' dan ir-Regolament. Tali evalwazzjonijiet għandhom jitwettqu mill-inqas darba kull ħames snin.

2. L-awtorità kompetenti għandha torganizza wkoll taħriġ u eżamijiet għall-persunal tal-operatur professjonist li jwettaq l-ispezzjonijiet fuq il-post, kampjunar u ttestjar previsti f'dan ir-Regolament.

3. Għall-iskopijiet taċ-ċertifikazzjoni taħt superviżjoni uffiċjali, l-awtorità kompetenti għandha twettaq l-ispezzjonijiet uffiċjali, il-kampjunar u l-ittestjar ta' sehem mill-għelejjel fis-sit tal-produzzjoni u fuq il-lottijiet sabiex jikkonfermaw il-konformità tal-PRM mar-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 8.

   Dak il-porzjon għandu jiġi ddeterminat abbażi ta' valutazzjoni tar-riskju potenzjali tal-PRM tal-operatur professjonist ikkonċernat li jonqos milli jikkonforma mar-rekwiżiti msemmija fl-ewwel subparagrafu.

4. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu r-rekwiżiti għall-evalwazzjonijiet tal-operatur professjonist imsemmi fil-paragrafu 1, it-taħriġ u l-eżamijiet għall-persunal imsemmi fil-paragrafu 2, u l-ispezzjonijiet, il-kampjunar u l-ittestjar ta' porzjon ta' għelejjel imsemmija fil-paragrafu 3 fir-rigward ta' ġeneri jew speċijiet partikolari.

Dawk ir-rekwiżiti jistgħu jikkonċernaw dan li ġej:

(a) il-kriterji tar-riskju msemmijin fil-paragrafu 1 u s-sehem minimu tal-għelejjel u l-lottijiet tal-PRM, li għandhom ikunu soġġetti għal spezzjonijiet fuq il-post, għal kampjunar u għal ittestjar, kif imsemmi fil-paragrafu 3;

(b) l-użu ta' sistemi ta' assigurazzjoni tal-kwalità mill-operatur professjonist soġġett għall-approvazzjoni tal-awtorità kompetenti u l-possibbiltà għall-awtorità kompetenti li tnaqqas l-ispezzjonijiet, il-kampjunar u l-ittestjar imsemmija f'dan l-Artikolu minħabba l-użu ta' dawk is-sistemi ta' assigurazzjoni tal-kwalità.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 80(2).

TAQSIMA 5

REKWIŻITI TA' MMANIĠĠJAR U TIKKETTAR

Artikolu 15

Lottijiet

1. Il-PRM għandu jiġi prodott u kkummerċjalizzat f'lottijiet. Għandu jkun identifikabbli b'numru ta' referenza uniku tal-lott li jiżgura t-traċċabbiltà tiegħu.

2. Il-lottijiet tal-PRM jistgħu jingħaqdu biss f'lott ġdid f'konformità mal-Artikolu 20 jekk ikunu jappartjenu għall-istess varjetà.

   Meta l-lottijiet li jikkonsistu f'kategoriji differenti jingħaqdu flimkien, il-lott il-ġdid għandu jappartjeni għall-kategorija tal-komponent tal-kategorija l-aktar baxxa.

3. Il-lottijiet tal-PRM jistgħu jinqasmu f'żewġ lottijiet jew aktar f'konformità mal-Artikolu 20.

4. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu rekwiżiti speċifiċi għall-ispeċijiet kollha tal-PRM jew għal ċerti speċijiet tal-PRM dwar id-daqs massimu tal-lottijiet, l-identifikazzjoni tagħhom, id-daqs tal-kampjuni u l-ittestjar tal-lottijiet, it-tgħaqqid jew il-qsim tal-lottijiet fir-rigward tal-oriġini tal-lottijiet tal-PRM, ir-reġistrazzjoni ta' dawk l-operazzjonijiet u t-tikkettar wara tali tgħaqqid jew qsim. Dawk ir-rekwiżiti għandhom iqisu kwalunkwe standard internazzjonali applikabbli.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 80(2).

Artikolu 16

Pakketti, gzuz u konteniturі

1. Il-PRM għandu jiġi kkummerċjalizzat bħala pjanti individwali jew f'pakketti, f'gzuz jew f'konteniturі li jkollhom tikketta. Pakketti, gzuz jew konteniturі għandhom ikunu ssiġillati. Madankollu, il-PRM għajr iż-żerriegħa u l-patata taż-żrigħ jista' jiġi kkummerċjalizzat mingħajr issiġillar meta l-issiġillar mhux fattibbli.

2. Il-pakketti, il-gzuz u l-konteniturі msemmijin fil-paragrafu 1 għandhom ikunu ssiġillati b'tali mod li ma jkunux jistgħu jinfetħu mingħajr ma jitkisser l-issiġillar jew mingħajr ma jitħallew traċċi li juru li l-pakkett, il-gozz jew il-kontenitur ikun infetaħ. L-effettività tal-issiġillar għandha tiġi żgurata jew billi jiġu inkorporati t-tikketti previsti fl-Artikoli 17 u 18 fl-apparat ta' ssiġillar jew billi jitwaħħal siġill. Il-pakketti u l-konteniturі għandhom ikunu eżentati minn dan ir-rekwiżit jekk l-issiġillar jew l-apparat ta’ issiġillar ma jkunx jista' jerġa' jintuża.

3. Il-pakketti, il-gzuz u l-kontenituri taż-żerriegħa u tal-materjal prebażiċi, bażiċi jew iċċertifikati għandhom jiġu ssiġillati mill-awtorità kompetenti jew mill-operatur professjonist taħt superviżjoni uffiċjali.

4. B'deroga mill-paragrafu 1, iż-żerriegħa ċċertifikata tista' tiġi kkummerċjalizzata minn operatur professjonist direttament lill-bidwi bl-ingrossa.

Għandu jkun meħtieġ li l-operatur professjonist ikun ġie awtorizzat għal dak l-għan mill-awtorità kompetenti. Dak l-operatur professjonist għandu jżomm rekords ta' tali attività u tal-lott li minnu tkun ġiet tali żerriegħa. Dawk ir-rekords għandhom jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-awtorità kompetenti jekk din titlobhom.

Meta ż-żerriegħa titgħabba direttament fil-makkinarju jew fit-trejler tal-bidwi, l-operatur professjonist għandu jiżgura li dik iż-żerriegħa tkun traċċabbli billi joħroġ u jżomm dokumenti li jindikaw l-ispeċi u l-varjetà, il-kwantità, id-data tat-trasferiment, in-numru ta' referenza tal-lott u l-mezz ta' trasport użat.

5. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu:

(a) rekwiżiti speċifiċi dwar l-issiġillar, id-daqs u l-forma tal-pakketti, tal-gzuz u tal-kontenituri għall-PRM ta' ġeneri u ta' speċijiet speċifiċi, inkluż ir-raġunijiet tekniċi u bijoloġiċi li jfissru li l-issiġillar jew l-imballaġġ ma jkunx fattibbli; u

(b) kundizzjonijiet għall-kummerċjalizzazzjoni ta' żerriegħa bl-ingrossa u r-rekords li għandhom jinżammu.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 80(2).

Artikolu 17

Tikketta uffiċjali għal żerriegħa u materjal prebażiċi, bażiċi u ċċertifikati

1. Iż-żerriegħa u l-materjal prebażiċi, bażiċi u ċċertifikati għandhom jiġu identifikati, u l-konformità tagħhom ma' dan ir-Regolament għandha tiġi attestata, permezz ta' tikketta uffiċjali maħruġa mill-awtorità kompetenti li tikkonferma li r-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 8 ġew sodisfatti ("tikketta uffiċjali").

2. It-tikketta uffiċjali għandha tinħareġ mill-awtorità kompetenti u għandu jkollha numru tas-serje uniku pprovdut mill-awtorità kompetenti.

Dik it-tikketta uffiċjali għandha tiġi stampata minn:

(a) l-awtorità kompetenti; jew

(b) l-operatur professjonist taħt superviżjoni uffiċjali, fejn l-operatur professjonist ikun awtorizzat iwettaq tali stampar f'konformità mal-Artikolu 12.

3. It-tikketta uffiċjali għandha titwaħħal man-naħa ta' barra tal-pjanta, il-gozz, il-pakkett jew il-kontenitur individwali, jew tiġi stampata b'mod li ma jitħassarx fuq il-pakkett jew il-kontenitur, mill-operatur professjonist taħt superviżjoni uffiċjali.

4. Parti mill-informazzjoni fit-tikketta uffiċjali tista' tiġi pprovduta f'forma diġitali, f'konformità mal-att delegat imsemmi fil-paragrafu 5 ladarba dak l-att delegat isir applikabbli.

5. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 79 li jissupplimentaw dan ir-Regolament billi tistabbilixxi regoli dwar:

(a) ir-reġistrazzjoni u l-ġbir diġitali tad-data dwar l-attivitajiet ta' ċertifikazzjoni mwettqa mill-operaturi professjonisti u mill-awtoritajiet kompetenti għall-fini tal-ħruġ tat-tikketti uffiċjali;

(b) l-istabbiliment ta' pjattaforma ċentralizzata li tgħaqqad lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni u tiffaċilita l-ipproċessar tal-informazzjoni msemmija fil-punt (a), l-aċċess għaliha u l-użu tagħha;

(c) id-data li tista' tiġi pprovduta, f'forma diġitali jew fiżika kif xieraq, għat-tip speċifiku ta' PRM; u

(d) l-arranġamenti tekniċi għall-ħruġ tat-tikketta uffiċjali f'forma diġitali.

6. B'deroga mill-paragrafi 1 sa 5 ta' dan l-Artikolu u dment li jiġu ssodisfatti r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 40, iż-żerriegħa u l-materjal prebażiċi, bażiċi u ċċertifikati importati minn pajjiżi terzi skont l-Artikolu 38 jistgħu jiġu kkummerċjalizzati fl-Unjoni bit-tikketta rilevanti tal-Iskemi taż-Żrieragħ tal-OECD ("tikketta tal-OECD"), jew b'tikketta uffiċjali maħruġa mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz għaż-żerriegħa tal-ispeċijiet li għalihom ma hemm l-ebda Skema taż-Żrieragħ tal-OECD disponibbli jew għall-PRM għajr iż-żerriegħa.

Artikolu 18

Tikketta tal-operatur għal żerriegħa u materjal standard

1. Iż-żerriegħa u l-materjal standard għandhom jiġu identifikati permezz ta' tikketta tal-operatur li tiċċertifika l-konformità tagħhom mar-rekwiżiti tal-produzzjoni u tal-kummerċjalizzazzjoni stipulati fl-Artikolu 9 (“tikketta tal-operatur”).

2. It-tikketta tal-operatur għandha tinħareġ, tiġi stampata u titwaħħal mill-operatur professjonist fuq in-naħa ta' barra tal-pjanta, il-gozz, il-pakkett jew il-kontenitur individwali, jew tiġi stampata b'mod li ma jitħassarx fuq il-pakkett jew il-kontenitur.

3. Parti mill-informazzjoni fit-tikketta tal-operatur tista' tiġi pprovduta f'forma diġitali, f'konformità mal-att delegat imsemmi fil-paragrafu 4 ladarba dak l-att delegat isir applikabbli.

4. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 79 li jissupplimentaw dan ir-Regolament billi tistabbilixxi regoli dwar:

(a) ir-reġistrazzjoni u l-ġbir diġitali ta' data dwar l-attivitajiet imwettqa mill-operaturi professjonisti għall-fini tal-ħruġ tat-tikketti tal-operatur;

(b) id-data li tista' tiġi pprovduta, f'forma diġitali jew fiżika, għat-tip speċifiku ta' PRM; u

(c) l-arranġamenti tekniċi għall-ħruġ tat-tikketti tal-operatur f'forma diġitali.

Artikolu 19

Kontenut u karatteristiċi tat-tikketta uffiċjali u tat-tikketta tal-operatur

1. It-tikketta uffiċjali u t-tikketta tal-operatur għandhom jinkitbu b'mill-inqas waħda mil-lingwi uffiċjali tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni.

2. It-tikketta uffiċjali u t-tikketta tal-operatur għandhom ikunu jistgħu jinqraw, ma jkunux jistgħu jitħassru, ikunu magħmula minn materjal b'saħħtu biżżejjed biex jipprevjeni ħsara waqt l-użu ordinarju, ma jkunux modifikabbli, ma jkunux jistgħu jerġgħu jintużaw, ma jkunux intużaw qabel, u jkunu viżibbli faċilment.

3. It-tikketti adeżivi jistgħu jintużaw meta ma jkun hemm l-ebda riskju li jistgħu jerġgħu jintużaw.

4. Minbarra l-elementi li għandhom jiġu stipulati skont il-paragrafu 6, it-tikketta uffiċjali u t-tikketta tal-operatur jistgħu jinkludu informazzjoni addizzjonali dwar ir-regoli applikabbli tal-Unjoni relatati mar-rekwiżiti tal-produzzjoni u tal-kummerċjalizzazzjoni għajr dawk stipulati f'dan ir-Regolament.

   Tali informazzjoni għandha tiġi ppreżentata fi spazju xieraq fuq it-tikketta, b'mod li tista' tinqara u b'ittri li ma jkunux akbar minn dawk użati għall-kontenut tat-tikketta uffiċjali jew tat-tikketta tal-operatur skont il-paragrafu 6.

5. L-awtorità kompetenti tista' tippermetti lill-operaturi professjonisti jindikaw fil-periferija tat-tikketta uffiċjali informazzjoni addizzjonali għal dik imsemmija fil-paragrafi 4 u 6, dment li ma tkunx materjal ta' reklamar. Dik l-informazzjoni addizzjonali għandha titqiegħed f'erja ta' daqs mhux akbar minn 20 % tal-erja totali tat-tikketta uffiċjali u għandha tidher taħt l-intestatura "Informazzjoni mhux uffiċjali". Għandha tiġi ppreżentata b'ittri li ma jkunux akbar minn dawk użati għall-kontenut tat-tikketta uffiċjali skont il-paragrafu 6.

6. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jispeċifikaw għall-kategoriji jew għat-tipi rispettivi tal-PRM il-kontenut, id-daqs, il-kulur u l-format tat-tikketta uffiċjali u tat-tikketta tal-operatur, fil-forom fiżiċi u diġitali rispettivi tagħhom.

   Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 80(2).

Artikolu 20

Imballaġġ mill-ġdid, issiġillar mill-ġdid u tikkettar mill-ġdid tal-PRM

1. Meta l-lottijiet sħaħ jew partijiet tal-lottijiet tal-PRM jingħaqdu jew jinqasmu skont l-Artikolu 15(2) u (3), dawn għandhom jiġu imballati mill-ġdid, issiġillati mill-ġdid u ttikkettati mill-ġdid f'konformità ma' dan l-Artikolu.

   Fejn meħtieġ, lott sħiħ wieħed tal-PRM jista' wkoll jiġi imballat mill-ġdid, issiġillat mill-ġdid u ttikkettat mill-ġdid f'konformità ma' dan l-Artikolu.

2. Meta l-lottijiet sħaħ jew il-partijiet tal-lottijiet tal-PRM jingħaqdu jew jinqasmu, għandhom jinħarġu tikketti uffiċjali ġodda jew tikketti ġodda tal-operatur lil-lott jew lottijiet il-ġodda u għandhom jingħataw numri ta' referenza ġodda tal-lot lil-lott jew lil-lottijiet il-ġodda skont l-Artikolu 15(2) u (3).

   It-tikketta l-ġdida għandha tiddikjara ukoll in-numru jew numri ta' referenza oriġinali tal-lott.

   Jekk pakkett, gozz jew kontenitur jiġi ssiġillat mill-ġdid, id-data tal-issiġillar mill-ġdid għandha tiġi ddikjarata fuq it-tikketta uffiċjali l-ġdida jew fuq it-tikketta l-ġdida tal-operatur.

3. Operatur professjonist li jippakkja mill-ġdid, jissiġilla mill-ġdid u jittikketta mill-ġdid lott sħiħ tal-PRM jew parti minnu għandu jieħu l-passi kollha biex jiżgura li, matul dawk l-operazzjonijiet, jinżammu l-identità varjetali u l-purità varjetali tal-PRM u l-omoġeneità tal-lott u li ma sseħħ l-ebda kontaminazzjoni.

4. L-imballaġġ mill-ġdid, l-issiġillar mill-ġdid u t-tikkettar mill-ġdid ta' żerriegħa u materjal prebażiċi, bażiċi u ċċertifikati għandhom jitwettqu mill-awtorità kompetenti jew mill-operatur professjonist taħt is-superviżjoni uffiċjali tal-awtorita’ kompetenti.

5. Minbarra r-rekwiżiti ta' traċċabbiltà skont l-Artikolu 47, l-operaturi professjonisti għandhom iżommu rekords ta' kwalunkwe imballaġġ mill-ġdid, issiġillar mill-ġdid jew tikkettar mill-ġdid tal-lottijiet tal-PRM li jwettqu għal sitt snin minn hemm 'il quddiem. L-informazzjoni li tinsab f'dawk ir-rekords għandha tinkludi:

(a) in-numru ta' referenza tal-lott oriġinali;

(b) in-numru ta' referenza tal-lott ippakkjat mill-ġdid jew ittikkettat mill-ġdid;

(c) il-piż jew l-unitajiet tal-PRM tal-lott oriġinali;

(d) il-piż jew l-unitajiet tal-PRM tal-lott ippakkjat mill-ġdid jew ittikkettat mill-ġdid;

(e) id-data l-aktar reċenti tal-issiġillar mill-ġdid tal-lott.

Dawk ir-rekords għandhom ikunu disponibbli għall-awtorità kompetenti fuq talba.

6. L-issiġillar u t-tikketti oriġinali għandhom jitneħħew mil-lott oriġinali. Meta tali tneħħija ma tkunx possibbli, in-nuqqas ta' validità għandu jiġi indikat fuq is-siġill jew it-tikketta oriġinali.

Meta operatur professjonist jagħżel li jżomm rekords tal-kontenut tat-tikketti li jkunu tneħħew, dawk ir-rekords jistgħu jinżammu f'format elettroniku bil-kundizzjoni li jinkludu l-informazzjoni tat-tikketta meħtieġa biex tiġi ggarantita t-traċċabbiltà f'din l-attività.

TAQSIMA 6
REKWIŻITI SPEĊIFIĊI GĦAL TAĦLITIET TA' ŻERRIEGĦA

Artikolu 21

Taħlitiet ta' żerriegħa

1. Iż-żerriegħa ta' tnejn jew aktar ġeneri jew speċijiet elenkati fl-Anness I u ta' varjetajiet differenti ta' dawk il-ġeneri jew l-ispeċijiet li jappartjenu għal kwalunkwe waħda mill-kategoriji msemmija fl-Artikolu 6(1) li, qabel it-taħlit, kienet konformi mar-rekwiżiti tal-Artikolu 8 jew 9, kif applikabbli, tista' tiġi kkummerċjalizzata fl-Unjoni bħala taħlita ta' żerriegħa ta' dawk il-ġeneri, l-ispeċijiet jew il-varjetajiet ("taħlita").

2. It-taħlitiet jistgħu jinkludu wkoll, jew jikkonsistu minn, żerriegħa kummerċjali soġġetta għall-Artikolu 29.

3. Meta t-taħlita tkun tikkonsisti minn żerriegħa prebażika, bażika u ċċertifikata biss, din għandha tkun akkumpanjata minn tikketta uffiċjali. Fil-każijiet l-oħra kollha, din għandha tkun akkumpanjata minn tikketta tal-operatur.

   B'deroga mill-ewwel subparagrafu, taħlita li tikkonsisti minn żerriegħa prebażika, bażika u ċċertifikata tista' tiġi kkummerċjalizzata biss f'pakketti żgħar akkumpanjati minn tikketta tal-operatur.

4. Meta taħlita jkun fiha żerriegħa prebażika, bażika u ċċertifikata, l-operatur professjonist għandu jippreżenta lill-awtorità kompetenti l-lista tal-komponenti ta' dik it-taħlita u l-proporzjonijiet bejniethom sabiex l-eliġibbiltà ta' dawk il-komponenti li jkunu parti minn dik it-taħlita tkun tista' tiġi vverifikata.

Fi kwalunkwe każ ieħor, dik l-informazzjoni għandha tiġi ppreżentata fuq talba tal-awtorità kompetenti.

5. It-taħlitiet jistgħu jiġu prodotti biss minn operaturi professjonisti li jkunu ġew awtorizzati għal dak l-għan mill-awtorità kompetenti. Tali awtorizzazzjoni għandha tingħata biss lill-operaturi professjonisti li:

(a) ikunu installaw tagħmir xieraq għat-taħlit u proċeduri xierqa li jiżguraw li t-taħlita lesta tkun uniformi u li jkun jista' jinkiseb il-proporzjon iddikjarat bejn il-varjetajiet tal-komponenti f'kull kontenitur;

(b) ikollhom persuna responsabbli li jkollha responsabbiltà diretta għall-operazzjonijiet ta' taħlit u ta' imballaġġ; u

(c) jżommu rekords tat-taħlitiet.

6. It-taħlit u l-imballaġġ taż-żerriegħa msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jitwettqu taħt is-superviżjoni tal-awtorità kompetenti.

7. It-taħlit taż-żerriegħa msemmija fil-paragrafu 1 għandu jitwettaq b'mod li jiżgura li ma jkun hemm l-ebda riskju li ż-żerriegħa mhux maħsuba għall-inklużjoni fit-taħlita tkun preżenti fiha, u li t-taħlita li tirriżulta tkun kemm jista' jkun omoġenja.

8. B'deroga mill-paragrafu 1, it-taħlitiet jistgħu jinkludu żerriegħa ta' ġeneri jew speċijiet mhux elenkati fl-Anness I. Dik id-deroga hija mingħajr preġudizzju għar-Regolament (UE) Nru 1143/2014 u għar-rekwiżiti stipulati fil-paragrafi 4, 5 u 7.

   Dawk it-taħlitiet għandhom ikunu akkumpanjati minn tikketta tal-operatur bl-indikazzjoni tal-użu rakkomandat.

9. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu, abbażi tal-iżviluppi fl-għarfien xjentifiku u tekniku u l-esperjenza miksuba mill-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu, ir-regoli dwar:

   (a) it-tagħmir u l-proċedura tat-taħlit;

   (b) l-issiġillar, l-imballaġġ, inkluż id-daqs massimu ta' pakketti żgħar, u t-tikkettar;

   (c) il-kontenut, id-daqs, il-kulur u l-format tat-tikketta uffiċjali u tat-tikketta tal-operatur għat-taħlitiet;

(d) il-piż massimu taż-żerriegħa f'kontenitur wieħed għall-każijiet fejn it-taħlita jkun fiha żerriegħa ta' daqsijiet differenti b'mod sinifikanti;

(e) fil-każ tat-taħlitiet imsemmija fil-paragrafu 8, użi possibbli; u

(f) id-denominazzjoni tat-taħlitiet.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 80(2).

Artikolu 22

Taħlitiet ta' preservazzjoni

1. Mingħajr preġudizzju għar-Regolament (UE) Nru 1143/2014, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jippermettu l-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni, fit-territorji tagħhom jew f'partijiet mit-territorji tagħhom, ta' żerriegħa maħsuba għal, jew użata fi, taħlita ta’ ġeneri jew speċi elenkati fl-Anness I u ġeneri u speċi mhux elenkati f'dak l-Anness jekk it-taħlita tikkontribwixxi għall-konservazzjoni tar-riżorsi ġenetiċi jew għar-restawr tal-ambjent naturali u tkun assoċjata b'mod naturali ma' ċertu reġjun ("reġjun ta' oriġini").

Taħlitiet bħal dawn għandhom jissejħu "taħlitiet ta' preservazzjoni".

L-Artikoli 7 sa 14, 16 u 21 ma għandhomx japplikaw għat-taħlitiet ta’ preservazzjoni.

2. It-taħlitiet ta' preservazzjoni jistgħu jiġu prodotti u kkummerċjalizzati biss minn operaturi professjonisti li huma awtorizzati għal dak l-għan mill-awtorità kompetenti.

3. It-taħlitiet ta' preservazzjoni għandhom jiġu kkummerċjalizzati biss fir-reġjun ta' oriġini tagħhom u għandhom ikunu akkumpanjati minn tikketta ta' operatur bil-kliem "Taħlita ta' preservazzjoni", u l-indikazzjoni ta' dak ir-reġjun.

4. Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati, f'konformità mal-Artikolu 79, li jissupplimentaw dan ir-Regolament billi jistipulaw rekwiżiti li jikkonċernaw:

(a) id-deżinjazzjoni tar-reġjun ta' oriġini;

(b) l-użu ta' ċerti speċijiet f'taħlitiet ta' preservazzjoni;

(c) l-awtorizzazzjoni ta' operaturi professjonisti;

(d) il-produzzjoni ta' taħlitiet ta' preservazzjoni permezz ta' ġbir dirett minn post naturali li jappartjeni għal reġjun ta' oriġini definit;

(e) il-produzzjoni ta' taħlitiet ta' preservazzjoni permezz ta' multiplikazzjoni;

(f) l-ispezzjoni, it-teħid ta' kampjuni, l-ittestjar u attivitajiet oħra mwettqa mill-awtorità kompetenti; u

(g) il-kundizzjonijiet għall-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni ta' żerriegħa maħsuba għal taħlitiet ta' preservazzjoni.

Dawk ir-rekwiżiti għandhom ikunu bbażati fuq l-esperjenza miksuba mill-applikazzjoni tar-regoli tal-Unjoni dwar it-taħlitiet ta' preservazzjoni u fuq kwalunkwe żvilupp rilevanti fl-għarfien tekniku u xjentifiku. Għandu jkun possibbli li dawk ir-rekwiżiti japplikaw esklużivament għal ġeneri jew speċijiet partikolari.

5. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu rekwiżiti speċifiċi dwar l-imballaġġ, l-issiġillar, u l-kontenut, id-daqs, il-kulur u l-format tat-tikketta tal-operatur għat-taħlitiet ta' preservazzjoni.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 80(2).

6. L-operaturi professjonisti għandhom jinnotifikaw lill-awtoritajiet kompetenti, għal kull stadju tal-produzzjoni, dwar l-ammont ta' taħlitiet ta' preservazzjoni li pproduċew u kkummerċjalizzaw.

L-Istati Membri għandhom, fuq talba, jinnotifikaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn dwar l-ammont ta' taħlitiet ta' preservazzjoni prodotti u kkummerċjalizzati fit-territorju tagħhom u, meta applikabbli, dwar l-ismijiet tal-awtoritajiet kompetenti responsabbli għar-riżorsi ġenetiċi tal-pjanti jew tal-organizzazzjonijiet rikonoxxuti għal dan l-għan.

TAQSIMA 7

DEROGI MIR-REKWIŻITI TAL-ARTIKOLI 5 SA 22

Artikolu 23

PRM li jappartjeni għall-varjetajiet ta' konservazzjoni jew varjetajiet adattati lokalment

1. Il-PRM li jappartjeni għal varjetà ta' konservazzjoni jew għal varjetà adattata lokalment irreġistrata f'reġistru nazzjonali tal-varjetajiet imsemmi fl-Artikolu 49 jista' jiġi prodott u kkummerċjalizzat fl-Unjoni biss bħala żerriegħa jew materjal standard jekk jikkonforma mar-rekwiżiti kollha stipulati fl-Artikolu 9.

   L-Artikoli 7 u 11 ma għandhomx japplikaw għal tali PRM.

2. Il-PRM li jappartjeni għal varjetà ta' konservazzjoni jew ta' varjetà adattata lokalment għandu jinżamm biss fir-reġjun ta' oriġini ta’ dik il-varjeta’, sakemm ma jkunx jappartjeni għal varjetà li qabel kienet irreġistrata f'reġistru nazzjonali tal-varjetajiet b'deskrizzjoni uffiċjali u r-reġjun ta' oriġini ma kienx definit.

3. Il-PRM imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jkun akkumpanjat minn tikketta tal-operatur bil-kliem "Varjetà ta' konservazzjoni" jew "Varjetà adattata lokalment", kif applikabbli.

4. Operatur professjonist li jipproduċi jew jikkummerċjalizza l-PRM ta’ varjetà ta' konservazzjoni jew varjetà adattata lokalment għandu jinnotifika dik l-attività lill-awtorità kompetenti kull sena u jżomm rekords dwar il-kwantitajiet prodotti matul l-aħħar sitt snin fir-rigward tal-ġeneri jew l-ispeċijiet u l-varjetajiet ikkonċernati.

L-operaturi professjonisti għandhom jipprovdu data minn dawk ir-rekords lill-awtorità kompetenti fuq talba tal-awtorità kompetenti u f'konformità mal-istruzzjonijiet tagħha.

Artikolu 24

PRM prodott għal utenti mhux professjonisti u kkummerċjalizzat lilhom

1. Il-PRM maħsub biex jintuża esklużivament minn utenti mhux professjonisti, bl-eċċezzjoni tal-PRM li jappartjeni għall-ispeċi *Cannabis sativa* L., *Papaver somniferum* L., *Solanum tuberosum* L. u l-PRM użat għal skopijiet ta' tapit tat-turf, jista' jiġi prodott u kkummerċjalizzat jekk:

(a) ikollu tikketta tal-operatur bid-denominazzjoni tal-PRM u l-kliem "Materjal riproduttiv tal-pjanti għall-utenti mhux professjonisti";

(b) fil-każ ta' PRM li ma jappartjenix għal varjetà rreġistrata f'reġistru nazzjonali tal-varjetajiet imsemmi fl-Artikolu 49:

(i) juża denominazzjoni li tikkonforma mar-rekwiżiti fl-Artikolu 60(1) u (2);

(ii) deskrizzjoni ta' dak il-PRM tkun saret disponibbli għall-pubbliku abbażi ta' dokumentazzjoni privata miżmuma mill-operatur professjonist u dik id-dokumentazzjoni tkun disponibbli għall-awtorità kompetenti fuq talba;

(c) ikun prattikament ħieles minn pesti ta' kwalità u minn kwalunkwe difett li x'aktarx ifixkel il-kwalità tiegħu bħala PRM u:

(i) fil-każ taż-żerriegħa, ikollu r-rata minima tal-ġerminazzjoni applikabbli għall-kategorija standard tal-ġeneri jew tal-ispeċijiet ikkonċernati; u

(ii) fil-każ tal-PRM għajr iż-żerriegħa, ikollu qawwa u dimensjonijiet suffiċjenti; u

(d) jiġi kkummerċjalizzat fi kwantitajiet żgħar bħala pjanti individwali, jew f'pakketti, gzuz jew kontenituri żgħar.

L-Artikoli 7 sa 11 u 16 sa 20 ma għandhomx japplikaw għal tali PRM.

2. Operatur professjonist li jipproduċi u jikkumerċjalizza PRM intiż li jintuża esklużivament minn utenti mhux professjonisti skont il-paragrafu 1 għandu jinnotifika kull sena dik l-attività lill-awtorità kompetenti u jżomm rekords dwar il-kwantitajiet prodotti matul l-aħħar sitt snin fir-rigward tal-ġeneri jew l-ispeċijiet ikkonċernati.

L-operaturi professjonisti għandhom jipprovdu data minn dawk ir-rekords lill-awtorità kompetenti, fuq talba tal-awtorità kompetenti u f'konformità mal-istruzzjonijiet tagħha.

3. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu regoli dwar id-daqs, il-forma, l-issiġillar u l-immaniġġar tal-pjanti individwali u tal-pakketti żgħar imsemmija fil-paragrafu 1, il-punt (d), ta' dan l-Artikolu u dwar id-daqs, il-format, il-kulur u l-kontenut tat-tikketta tal-operatur għall-PRM prodott għall-utenti mhux professjonisti u kkummerċjalizzat lilhom.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 80(2).

Artikolu 25

PRM prodott jew ikkummerċjalizzat minn organizzazzjonijiet u networks għall-konservazzjoni tar-riżorsi ġenetiċi tal-pjanti

1. Il-PRM maħsub għall-konservazzjoni tar-riżorsi ġenetiċi tal-pjanti jista' jkun:

(a) prodott minn organizzazzjonijiet u networks mingħajr skop ta' qligħ u minn persuni fiżiċi li huma membri tagħhom; jew

(b) ikkummerċjalizzat, mingħajr qligħ, minn tali organizzazzjonijiet u networks mingħajr skop ta' qligħ, u persuni fiżiċi li huma l-membri tagħhom, lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, u viċi versa.

L-organizzazzjonijiet u n-networks mingħajr skop ta' qligħ imsemmija fl-ewwel subparagrafu għandu jkollhom bħala l-għan espliċitu tagħhom il-konservazzjoni tar-riżorsi ġenetiċi tal-pjanti.

L-Artikoli 7 sa 22 ma għandhomx japplikaw għal tali PRM.

2. Il-PRM imsemmi fil-paragrafu 1 għandu:

(a) ikun akkumpanjat minn tikketta li tkun distinta minn kwalunkwe tikketta oħra msemmija f'dan ir-Regolament u li tinkludi:

(i) il-kliem "Materjal riproduttiv tal-pjanti għall-konservazzjoni tar-riżorsi ġenetiċi tal-pjanti";

(ii) l-isem tal-ġeneri jew tal-ispeċijiet ikkonċernati;

(iii) l-isem tal-organizzazzjoni jew tan-netwerk ikkonċernat;

(iv) kwalunkwe informazzjoni oħra meqjusa xierqa mill-organizzazzjoni jew min-network ikkonċernat għall-kummerċjalizzazzjoni tal-PRM;

(b) jekk ma jappartjenix għal varjetà rreġistrata f'reġistru nazzjonali tal-varjetajiet imsemmi fl-Artikolu 49, jiġi elenkat f'reġistru miżmum mill-organizzazzjoni jew min-network ikkonċernat b'informazzjoni xierqa relatata ma' dak il-PRM; u

(c) ikun prattikament ħieles minn pesti ta' kwalità u minn kwalunkwe difett li x'aktarx ifixkel il-kwalità tiegħu bħala PRM.

3. L-organizzazzjonijiet u n-networks imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jinnotifikaw mill-aktar fis possibbli kwalunkwe attività skont dan l-Artikolu, u kwalunkwe bidla fiha, lill-awtorità kompetenti, b'indikazzjoni tal-ġeneri jew tal-ispeċijiet ikkonċernati.

Artikolu 26

PRM skambjat in natura bejn bdiewa

1. Il-bdiewa jistgħu jiskambjaw il-PRM in natura, bl-eċċezzjoni tal-PRM li jappartjeni għall-ispeċijiet *Cannabis sativa* L., *Papaver somniferum* L. u *Solanum tuberosum* L. u l-ġeneri, *Citrus* L. u *Vitis* L., li:

   (a) ikun ġie prodott fil-bini proprju tal-bidwi rispettiv;

   (b) ikun derivat mill-għelejjel proprji tal-bidwi rispettiv; u

   (c) fil-każ taż-żerriegħa, mhijiex soġġetta għal kuntratt ta' servizz bejn il-bidwi u operatur professjonist għall-multiplikazzjoni taż-żerriegħa.

   L-Artikoli 7 sa 22 ma għandhomx japplikaw għal tali PRM.

2. Il-PRM imsemmi fil-paragrafu 1 għandu:

   (a) ma jappartjenix għal varjetà li fir-rigward tagħha jkunu ngħataw drittijiet fuq il-varjetajiet tal-pjanti jew f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 2100/94 jew mar-regoli nazzjonali dwar id-drittijiet fuq il-varjetajiet tal-pjanti tal-Istat Membru tal-produzzjoni;

   (b) ikun limitat għal kwantitajiet żgħar, definiti mill-awtoritajiet kompetenti għal ġeneri jew speċijiet speċifiċi għal kull sena u għal kull bidwi;

(c) jiġi skambjat f'livell lokali, definit mill-awtoritajiet kompetenti kkonċernati, mingħajr ma jintużaw intermedjarji kummerċjali jew offerta pubblika ta' kummerċjalizzazzjoni; u

(d) ikun prattikament ħieles minn pesti ta' kwalità u minn kwalunkwe difett li x'aktarx ikollu impatt fuq il-kwalità tiegħu bħala PRM.

3. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra bid-definizzjonijiet tagħhom ta' kwantitajiet żgħar f'konformità mal-paragrafu 2, il-punt (b), u bi kwalunkwe bidla sussegwenti f'dawk id-definizzjonijiet.

Artikolu 27

PRM ta' ġenerazzjoni qabel il-kategorija prebażika

1. Il-PRM li jappartjeni għal ġenerazzjoni qabel iż-żerriegħa jew il-materjal prebażiku jista' jiġi prodott u kkummerċjalizzat għall-finijiet tal-multiplikazzjoni tiegħu għall-produzzjoni taż-żerriegħa jew tal-materjal prebażiku jekk:

(a) jiġi kkummerċjalizzat direttament min-nissiel tal-varjetà jew minn min ikun responsabbli għas-selezzjoni konservattiva tagħha lill-operatur professjonist li jwettaq il-produzzjoni taż-żerriegħa jew tal-materjal prebażiku, u ma jkun hemm l-ebda kummerċjalizzazzjoni ulterjuri ta' dak il-PRM minn hemm' il quddiem; u

(b) ikun akkumpanjat minn tikketta ta' operatur li jkollha d-denominazzjoni tal-varjetà u l-kliem "Żerriegħa qabel iż-żerriegħa prebażika" jew "Materjal qabel il-materjal prebażiku".

L-Artikoli 7 sa 22 ma għandhomx japplikaw għal tali PRM.

2. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu regoli dwar id-daqs, il-format, il-kulur u l-kontenut tat-tikketta tal-operatur għall-PRM ta' ġenerazzjoni qabel il-kategorija prebażika.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 80(2).

Artikolu 28

PRM li jappartjeni għall-varjetajiet taħt reġistrazzjoni

1. Awtorità kompetenti tista' tawtorizza lill-operaturi professjonisti jipproduċu u jikkummerċjalizzaw żerriegħa jew materjal prebażiku, bażiku, iċċertifikat u standard li jappartjeni għal varjetà li fir-rigward tagħha tkun pendenti deċiżjoni dwar ir-reġistrazzjoni ta' varjetà ("varjetà taħt reġistrazzjoni"), bl-għan li jkun hemm biżżejjed stokk disponibbli għal multiplikazzjoni ulterjuri ladarba l-varjetà tiġi rreġistrata, jekk:

(a) il-PRM jappartjeni għal varjetà li fir-rigward tagħha l-awtorità kompetenti tkun ikkonfermat is-sottomissjoni tal-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tal-varjetajiet f'konformità mal-Artikolu 64;

(b) il-PRM jissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 8 jew 9, kif applikabbli, għall-kategoriji taż-żerriegħa jew tal-materjal prebażiku, bażiku, iċċertifikat u standard;

(c) il-PRM jiġi kkummerċjalizzat bejn l-operatur professjonist awtorizzat u l-operaturi professjonisti li jwettqu l-multiplikazzjoni, u ma jkun hemm l-ebda kummerċjalizzazzjoni ulterjuri ta' dak il-PRM minn hemm' il quddiem;

(d) ma jkun hemm l-ebda riskju li awtorizzazzjoni bħal din ser twassal għal identifikazzjoni jew għal kwalità insuffiċjenti tal-PRM kummerċjalizzat; u

(e) il-PRM ikollu referenza tan-nissiel jew denominazzjoni meqjusa xierqa skont l-Artikolu 60.

L-awtorizzazzjoni għandha tiskadi awtomatikament jekk l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tal-varjetajiet tiġi rtirata jew tiġi adottata deċiżjoni skont l-Artikolu 72(1) jew (2).

Tali awtorizzazzjoni għandha tingħata biss mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn tkun ġiet ippreżentata l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni.

L-Artikoli 10 u 11 ma għandhomx japplikaw għal PRM prodott u kkummerċjalizzat skont dan il-paragrafu.

2. Awtorità kompetenti tista' tawtorizza lill-operaturi professjonisti jipproduċu u jikkummerċjalizzaw żerriegħa jew materjal standard ta' pjanti agrikoli u patata li tappartjeni għal varjetà taħt reġistrazzjoni għall-fini tat-twettiq ta' testijiet jew provi bl-għan li tinġabar informazzjoni dwar il-kultivazzjoni jew l-użu ta' dik il-varjetà jekk:

(a) il-PRM jappartjeni għal varjetà li fir-rigward tagħha l-awtorità kompetenti tkun ikkonfermat is-sottomissjoni tal-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tal-varjetajiet f'konformità mal-Artikolu 64;

(b) il-PRM jissodisfa r-rekwiżiti applikabbli tal-Artikolu 9 għaż-żerriegħa jew għall-materjal standard;

(c) il-PRM jintuża biss minn operaturi professjonisti fil-bini ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi dežinjati speċifikament;

(d) il-PRM jiġi kkummerċjalizzat mill-operaturi professjonisti awtorizzati li jwettqu t-testijiet u l-provi lill-persuni msemmija fil-punt (c) biss, u ma jkun hemm l-ebda kummerċjalizzazzjoni ulterjuri ta' dak il-PRM minn hemm' il quddiem;

(e) ma jkun hemm l-ebda riskju li awtorizzazzjoni bħal din ser twassal għal identifikazzjoni jew għal kwalità insuffiċjenti tal-PRM kummerċjalizzat; u

(f) il-PRM ikollu referenza tan-nissiel jew denominazzjoni meqjusa xierqa skont l-Artikolu 60.

L-awtorizzazzjoni għandha tiskadi awtomatikament jekk l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tal-varjetajiet tiġi rtirata jew tiġi adottata deċiżjoni skont l-Artikolu 72(1) jew (2).

Tali awtorizzazzjoni għandha tingħata biss mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn tkun ġiet ippreżentata l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni.

Tali awtorizzazzjoni tista' tingħata għal kwantitajiet limitati għal kull ġeneru jew speċi stabbiliti fl-atti ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 12, il-punt (a), ta' dan l-Artikolu u, fin-nuqqas ta' tali atti ta' implimentazzjoni, mill-awtorità kompetenti.

L-Artikoli 7 u 11 ma għandhomx japplikaw għal PRM prodott u kkummerċjalizzat skont dan il-paragrafu.

3. L-operaturi professjonisti jistgħu jipproduċu u jikkummerċjalizzaw żerriegħa jew materjal standard ta' pjanti tal-frott u dwieli għajr is-salvaġġ tad-dwieli li jappartjeni għal varjetà taħt reġistrazzjoni għall-fini li jagħmlu varjetajiet ġodda disponibbli fis-suq mingħajr dewmien jekk:

(a) il-PRM jappartjeni għal varjetà li fir-rigward tagħha l-awtorità kompetenti tkun ikkonfermat is-sottomissjoni tal-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tal-varjetajiet f'konformità mal-Artikolu 64;

(b) il-PRM jissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 9 għaż-żerriegħa jew għall-materjal standard;

(c) ma jkun hemm l-ebda riskju li l-kummerċjalizzazzjoni twassal għal identifikazzjoni jew kwalità insuffiċjenti tal-PRM ikkummerċjalizzat; u

(d) il-PRM ikollu referenza tan-nissiel jew denominazzjoni meqjusa xierqa skont l-Artikolu 60.

Dik il-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni għandhom jieqfu jekk l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tal-varjetà tiġi rtirata jew tiġi adottata deċiżjoni li tirrifjuta r-reġistrazzjoni f'konformità mal-Artikolu 72(2).

Jekk il-varjetà ma tkunx irreġistrata, l-operatur professjonist għandu jieħu l-azzjonijiet meħtieġa biex jirtira l-PRM ikkonċernat mis-suq.

4. Awtorità kompetenti tista' tawtorizza lill-operaturi professjonisti jipproduċu u jikkummerċjalizzaw żerriegħa jew materjal standard ta' pjanti veġetali li jappartjenu għal varjetà taħt reġistrazzjoni għall-fini li jagħmlu varjetajiet ġodda disponibbli fis-suq mingħajr dewmien jekk:

(a) il-PRM jappartjeni għal varjetà li fir-rigward tagħha l-awtorità kompetenti tkun ikkonfermat is-sottomissjoni tal-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tal-varjetajiet f'konformità mal-Artikolu 64;

(b) il-PRM jissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 9 għaż-żerriegħa jew għall-materjal standard;

(c) ma jkun hemm l-ebda riskju li awtorizzazzjoni bħal din ser twassal għal identifikazzjoni jew għal kwalità insuffiċjenti tal-PRM kummerċjalizzat; u

(d) il-PRM ikollu referenza tan-nissiel jew denominazzjoni meqjusa xierqa skont l-Artikolu 60.

L-awtorizzazzjoni għandha tiskadi awtomatikament jekk l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tal-varjetajiet tiġi rtirata jew tiġi adottata deċiżjoni skont l-Artikolu 72(1) jew (2).

Jekk il-varjetà ma tkunx irreġistrata, l-operatur professjonist għandu jieħu l-azzjonijiet meħtieġa biex jirtira l-PRM mis-suq.

Tali awtorizzazzjoni għandha tingħata biss mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn tkun ġiet ippreżentata l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni.

Tali awtorizzazzjoni tista' tingħata għal kwantitajiet limitati għal kull ġeneru jew speċi kif speċifikat fl-atti ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 12, il-punt (a), ta' dan l-Artikolu u, fin-nuqqas ta' tali atti ta' implimentazzjoni, mill-awtorità kompetenti.

L-Artikolu 11 ma għandux japplika għal PRM prodott u kkummerċjalizzat skont dan il-paragrafu.

5. Sabiex jikseb l-awtorizzazzjoni msemmija fil-paragrafi 1, 2 u 4 ta' dan l-Artikolu, l-operatur professjonist għandu jippreżenta lill-awtorità kompetenti talba li jkun fiha informazzjoni dwar:

(a) l-ispeċi;

(b) ir-referenza tan-nissiel jew, jekk l-awtorità kompetenti tkun ħadet deċiżjoni pożittiva skont l-Artikolu 71, id-denominazzjoni tal-varjetà;

(c) fil-każ ta' awtorizzazzjoni skont il-paragrafi 1 u 4 ta' dan l-Artikolu, is-siti fejn għandha sseħħ il-produzzjoni tal-PRM;

(d) fil-każ ta' awtorizzazzjoni skont il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, is-siti fejn għandhom isiru t-testijiet u l-provi; u

(e) il-kwantitajiet previsti ta' żerriegħa u materjal li għandhom jiġu prodotti.

6. L-Istati Membri li l-awtoritajiet kompetenti tagħhom ikunu taw l-awtorizzazzjoni msemmija fil-paragrafi 1, 2 u 4 ta' dan l-Artikolu għandhom jinfurmaw lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni b'dan mingħajr dewmien, billi jużaw il-portal elettroniku msemmi fl-Artikolu 50(3).

7. Il-verifika tal-konformità mal-kundizzjonijiet li jikkonċernaw l-identità varjetali u l-purità varjetali tal-PRM imsemmija fil-paragrafi 1 sa 4 ta' dan l-Artikolu għandha tkun ibbażata fuq id-deskrizzjoni tal-varjetà kif ipprovduta mill-applikant jew, meta disponibbli, id-deskrizzjoni proviżorja tal-varjetà mfassla abbażi tar-riżultati tal-eżami uffiċjali tad-distintività, tal-uniformità u tal-istabbiltà tal-varjetà, kif previst fl-Artikolu 65.

8. Iż-żerriegħa jew il-materjal prebażiku, bażiku u ċċertifikat imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom ikunu akkumpanjati minn tikketta uffiċjali, u ż-żerriegħa jew il-materjal standard imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jkun akkumpanjat minn tikketta tal-operatur, fiż-żewġ każijiet bil-kliem "Varjetà taħt reġistrazzjoni – stokk għall-multiplikazzjoni".

9. Iż-żerriegħa jew il-materjal imsemmi fil-paragrafu 2 għandu jkunu akkumpanjat minn tikketta tal-operatur, bil-kliem "Varjetà taħt reġistrazzjoni – testijiet u provi".

10. Il-PRM imsemmi fil-paragrafi 3 u 4 għandu jkun akkumpanjat minn tikketta tal-operatur bil-kliem "Varjetà taħt reġistrazzjoni".

11. Operatur professjonist li juża din id-deroga għandu jżomm rekords dwar il-kwantitajiet tal-PRM tal-varjetajiet rilevanti prodotti matul l-aħħar sitt snin.

L-operaturi professjonisti għandhom jipprovdu data minn dawk ir-rekords lill-awtorità kompetenti, fuq talba tal-awtorità kompetenti u f'konformità mal-istruzzjonijiet tagħha.

12. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li:

(a) jispeċifikaw l-ammonti ta' kwantitajiet limitati, kif imsemmi fil-paragrafi 2 u 4;

(b) jistabbilixxu regoli dwar id-daqs, il-format, il-kulur u l-kontenut tat-tikketta uffiċjali u tat-tikketta tal-operatur, kif imsemmi fil-paragrafu 8.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 80(2).

Artikolu 29

Rekwiżiti għall-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni ta' żerriegħa kummerċjali

1. Iż-żerriegħa tal-ġeneri jew tal-ispeċijiet inklużi fil-kolonna 3 tal-Anness I tista' tiġi prodotta u kkummerċjalizzata bħala żerriegħa kummerċjali jekk tikkonforma mar-rekwiżiti stipulati fl-Anness III, bl-eċċezzjoni tar-rekwiżiti li jikkonċernaw aspetti varjetali.

L-Artikoli 7 sa 11 ma għandhomx japplikaw għal PRM prodott u kkummerċjalizzat skont dan il-paragrafu.

2. Iż-żerriegħa kummerċjali għandha tkun prattikament ħielsa minn pesti ta' kwalità, u prodotta u kkummerċjalizzata taħt ir-responsabbiltà tal-operatur professjonist.

3. Iż-żerriegħa msemmija fil-paragrafu 1 għandha tkun akkumpanjata minn tikketta tal-operatur bil-kliem "Żerriegħa kummerċjali".

4. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 79, li jemendaw l-Anness I billi jżidu ġeneri jew speċijiet fil-kolonna 3 ta' dak l-Anness, jew iħassru ġeneri jew speċijiet minnha.

   Dawk l-atti delegati għandhom iqisu l-iżviluppi tat-tnissil u dawk ekonomiċi li jikkonċernaw il-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tal-PRM tal-ġeneri jew tal-ispeċijiet ikkonċernati.

5. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu regoli dwar id-daqs, il-format, il-kulur u l-kontenut tat-tikketta tal-operatur għaż-żerriegħa kummerċjali.

   Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 80(2).

Artikolu 30

Awtorizzazzjoni f'każijiet ta' diffikultajiet temporanji fil-provvista

1. Sabiex jitneħħew diffikultajiet temporanji fil-provvista ta' żerriegħa jew materjal prebażiku, bażiku, iċċertifikat jew standard li jistgħu jseħħu fl-Unjoni minħabba kundizzjonijiet klimatiċi avversi jew ċirkostanzi oħra mhux previsti, il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jawtorizzaw lil Stat Membru wieħed jew aktar, għal perjodu massimu ta' 12-il xahar, jippermettu l-kummerċjalizzazzjoni tal-kategoriji ta' żerriegħa jew materjal prebażiku, bażiku, iċċertifikat jew standard li jissodisfa waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin jew it-tnejn li huma:

   (a) huwa jappartjeni għal varjetà mhux inkluża f'reġistru nazzjonali tal-varjetajiet imsemmi fl-Artikolu 49;

   (b) huwa jikkonforma ma' rekwiżiti inqas stretti minn dawk imsemmija fl-Artikolu 8(1) u (2) u l-Artikolu 9(1) u (2).

   Dawk l-atti ta' implimentazzjoni jistgħu jistipulaw il-kwantitajiet massimi li jistgħu jiġu prodotti u kkummerċjalizzati għal kull ġeneru jew speċi u t-territorji fejn dak il-PRM jista' jiġi prodott u kkummerċjalizzat.

   Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 80(2).

2. Il-PRM imsemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandu jkun akkumpanjat minn tikketta uffiċjali jew tikketta tal-operatur li tiddikjara li l-PRM ikkonċernat jappartjeni għal varjetà mhux irreġistrata jew jissodisfa rekwiżiti inqas stretti minn dawk stipulati fl-Artikolu 8(1) u (2) u fl-Artikolu 9(1) u (2). Meta r-rekwiżiti tal-kwalità inqas stretti jikkonċernaw rata tal-ġerminazzjoni mnaqqsa, it-tikketta uffiċjali jew it-tikketta ta' operatur għandha tindika r-rata tal-ġerminazzjoni tal-lott taż-żerriegħa kkonċernat.

3. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jħassru jew jemendaw it-termini tal-awtorizzazzjoni mogħtija skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jekk tikkonkludi li tali awtorizzazzjoni ma għadhiex meħtieġa jew proporzjonata għall-objettiv li jitneħħew id-diffikultajiet temporanji fil-provvista tal-PRM ikkonċernat.

   Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 80(2).

4. B'deroga mir-rekwiżit għall-awtorizzazzjoni tal-Kummissjoni msemmi fil-paragrafu 1, fil-każ taż-żerriegħa prebażika u bażika, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jippermettu, għal perjodu massimu ta' 12-il xahar u għal ammont limitat ta' kwantitajiet għal kull ġeneru jew speċi meħtieġa sabiex jittaffew id-diffikultajiet fil-provvista inkwistjoni, il-kummerċjalizzazzjoni taż-żerriegħa prebażika u bażika b'rata tal-ġerminazzjoni ta' mhux inqas minn 50 %. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinnotifika minnufih tali deċiżjonijiet lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra, filwaqt li jsemmi l-ġeneru jew l-ispeċi u r-rata tal-ġerminazzjoni permessa.

Żerriegħa bħal din tista' titqiegħed fis-suq biss bejn operaturi professjonisti fit-territorju tal-Istat Membru ta' produzzjoni u għal skopijiet ta' multiplikazzjoni biss. It-tiketta uffiċjali għandu jkollha wkoll il-kliem: “Żerriegħa b’rata tal-ġerminazzjoni mnaqqsa ta’ [rata tal-ġerminazzjoni]% – Ristretta għall-kummerċjalizzazzjoni fi [isem l-Istat Membru]".

5. B'deroga mir-rekwiżit għall-awtorizzazzjoni tal-Kummissjoni msemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, fil-każ ta' żerriegħa ċċertifikata, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jippermettu, għal perjodu massimu ta' 12-il xahar u għal ammont limitat ta' kwantitajiet għal kull ġeneru jew speċi meħtieġa sabiex jittaffew id-diffikultajiet fil-provvista inkwistjoni, il-kummerċjalizzazzjoni ta' żerriegħa ċċertifikata li tissodisfa r-rati tal-ġerminazzjoni mnaqqsa sa 15-il punt perċentwali meta mqabbla ma' dawk stipulati skont l-Artikolu 8(4), il-punt (h). L-Istat Membru kkonċernat għandu jinnotifika minnufih tali deċiżjonijiet lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra u jsemmi l-ġeneru jew l-ispeċi u r-rata tal-ġerminazzjoni permessa.

Din iż-żerriegħa tista’ titqiegħed fis-suq biss fit-territorju tal-Istat Membru tal-produzzjoni. It-tikketta uffiċjali għandu jkollha wkoll il-kliem: "Żerriegħa b'rata tal-ġerminazzjoni mnaqqsa ta' [rata tal-ġerminazzjoni]% – Ristretta għall-kummerċjalizzazzjoni fi [isem l-Istat Membru]".

6. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu regoli dwar id-daqs, il-format, il-kulur u l-kontenut tat-tikketta uffiċjali u tat-tikketta tal-operatur kif imsemmi fil-paragrafi 1 sa 5.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 80(2).

Artikolu 31

Kummerċjalizzazzjoni ta' żerriegħa ċertifikata fuq il-bażi ta' analiżi proviżorji dwar il-ġerminazzjoni fil-każ ta' ħtiġijiet ta' provvista rapida

1. Għall-fini li ż-żerriegħa ssir disponibbli malajr fis-suq, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu, għal perjodu massimu ta' tliet xhur mit-tfassil tal-kampjun rispettiv, jawtorizzaw temporanjament lill-operaturi professjonisti jikkummerċjalizzaw iż-żerriegħa prebażika, bażika jew iċċertifikata jekk dik iż-żerriegħa tinstab li tikkonforma mar-rekwiżiti kollha stipulati fl-Artikolu 8 għajr dawk li jikkonċernaw il-ġerminazzjoni. Għall-finijiet ta' tali awtorizzazzjoni, l-issodisfar tar-rekwiżiti li jikkonċernaw il-ġerminazzjoni għandu jintwera abbażi ta' rapport analitiku proviżorju.

2. L-awtorizzazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandha tingħata bil-kundizzjoni li l-operatur professjonist:

   (a) ikollu l-proċeduri meħtieġa fis-seħħ biex jiggarantixxi b'mod suffiċjenti li ż-żerriegħa kkummerċjalizzata tikkonforma mar-rekwiżiti kollha tal-Artikolu 8 għajr dawk li jikkonċernaw il-ġerminazzjoni, u jkun identifika l-punti kritiċi f'dawk il-proċeduri; u

   (b) ikollu proċeduri fis-seħħ biex jiżgura r-rekwiżiti ta' traċċabbiltà stipulati fl-Artikolu 47.

3. L-operatur professjonist għandu jżomm l-isem u l-indirizz tal-ewwel riċevituri taż-żerriegħa u r-rapport analitiku proviżorju, kif imsemmi fil-paragrafu 1, u jagħmel dan disponibbli għall-awtorità kompetenti fuq talba.

4. Iż-żerriegħa msemmija fil-paragrafu 1 għandu jkollha tikketta uffiċjali bil-kliem: "L-analiżi tal-ġerminazzjoni ma ġietx konkluża".

Artikolu 32

Kummerċjalizzazzjoni tal-PRM li mhux ċertifikat b'mod finali

1. PRM li jkun ġie prodott fl-Unjoni u li għalih tkun ġiet ikkonfermata l-konformità mar-rekwiżiti tal-produzzjoni stipulati fl-Artikolu 8(1) u (2) iżda li jkun għadu ma ġiex iċċertifikat b'mod finali bħala żerriegħa jew materjal prebażiku, bażiku jew iċċertifikat skont l-Artikolu 8 jista' jiġi kkummerċjalizzat b'referenza għal kwalunkwe waħda minn dawk il-kategoriji dment li:

   (a) qabel il-ħsad, tkun twettqet spezzjoni fuq il-post mill-awtorità kompetenti jew mill-operatur professjonist taħt superviżjoni uffiċjali;

   (b) il-PRM ikun fil-proċess li jiġi ċċertifikat mill-awtorità kompetenti jew mill-operatur professjonist taħt superviżjoni uffiċjali; u

   (c) il-PRM ikun akkumpanjat minn tikketta uffiċjali bil-kliem: "Żerriegħa/materjal mhux iċċertifikat b'mod finali".

2. Il-PRM imsemmi fil-paragrafu 1 jista’ jiġi kkummerċjalizzat biss mill-operatur professjonist li pproduċa dak il-PRM lill-operatur professjonist li ser ikollu l-PRM iċċertifikat b'mod finali. Dak l-operatur professjonist ma jistax jittrasferixxi dak il-PRM lil xi persuna oħra qabel iċ-ċertifikazzjoni finali tiegħu.

3. Jekk l-awtorità kompetenti tat-territorju fejn ikun inħasad il-PRM ("l-awtorità kompetenti tal-produzzjoni") u l-awtorità kompetenti tat-territorju fejn il-PRM għandu jiġi ċċertifikat skont l-Artikolu 8 ("l-awtorità kompetenti taċ-ċertifikazzjoni") ikunu differenti, l-awtorità kompetenti tal-produzzjoni għandha tipprovdi l-informazzjoni rilevanti dwar il-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni ta' dak il-PRM lill-awtorità kompetenti taċ-ċertifikazzjoni.

4. Il-PRM li nħasad f'pajjiż terz, iżda li għadu ma ġiex iċċertifikat bħala żerriegħa jew materjal prebażiku, bażiku jew iċċertifikat skont l-Artikolu 8 jista' jiġi kkummerċjalizzat fl-Unjoni b'referenza għal kwalunkwe waħda minn dawk il-kategoriji dment li:

(a) tkun ġiet adottata deċiżjoni dwar l-ekwivalenza skont l-Artikolu 39 rigward dak il-pajjiż terz;

(b) ir-rekwiżiti stipulati fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu jkunu ġew sodisfatti u jkun hemm superviżjoni uffiċjali tal-operaturi professjonisti tal-pajjiż terz ikkonċernat mill-awtoritajiet kompetenti tagħhom;

(c) ikunu fis-seħħ arranġamenti għall-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru u għall-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż terz ikkonċernat biex jiskambjaw informazzjoni rilevanti dwar il-kummerċjalizzazzjoni ta' dak il-PRM; u

(d) ikun hemm proċedura fis-seħħ li biha, fuq talba, l-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż terz ikkonċernat jipprovdu l-informazzjoni rilevanti kollha dwar il-produzzjoni lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru taċ-ċertifikazzjoni finali.

Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, ir-referenza għall-awtorità kompetenti tal-produzzjoni fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu għandha tinftiehem bħala referenza għall-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz ikkonċernat u r-referenza għar-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 8(1) fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandha tinftiehem bħala referenza għar-rekwiżiti ekwivalenti tal-pajjiż terz rikonoxxut skont l-Artikolu 39(1).

5. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu regoli dwar id-daqs, il-format, il-kulur u l-kontenut tat-tikketta uffiċjali msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (c).

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 80(2).

Artikolu 33

Rekwiżiti aktar stretti

1. Soġġett għal awtorizzazzjoni minn qabel mill-Kummissjoni, l-Istati Membri jistgħu jadottaw għat-territorju kollu tagħhom, jew għal parti minnu, rekwiżiti aktar stretti għall-produzzjoni u għall-kummerċjalizzazzjoni tal-PRM minn dawk stabbiliti fl-Artikolu 8 jew 9, kif applikabbli, dment li dawk ir-rekwiżiti aktar stretti jikkorrispondu għad-domanda tas-suq u għall-kundizzjonijiet speċifiċi tal-produzzjoni f'dak l-Istat Membru, jew għall-ħtiġijiet agroklimatiċi tiegħu, fir-rigward tal-PRM ikkonċernat.

Dawk ir-rekwiżiti aktar stretti ma għandhomx jimponu, jew jirriżultaw fi, kwalunkwe projbizzjoni jew restrizzjoni fuq il-moviment tal-PRM li joriġina minn Stati Membri oħrajn jew li jkun destinat għalihom.

2. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jawtorizzaw lil Stat Membru jimponi r-rekwiżiti aktar stretti msemmija fil-paragrafu 1 sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tagħhom.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 80(2).

3. Sabiex jiksbu l-awtorizzazzjoni msemmija fil-paragrafu 2, l-Istati Membri għandhom jippreżentaw talba lill-Kummissjoni li tistabbilixxi:

(a) l-abbozz ta' dispożizzjonijiet li fihom ir-rekwiżiti l-aktar stretti proposti; u

(b) ġustifikazzjoni li dawk ir-rekwiżiti huma meħtieġa u proporzjonati fid-dawl tal-objettivi li għandhom jintlaħqu, filwaqt li jitqiesu l-kostijiet u l-benefiċċji addizzjonali.

4. L-awtorizzazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 għandha tingħata biss jekk:

(a) l-implimentazzjoni tar-rekwiżiti l-aktar stretti proposti x'aktarx tiżgura titjib fl-identità u fil-kwalità tal-PRM ikkonċernat u tkun iġġustifikata mill-kundizzjonijiet agrikoli jew klimatiċi speċifiċi tal-Istat Membru kkonċernat; u

(b) ir-rekwiżiti l-aktar stretti proposti huma meħtieġa u proporzjonati fid-dawl tal-objettiv li għandu jintlaħaq.

Artikolu 34

Deroga mir-regoli tal-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni għal ċerti speċijiet

1. Il-PRM li jappartjeni għal ċerti ġeneri u speċijiet elenkati fl-Anness I jista', soġġett għall-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, jiġi prodott jew ikkummerċjalizzat f'konformità mar-regoli nazzjonali ta' Stat Membru aktar milli dawk fl-Artikoli 5 sa 22. Il-PRM ikkonċernat għandu jiġi kkummerċjalizzat biss fl-Istat Membru kkonċernat u għandu jkollu tikketta li tiddikjara li dan huwa l-każ.

L-Istati Membri li jixtiequ japplikaw l-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu għandhom jippreżentaw talba lill-Kummissjoni li turi, abbażi ta' konsultazzjonijiet mal-operaturi professjonisti kkonċernati, li:

(a) il-kultivazzjoni ta' dak il-ġeneru jew ta' dik l-ispeċi fl-Istat Membru rikjedenti ma tkunx sinifikanti, f'termini ta' valur ekonomiku u ta' żona ta' kultivazzjoni, minħabba l-kundizzjonijiet agroklimatiċi f'dak l-Istat Membru; u

(b) iċ-ċertifikazzjoni u l-kontroll tal-produzzjoni tal-PRM ta' dak il-ġeneru jew dik l-ispeċi jimponu piż amministrattiv sproporzjonat fuq l-awtorità kompetenti ta' dak l-Istat Membru.

2. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li temporanjament jippermettu l-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tal-PRM kif imsemmija fil-paragrafu 1.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 80(2).

Artikolu 35

PRM għall-produzzjoni ta' materja prima agrikola maħsuba għal skopijiet industrijali

Il-PRM jista' jiġi prodott minn persuna fiżika jew ġuridika li timmultiplika dak il-PRM f'isem is-sid ta' dak il-PRM jew li tipproduċi minn dak il-PRM materja prima agrikola li għandha tintuża mis-sid għal skopijiet industrijali, jew jista' jiġi trasferit bejn is-sid ta' dak il-PRM u tali persuna fiżika jew ġuridika, dment li:

(a) dik l-attività tkun soġġetta għal kuntratt ta' servizz bejn is-sid tal-PRM u dawk il-persuni;

(b) dik il-persuna fiżika jew ġuridika ma tiksibx titolu għal dak il-PRM jew għall-prodott tal-ħsad;

(c) tiġi żgurata t-traċċabbiltà ta' dak il-PRM; u

(d) is-sid ta' dak il-PRM ikun ipprovda lill-awtorità kompetenti minn qabel kopja tal-partijiet rilevanti tal-kuntratt ta' servizz magħmul ma' dik il-persuna fiżika jew ġuridika, inkluż mill-inqas il-partijiet kontraenti, il-PRM ikkonċernat, id-durata tal-kuntratt, il-post tal-produzzjoni, u l-kundizzjonijiet li għandhom jiġu sodisfatti minn dak il-PRM.

Artikoli 5 sa 22 ma għandhomx japplikaw għal PRM prodott u kkummerċjalizzat skont dan l-Artikolu.

Artikolu 36

Miżuri ta' emerġenza

1. Meta jkun hemm evidenza xjentifika ġdida jew addizzjonali li tissuġġerixxi li l-produzzjoni, il-kummerċjalizzazzjoni jew il-kultivazzjoni tal-PRM, jew l-użu tal-prodott finali, jikkostitwixxu riskju serju għas-saħħa tal-bniedem, tal-annimali jew tal-pjanti, għall-ambjent jew għall-kultivazzjoni ta' ġeneri u ta' speċijiet oħrajn, u tali riskju ma jkunx ġie vvalutat skont xi regola oħra tal-Unjoni u ma jkunx jista' jitrażżan b'mod sodisfaċenti bil-miżuri meħuda mill-Istat Membru kkonċernat, il-Kummissjoni għandha tadotta mingħajr dewmien, fuq inizjattiva tagħha stess jew fuq talba ta' Stat Membru, atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu miżuri ta' emerġenza interim xierqa u proporzjonati.

   Tali miżuri għandhom ikunu limitati fiż-żmien u jistgħu jinkludu dispożizzjonijiet li jirrestringu jew jipprojbixxu l-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tal-PRM ikkonċernat.

   Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 80(2).

Għal raġunijiet imperattivi ta' urġenza debitament ġustifikati relatati mar-riskju serju għas-saħħa tal-bniedem, il-Kummissjoni għandha tadotta minnufih l-atti ta' implimentazzjoni applikabbli f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 80(3).

2. Meta Stat Membru jinforma uffiċjalment lill-Kummissjoni bil-ħtieġa li jittieħdu miżuri ta' emerġenza, u l-Kummissjoni ma tkunx aġixxiet f'konformità mal-paragrafu 1, dak l-Istat Membru jista' jadotta miżuri ta' emerġenza interim xierqa, proporzjonati u limitati fiż-żmien. Dawk il-miżuri jistgħu jinkludu dispożizzjonijiet li jirrestringu, jipprojbixxu jew jistabbilixxu kundizzjonijiet xierqa għall-produzzjoni jew għall-kummerċjalizzazzjoni tal-PRM fit-territorju ta' dak l-Istat Membru, skont il-gravità tas-sitwazzjoni. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinnotifika minnufih lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra bil-miżuri adottati u l-perjodu li jkopru, filwaqt li jiddikjara r-raġunijiet għad-deċiżjoni tiegħu.

3. Fi żmien 60 jum mill-wasla tan-notifika tal-miżuri adottati skont il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha tressaq dawk il-miżuri quddiem il-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 80(1) bil-ħsieb li tadotta att ta' implimentazzjoni li jestendi, jemenda jew iħassar il-miżura ta' emerġenza interim nazzjonali kkonċernata f'konformità mal-proċedura regolatorja msemmija fl-Artikolu 80(2).

Artikolu 37

Esperimenti temporanji sabiex jinstabu alternattivi aħjar għal ċerti dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament

1. B'deroga mill-Artikoli 1 sa 78, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 79 li jissupplimentaw dan ir-Regolament billi jistabbilixxu esperimenti temporanji biex jittestjaw titjib potenzjali għal dan ir-Regolament f'konformità mal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.

   Esperimenti bħal dawn jistgħu jieħdu l-forma ta' provi xjentifiċi jew tekniċi li jeżaminaw il-fattibbiltà u l-adegwatezza ta' dispożizzjonijiet ġodda meta mqabbla ma' dawk stipulati fl-Artikoli 1 sa 78.

2. L-atti delegati msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jispeċifikaw wieħed jew aktar mill-elementi li ġejjin:

   (a) il-ġeneri jew l-ispeċijiet ikkonċernati;

   (b) il-kundizzjonijiet tal-esperimenti għal kull ġeneru jew speċi;

   (c) id-durata tal-esperiment;

   (d) l-obbligi ta' monitoraġġ u ta' rapportar tal-Istati Membri parteċipanti.

   Dawk l-atti delegati għandhom jirriflettu l-iżviluppi fl-għarfien xjentifiku u tekniku fir-rigward tal-produzzjoni tal-PRM ikkonċernat u għandhom ikunu bbażati fuq kwalunkwe prova komparattiva mwettqa mill-Istati Membri.

3. Il-Kummissjoni għandha tirrieżamina r-riżultati ta' kwalunkwe esperiment imwettaq skont l-atti delegati msemmija fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu u tiġborhom fil-qosor f'rapport, filwaqt li tindika, jekk ikun meħtieġ, il-ħtieġa li jiġu emendati l-Artikoli 1 sa 78.

TAQSIMA 8

IMPORTAZZJONIJIET MINN PAJJIŻI TERZI

Artikolu 38

Importazzjoni ta' PRM

1. Il-PRM jista' jiġi importat biss minn pajjiżi terzi jekk ikun ġie rikonoxxut skont l-Artikolu 39(1) li jissodisfa rekwiżiti ekwivalenti għal dawk applikabbli għall-PRM prodott u kkummerċjalizzat fl-Unjoni.

2. Il-PRM li jappartjeni għat-taħlitiet ta' preservazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 22 u l-PRM soġġett għad-derogi stipulati fl-Artikoli 23 sa 26, 29, 31 u 34 ma għandux jiġi importat, u ma għandha tiġi rikonoxxuta l-ebda ekwivalenza skont l-Artikolu 39.

3. B'deroga mill-paragrafu 1, iż-żerriegħa kif imkabbra tista' tiġi importata fl-Unjoni bl-għan li tiġi pproċessata u kkummerċjalizzata bħala żerriegħa standard mingħajr il-ħtieġa ta' konformità mar-rekwiżiti msemmija f'dak il-paragrafu. Żerriegħa bħal din għandha tkun konformi mal-kundizzjonijiet li ġejjin:

   (a) għandha tkun akkumpanjata minn tikketta skont l-Artikolu 40(4) u l-identità tagħha għandha tiġi żgurata; u

(b) għandha tiġi kkummerċjalizzata biss sal-post tal-ipproċessar mingħajr kummerċjalizzazzjoni ulterjuri qabel l-ipproċessar tagħha.

L-operatur professjonist għandu jinnotifika l-importazzjoni ta' dik iż-żerriegħa bil-quddiem lill-awtorità kompetenti.

L-operatur professjonist responsabbli għaż-żerriegħa kif imkabbra importata għandu jipprovdi, fuq talba tal-awtorità kompetenti, informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet li taħthom tkun saret il-produzzjoni jew il-multiplikazzjoni, il-post tal-ipproċessar, il-varjetajiet li għalihom tappartjeni ż-żerriegħa u l-kwantitajiet tagħha li jkunu ġew importati skont dan il-paragrafu.

Artikolu 39

Rikonoxximent tal-ekwivalenza

1. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jirrikonoxxu li l-PRM ta' ġeneri, ta' speċijiet jew ta' kategoriji speċifiċi prodotti f'pajjiż terz, jew f'reġjun partikolari ta' pajjiż terz, jissodisfa rekwiżiti ekwivalenti għal dawk applikabbli għall-PRM prodott u kkummerċjalizzat fl-Unjoni, abbażi ta' dawn kollha li ġejjin:

(a) eżami bir-reqqa tal-informazzjoni u tad-data pprovduti minn dak il-pajjiż terz għall-PRM ikkonċernat;

(b) awditu tal-pajjiż terz, imwettaq mill-Kummissjoni, li juri li s-sistema fis-seħħ tiżgura li l-PRM prodott f'dak il-pajjiż, jew f'reġjun partikolari ta' dak il-pajjiż, jissodisfa rekwiżiti ekwivalenti għal dawk applikabbli għall-PRM prodott u kkummerċjalizzat fl-Unjoni meta tkun l-ewwel talba għar-rikonoxximent tal-ekwivalenza fir-rigward ta' dak il-pajjiż terz; u

(c) fil-każ ta' żerriegħa li tappartjeni għal speċi li għaliha teżisti Skema taż-Żrieragħ tal-OECD, il-fatt li l-pajjiż terz ikkonċernat jipparteċipa fl-Iskemi taż-Żrieragħ tal-OECD u barra minn hekk jimplimenta l-metodi tal-ISTA, jew, fejn applikabbli, jimplimenta r-regoli tal-Assoċjazzjoni tal-Analisti Uffiċjali taż-Żerriegħa (AOSA) jew korpi u organizzazzjonijiet internazzjonali oħra li jistabbilixxu l-istandards.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 80(2).

2. Fejn meħtieġ u fuq talba tal-Kummissjoni, esperti mill-Istati Membri jistgħu jassistu lill-Kummissjoni fit-twettiq tal-eżami u l-awditjar imsemmija fil-paragrafu 1, il-punti (a) u (b).

3. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha teżamina:

(a) il-leġiżlazzjoni tal-pajjiż terz dwar il-produzzjoni tal-PRM għall-ġeneri jew għall-ispeċijiet ikkonċernati;

(b) l-istruttura tal-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż terz ikkonċernat, jew reġjun tiegħu, u s-servizzi ta' kontroll tiegħu, is-setgħat ta' dawk l-awtoritajiet kompetenti, il-garanziji li jistgħu jiġu pprovduti fir-rigward tal-applikazzjoni u l-infurzar tal-leġiżlazzjoni applikabbli għas-settur ikkonċernat fil-pajjiż terz rispettiv jew reġjun tiegħu, u, fejn applikabbli, l-affidabbiltà tal-proċeduri ta' ċertifikazzjoni uffiċjali;

(c) it-twettiq ta' kontrolli uffiċjali adegwati mill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż terz ikkonċernat fir-rigward tal-identifikazzjoni u tal-kwalità tal-PRM tal-ġeneri jew tal-ispeċijiet ikkonċernati;

(d) il-garanziji pprovduti mill-pajjiż terz li:

(i) ir-rekwiżiti applikati għas-siti tal-produzzjoni tal-PRM li għandu jiġi importat fl-Unjoni huma ekwivalenti għal dawk applikabbli għas-siti tal-produzzjoni tal-PRM prodott u kkummerċjalizzat fl-Unjoni; u

(ii) is-siti tal-produzzjoni msemmija fil-punt (i) huma soġġetti għal kontrolli regolari u effettivi mill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż terz.

Wara t-twettiq tal-awditu msemmi fil-paragrafu 1, il-punt (b), il-Kummissjoni tista' twettaq awditi ulterjuri biex tivverifika l-konformità ma' dan il-paragrafu mill-pajjiż terz ikkonċernat. Għal dak l-għan, u fuq talba tal-Kummissjoni, l-Istati Membri jistgħu jagħmlu l-esperti tagħhom disponibbli biex jassistu lill-Kummissjoni.

4. L-atti ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 jistgħu jipprevedu wieħed jew aktar minn dawn li ġejjin, kif xieraq għall-PRM ikkonċernat:

(a) il-kundizzjonijiet relatati mal-ispezzjonijiet fis-sit tal-produzzjoni, imwettqin f'pajjiżi terzi;

(b) fil-każ taż-żerriegħa, il-kundizzjonijiet relatati mal-ħruġ fil-pajjiż terz ta' ċertifikat ipprovdut mill-ISTA, jew, fejn applikabbli, l-AOSA jew korpi u organizzazzjonijiet internazzjonali oħrajn li jistabbilixxu l-istandards;

(c) il-kundizzjonijiet relatati mal-PRM soġġett għad-deroga msemmija fl-Artikolu 32;

(d) il-kundizzjonijiet relatati mal-imballaġġ, mal-issiġillar u mat-tikkettar tal-PRM;

(e) il-kundizzjonijiet relatati mal-produzzjoni, mal-identità u mal-kummerċjalizzazzjoni tal-PRM, minbarra dawk previsti mil-leġiżlazzjoni tal-pajjiż terz, jekk dan ikun meħtieġ sabiex jiġu indirizzati aspetti partikolari li jikkonċernaw l-identità u l-kwalità ta' dak il-PRM;

(f) ir-rekwiżiti li għandhom jiġu sodisfatti mill-operaturi professjonist li jipproduċu u jikkummerċjalizzaw il-PRM.

5. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jispeċifikaw id-data u l-informazzjoni li għandhom jiġu pprovduti għall-PRM minn pajjiż terz jew reġjun tiegħu li għandu jiġi rikonoxxut bħala ekwivalenti f'konformità mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 80(2).

6. Sa … [id-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha tadotta att ta' implimentazzjoni li jelenka l-pajjiżi terzi u l-ġeneri, l-ispeċijiet u l-kategoriji rispettivi li għalihom diġà ġiet rikonoxxuta ekwivalenza fi:

(a) id-Deċiżjoni 2003/17/KE; u

(b) ir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni adottati skont l-Artikolu 16 tad-Direttiva 2008/72/KE u l-Artikolu 12(1) tad-Direttiva 2008/90/KE.

Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 80(2).

Il-PRM mill-pajjiżi u mit-territorji inklużi f'dik il-lista għandu jitqies li jissodisfa rekwiżiti ekwivalenti għal dawk applikabbli għall-PRM prodott u kkummerċjalizzat fl-Unjoni, mingħajr preġudizzju għal valutazzjonijiet futuri tal-Kummissjoni f'konformità ma' dan l-Artikolu.

7. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jirrikonoxxu li l-verifiki fuq is-selezzjoni konservattiva tal-varjetajiet imwettqa f'pajjiż terz jagħtu l-istess garanziji bħal dawk previsti fl-Artikolu 76(1), (2) u (5) jekk il-varjetajiet irreġistrati f'reġistru nazzjonali tal-varjetajiet jew fir-reġistru tal-varjetajiet tal-Unjoni jridu jinżammu f'dak il-pajjiż terz.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 80(2).

Artikolu 40

Tikkettar ta' PRM importat minn pajjiżi terzi

1. Iż-żerriegħa prebażika, bażika u ċċertifikata minn pajjiżi terzi tista' tiġi importata biss jekk ikollha tikketta tal-OECD jew tikketta uffiċjali maħruġa mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz għall-ġeneri u l-ispeċijiet li għalihom ma hemm l-ebda Skema taż-Żrieragħ tal-OECD disponibbli u, fejn applikabbli, tkun akkumpanjata minn ċertifikat maħruġ mill-ISTA jew mill-AOSA jew minn korpi u organizzazzjonijiet internazzjonali oħrajn li jistabbilixxu l-istandards.

2. Il-materjal prebażiku, bażiku u ċċertifikat minn pajjiżi terzi jista' jiġi importat biss jekk ikollu tikketta uffiċjali maħruġa mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz ikkonċernat.

3. Iż-żerriegħa u l-materjal standard minn pajjiżi terzi jistgħu jiġu importati biss jekk ikollhom, fejn applikabbli, tikketta tal-OECD maħruġa minn operatur professjonist jew tikketta ta' operatur.

4. Iż-żerriegħa kif imkabbra tista' tiġi importata biss jekk ikollha tikketta tal-operatur bil-kliem "Żerriegħa kif imkabbra".

5. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu l-format, il-kulur, il-lingwa, id-daqs u l-kontenut tat-tikketti msemmija fil-paragrafi 1 sa 4.

   Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 80(2).

Artikolu 41

Informazzjoni pprovduta għall-PRM importat minn pajjiżi terzi

Il-PRM jista' jiġi importat fl-Unjoni biss wara li tkun ġiet ippreżentata notifika elettronika mill-operatur professjonist permezz tas-sistema ta' ġestjoni tal-informazzjoni għall-kontrolli uffiċjali (IMSOC) imsemmija fl-Artikolu 131 tar-Regolament (UE) 2017/625. Dik in-notifika għandha tinkludi l-post tad-destinazzjoni.

Kapitolu III

Rekwiżiti għall-operaturi professjonisti

Artikolu 42

Obbligi għall-operaturi professjonisti

L-operaturi professjonisti għandhom:

(a) ikunu stabbiliti fl-Unjoni;

(b) ikunu rreġistrati fir-reġistru msemmi fl-Artikolu 65 tar-Regolament (UE) 2016/2031, għall-finijiet ta’ dan ir-Regolament;

(c) ikunu disponibbli personalment, jew jaħtru persuna oħra biex tkun disponibbli personalment, biex tikkomunika mal-awtoritajiet kompetenti għall-iffaċilitar tat-twettiq tal-kontrolli uffiċjali;

(d) jidentifikaw u jimmonitorjaw il-punti kritiċi tal-proċess tal-produzzjoni jew tal-kummerċjalizzazzjoni li jistgħu jinfluwenzaw l-identità u l-kwalità tal-PRM;

(e) iżommu rekords tal-monitoraġġ tal-punti kritiċi msemmija fil-punt (d) ta' dan l-Artikolu u jipprovduhom għall-eżami meta mitlub mill-awtoritajiet kompetenti;

(f) jiżguraw li l-lottijiet tal-PRM jibqgħu identifikabbli separatament;

(g) iżommu informazzjoni aġġornata dwar l-indirizz tal-bini u postijiet oħra, inkluż dawk tal-partijiet kontraenti, użati għall-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 3, punt (4);

(h) jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jkollhom aċċess għall-bini u postijiet oħra fejn iseħħu l-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 3, punt (4), inkluż il-bini u l-oqsma tal-partijiet kontraenti, u għar-rekords tal-monitoraġġ u d-dokumenti relatati kollha;

(i) jieħdu miżuri, meta jkun xieraq, biex iżommu l-identità tal-PRM f'konformità mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament; u

(j) iqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet kompetenti, fuq talba tagħhom, kwalunkwe kuntratt ma' partijiet kontraenti.

L-awtoritajiet kompetenti għandhom jipproċessaw l-informazzjoni li titqiegħed għad-dispożizzjoni tagħhom skont il-punt (j) f'konformità mar-regoli tal-Unjoni u dawk nazzjonali dwar il-kunfidenzjalità, l-aċċess għall-informazzjoni u l-protezzjoni tad-data personali.

Artikolu 43

Proċedura ta' reġistrazzjoni

1. L-operaturi professjonisti li għandhom jiġu rreġistrati f'konformità mal-Artikolu 42, il-punt (b), għandhom jissottomettu applikazzjoni għar-reġistrazzjoni lill-awtorità kompetenti.

2. L-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tinkludi:

   (a) l-isem u l-indirizz fl-Istat Membru ta' reġistrazzjoni u d-dettalji ta' kuntatt tal-operatur professjonist;

   (b) dikjarazzjoni dwar l-intenzjoni tal-operatur professjonist li jeżerċita waħda jew aktar mill-attivitajiet imsemmijin fl-Artikolu 3, punt (4);

   (c) dikjarazzjoni dwar l-intenzjoni li jitwettqu attivitajiet ta' ċertifikazzjoni taħt superviżjoni uffiċjali;

   (d) l-indirizz tal-bini użat mill-operatur professjonist fl-Istat Membru kkonċernat biex iwettaq l-attivitajiet imsemmijin fl-Artikolu 3, punt (4) għall-finijiet tar-reġistrazzjoni; u

   (e) it-tipi ta' komoditajiet, u l-ġeneri jew l-ispeċijiet tal-PRM, ikkonċernati mill-attivitajiet imsemmijin fl-Artikolu 3, punt (4), imwettqa mill-operatur professjonist.

3. Meta l-awtorità kompetenti tikkunsidra li l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ikun fiha d-data kollha stipulata fil-paragrafu 2, hija għandha tirreġistra l-operatur professjonist mingħajr dewmien.

4. L-operaturi reġistrati għandhom jissottomettu mingħajr dewmien aġġornament dwar kwalunkwe bidla, fir-rigward tal-istaġun tal-produzzjoni li jmiss, fid-data msemmija fil-paragrafu 2.

5. Meta l-awtorità kompetenti ssir konxja li l-operatur professjonist ma jibqax iwettaq l-attivitajiet imsemmijin fl-Artikolu 3, punt (4), jew li d-data inkluża fl-applikazzjoni sottomessa mill-operatur professjonist f'konformità mal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu ma għadhiex korretta, hija għandha titlob lil dak l-operatur jikkorreġi dik id-data immedjatament jew f'perjodu speċifikat.

   Meta l-operatur professjonist ma jikkorreġix dik id-data fil-perjodu stabbilit mill-awtorità kompetenti, l-awtorità kompetenti għandha temenda jew tirrevoka r-reġistrazzjoni ta' dak l-operatur.

6. L-awtoritajiet kompetenti għandu jkollhom aċċess sħiħ għar-reġistru msemmi fl-Artikolu 65(1) tar-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Istat Membru tagħhom.

Artikolu 44

Kontenut tar-reġistru

Ir-reġistru tal-operaturi professjonisti għandu jkun fih id-data stipulata fl-Artikolu 43(2), il-punti (a), (b), (d) u (e), kif ukoll:

(a) in-numru uffiċjali ta' reġistrazzjoni;

(b) fejn applikabbli, indikazzjoni ta' liema mill-attivitajiet imsemmijin fl-Artikolu 43(2), il-punt (c), li l-operatur professjonist huwa awtorizzat għalihom.

Artikolu 45

Derogi mill-obbligi tal-operaturi professjonisti

1. B'deroga mill-Artikolu 42, il-punt (b), l-operaturi professjonisti ma għandhomx ikunu meħtieġa li jkunu rreġistrati jekk iwettqu esklużivament waħda jew aktar mill-attivitajiet li ġejjin:

   (a) il-produzzjoni jew il-kummerċjalizzazzjoni ta' PRM maħsub biex jintuża esklużivament minn utenti mhux professjonisti u jiġi kkummerċjalizzat direttament lilhom skont l-Artikolu 24;

   (b) il-produzzjoni jew il-kummerċjalizzazzjoni ta' PRM maħsub għall-konservazzjoni tar-riżorsi ġenetiċi tal-pjanti minn organizzazzjonijiet u networks skont l-Artikolu 25;

   (c) l-iskambju ta' PRM in natura bejn il-bdiewa skont l-Artikolu 26.

2. L-operaturi professjonisti li l-attivitajiet tagħhom huma limitati għall-produzzjoni u għall-kummerċjalizzazzjoni ta' PRM ta' varjetajiet ta' konservazzjoni jew ta' varjetajiet adattati lokalment f'konformità mal-Artikolu 23 ma għandhomx ikunu soġġetti għar-rekwiżit fl-Artikolu 42, il-punt (e).

3. L-operaturi professjonisti li l-attivitajiet tagħhom relatati ma' PRM ikunu limitati għall-kummerċjalizzazzjoni direttament lill-utenti mhux professjonisti f'konformità mal-Artikolu 24 mingħajr tibdil fil-kontenut tal-lottijiet, jew ta' kwalunkwe imballaġġ jew it-tikkettar, ma għandhomx ikunu soġġetti għar-rekwiżiti tal-Artikolu 42, il-punti (d), (e) u (g).

4. L-organizzazzjonijiet u n-networks involuti fil-konservazzjoni tar-riżorsi ġenetiċi tal-pjanti f'konformità mal-Artikolu 25 ma għandhomx ikunu soġġetti għar-rekwiżiti fl-Artikolu 42, il-punti (d) u (e).

5. Il-bdiewa li jiskambjaw PRM in natura f'konformità mal-Artikolu 26 ma għandhomx ikunu soġġetti għar-rekwiżiti tal-Artikolu 42, il-punti (d), (e), (f), (i) u (j).

6. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 79 li jemendaw il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu billi jżidu tipi oħra ta' operaturi professjonisti li għandhom jiġu eżentati mir-rekwiżit fl-Artikolu 42, il-punt (b), meta reġistrazzjoni tkun tikkostitwixxi piż amministrattiv għal tali operaturi professjonisti li jkun sproporzjonat għar-riskju baxx relatat mal-attivitajiet professjonali tagħhom.

Artikolu 46

Disponibbiltà tal-informazzjoni tar-reġistri uffiċjali

1. L-Istat Membru tal-awtorità kompetenti li żżomm ir-reġistru msemmi fl-Artikolu 42, il-punt (b), għandu jagħmel disponibbli, fuq talba motivata, l-informazzjoni li tinsab fih lill-Kummissjoni jew lil Stati Membri oħra.

2. L-awtorità kompetenti li żżomm ir-reġistru għandha tagħmel disponibbli, fuq talba motivata, l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 43(2), il-punti (a) u (b), u fl-Artikolu 44, il-punt (b), dwar operatur professjonist reġistrat partikolari lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika stabbilita fl-Unjoni għall-użu proprju ta' dik il-persuna.

3. Dan l-Artikolu huwa mingħajr preġudizzju għar-regoli tal-Unjoni u dawk nazzjonali dwar il-kunfidenzjalità, l-aċċess għall-informazzjoni u l-protezzjoni tad-data personali.

Artikolu 47

Traċċabbiltà

1. L-operaturi professjonisti għandhom jiżguraw li PRM ikun traċċabbli fl-istadji kollha tal-produzzjoni u tal-kummerċjalizzazzjoni għal jew minn operatur professjonist ieħor.

2. L-operaturi professjonisti għandhom iżommu informazzjoni jew rekords li jippermettulhom jidentifikaw:

(a) l-operaturi professjonisti jew persuni fiżiċi jew ġuridiċi oħra li jkunu fornewlhom il-PRM ikkonċernat;

(b) l-operaturi professjonisti li lilhom ikunu fornew PRM u l-PRM ikkonċernat.

Meta jintalbu, dawn għandhom jagħmlu din l-informazzjoni disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti.

3. L-operaturi professjonisti għandhom iżommu rekords tal-PRM u l-informazzjoni tal-operaturi professjonisti u tal-persuni fiżiċi jew ġuridiċi msemmijin fil-paragrafu 2 għal tal-inqas sitt snin wara li l-PRM ikun ġie fornit lilhom jew minnhom.

4. Dan l-Artikolu ma għandux japplika għall-attivitajiet imsemmijin fl-Artikoli 25 u 26.

Artikolu 48

Notifika ta' produzzjoni

1. Mill-inqas darba fis-sena, l-operaturi professjonisti għandhom jinnotifikaw lill-awtorità kompetenti minn qabel, f'konformità mal-istruzzjonijiet tagħha, dwar dan li ġej:

(a) il-produzzjoni maħsuba tagħhom ta' żerriegħa u materjal prebażiċi, bażiċi u ċċertifikati matul dik is-sena; u

(b) il-produzzjoni tagħhom ta' żerriegħa u materjal prebażiċi, bażiċi u ċċertifikati li nbdiet fis-snin ta' qabel u qed titkompla fis-sena kkonċernata.

Dik in-notifika għandha tiddikjara l-ġeneri jew l-ispeċijiet, il-varjetajiet jew, fejn xieraq, il-kloni magħżula jew il-materjal poliklonali, il-kategoriji tal-PRM ikkonċernat u l-post eżatt tal-produzzjoni.

2. L-operaturi professjonisti għandhom iżommu data dwar il-kwantitajiet ta' żerriegħa u materjal standard u żerriegħa kummerċjali prodotti matul l-aħħar sitt snin b'referenza għall-ġeneri jew l-ispeċijiet ikkonċernati. L-operaturi professjonisti għandhom jipprovdu dik id-data lill-awtorità kompetenti fuq talba u f'konformità mal-istruzzjonijiet tagħha.

Kapitolu IV
Reġistrazzjoni tal-varjetajiet

TAQSIMA 1
REĠISTRI TAL-VARJETAJIET

Artikolu 49

Stabbiliment ta' reġistri nazzjonali tal-varjetajiet

1. Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi u jippubblika, f'format elettroniku, u jżomm aġġornat reġistru nazzjonali uniku tal-varjetajiet ("reġistru nazzjonali tal-varjetajiet") li jkun fih tal-inqas dan li ġej:

   (a) il-varjetajiet kollha reġistrati skont il-proċedura stipulata fit-Taqsima 3, inkluż il-varjetajiet li r-reġistrazzjoni tagħhom tkun ġiet itterminata skont l-Artikolu 75(1);

   (b) varjetajiet li għalihom tkun ġiet sottomessa applikazzjoni skont l-Artikolu 61 u li jkunu għadhom ma ġewx irreġistrati skont l-Artikolu 72, inkluż il-varjetajiet li l-applikazzjoni tagħhom tkun ġiet miċħuda jew irtirata, kif imsemmi fl-Anness IV, il-punt (f).

2. Kwalunkwe varjetà, inkluż varjetajiet ta' ġeneri jew speċijiet mhux elenkati fl-Anness I, li tkun ġiet irreġistrata f'konformità mar-regoli nazzjonali għandha tiġi indikata fir-reġistru nazzjonali tal-varjetajiet separatament.

3. PRM li jappartjeni għal varjetà li tkun irreġistrata f'konformità mal-paragrafu 1, il-punt (a), f'tal-inqas reġistru nazzjonali tal-varjetajiet wieħed jista' jiġi prodott u kkummerċjalizzat immedjatament fl-Unjoni, f'konformità ma' dan ir-Regolament.

4. Wara l-istabbiliment tar-reġistri nazzjonali tal-varjetajiet tagħhom, kif ukoll wara kwalunkwe aġġornament tagħhom, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw minnufih lill-Kummissjoni bi kwalunkwe element ta' dawk ir-reġistri li huwa soġġett għal dan ir-Regolament għall-finijiet li jiġi inkluż fir-reġistru tal-varjetajiet tal-Unjoni.

5. Varjetajiet li huma maħsuba biss bħala komponenti parentali ta' varjetajiet ibridi u li mhumiex ikkummerċjalizzati bħala varjetajiet individwali ma għandhomx ikunu meħtieġa li jiġu rreġistrati skont dan il-Kapitolu.

Artikolu 50

Stabbiliment ta' reġistru tal-varjetajiet tal-Unjoni

1. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi, tippubblika f'format elettroniku, u żżomm aġġornat reġistru uniku tal-varjetajiet ("ir-reġistru tal-varjetajiet tal-Unjoni").

2. Ir-reġistru tal-varjetajiet tal-Unjoni għandu jinkludi l-elementi tar-reġistri nazzjonali tal-varjetajiet kif notifikati f'konformità mal-Artikolu 49(4) u għandu jiġi aġġornat minnufih abbażi ta' dawn in-notifiki.

3. Ir-reġistru tal-varjetajiet tal-Unjoni għandu jkun aċċessibbli permezz ta' portal elettroniku stabbilit u ġestit mill-Kummissjoni. Dak il-portal jista' jippermetti aċċess għal reġistri oħra ta' varjetajiet ta' pjanti, listi ta' kloni magħżula u materjal poliklonali, jew bażijiet ta' data oħra tal-pjanti, inkluż dawk tal-materjal riproduttiv tal-foresti u tal-materjal organiku eteroġenu.

Artikolu 51

Kontenut tar-reġistri nazzjonali tal-varjetajiet u tar-reġistru tal-varjetajiet tal-Unjoni

1. Ir-reġistri nazzjonali tal-varjetajiet u r-reġistru tal-varjetajiet tal-Unjoni għandu jkun fihom l-elementi kollha stipulati fl-Anness IV dwar il-varjetajiet imsemmijin fl-Artikolu 49(1).

2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 79 li jemenda l-Anness IV sabiex jitqiesu l-iżviluppi fl-għarfien xjentifiku u tekniku u l-ħtieġa li l-awtoritajiet kompetenti jew l-operaturi professjonisti jiksbu informazzjoni aktar preċiża dwar il-varjetajiet imsemmijin fl-Artikolu 49(1), meta jkun indikat mill-esperjenza .

Artikolu 52

Stabbiliment ta' listi nazzjonali ta' kloni magħżula u materjal poliklonali

1. Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi, jippubblika f'format elettroniku, u jżomm aġġornata lista nazzjonali unika ta' kloni magħżula u materjal poliklonali ("lista nazzjonali ta' kloni magħżula u materjal poliklonali") tal-varjetajiet ta' ġeneri u speċijiet ta' pjanti tal-frott u dwieli elenkati fl-Anness I.

Dawk il-kloni magħżula u dak il-materjal poliklonali għandhom jappartjenu għal varjetà li tkun ġiet irreġistrata skont l-Artikolu 72 f'reġistru nazzjonali tal-varjetajiet imsemmi fl-Artikolu 49.

2. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni l-lista nazzjonali ta' kloni magħżula u materjal poliklonali u kwalunkwe aġġornament tagħha. Il-Kummissjoni għandha tippubblika l-lista aġġornata fuq il-portal elettroniku msemmi fl-Artikolu 50(3).

3. Kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika stabbilita fl-Unjoni tista' tissottometti lill-awtorità kompetenti applikazzjoni għall-elenkar ta' klonu magħżul jew materjal poliklonali fil-lista nazzjonali ta' kloni magħżula u materjal poliklonali. Dik l-applikazzjoni għandha tinkludi tal-inqas dan li ġej:

(a) il-ġeneru jew l-ispeċi u l-varjetà li għaliha jappartjeni l-klonu magħżul jew il-materjal poliklonali;

(b) id-denominazzjoni proposta għall-klonu magħżul jew għall-materjal poliklonali skont l-Artikolu 60(4);

(c) il-persuna fiżika jew ġuridika li wettqet l-għażla;

(d) l-operatur professjonist li jżomm il-klonu magħżul jew il-materjal poliklonali, jekk ikun differenti mill-persuna fiżika jew ġuridika msemmija fil-punt (c) ta' dan il-paragrafu;

(e) dokumentazzjoni tal-metodoloġija li wasslet għall-klonu magħżul jew għall-materjal poliklonali;

(f) fejn applikabbli, id-deskrizzjoni tal-kompożizzjoni tal-materjal poliklonali;

(g) deskrizzjoni tal-gwadanji ġenetiċi effettivi fir-rigward tal-prestazzjoni ġenerali tal-varjetà rilevanti fir-rigward tal-karatteristiċi agronomiċi jew teknoloġiċi jew il-karatteristiċi relatati mal-kultivazzjoni sostenibbli bħar-reżistenza għall-mard jew it-tolleranza tal-klonu magħżul jew tal-materjal poliklonali;

(h) informazzjoni dwar jekk il-klonu magħżul jew il-materjal poliklonali huwiex diġà elenkat f'lista nazzjonali ta' kloni magħżula u materjal poliklonali ta' Stat Membru ieħor.

4. L-awtorità kompetenti għandha tinkludi l-klonu magħżul jew il-materjal poliklonali fil-lista nazzjonali ta' kloni magħżula u materjal poliklonali unikament jekk tikkonkludi li l-applikazzjoni hija kompluta, id-denominazzjoni hija aċċettata, u r-rekwiżiti stipulati fl-Anness V huma sodisfatti.

5. Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 79 li jemendaw l-Anness V sabiex tadatta dak l-Anness għall-iżviluppi tal-għarfien xjentifiku u tekniku u ta' standards internazzjonali applikabbli.

6. Il-lista nazzjonali ta' kloni magħżula u materjal poliklonali għandha tal-inqas tinkludi l-informazzjoni kollha msemmija fil-paragrafu 3.

TAQSIMA 2
REKWIŻITI GĦAR-REĠISTRAZZJONI TAL-VARJETAJIET

Artikolu 53

Rekwiżiti għar-reġistrazzjoni fir-reġistri nazzjonali tal-varjetajiet

1. Varjetà għandha tiġi rreġistrata f'reġistru nazzjonali tal-varjetajiet f'konformità mat-Taqsima 3 jekk:

(a) ikollha:

(i) deskrizzjoni uffiċjali kif imsemmi fl-Artikolu 54(1), u, fil-każ tal-ġeneri u l-ispeċijiet kif indikat fil-kolonna 4 tal-Anness I, tissodisfa r-rekwiżiti għal valur sodisfaċenti għall-kultivazzjoni u għall-użu sostenibbli stipulati fl-Artikolu 59; jew

(ii) fil-każ ta' varjetà ta' konservazzjoni jew varjetà adattata lokalment, deskrizzjoni rikonoxxuta uffiċjalment kif imsemmi fl-Artikolu 54(2) u indikazzjoni tar-reġjun ta' oriġini tagħha;

(b) ikollha denominazzjoni meqjusa adegwata skont l-Artikolu 60;

(c) ir-rekwiżiti li jikkonċernaw is-selezzjoni konservattiva tal-varjetajiet stipulata fl-Artikolu 76 jkunu sodisfatti;

(d) meta l-varjetà jkun fiha, jew tkun tikkonsisti minn, organiżmi ġenetikament modifikati, dak l-organiżmu ġenetikament modifikat ikun awtorizzat għall-kultivazzjoni fl-Unjoni f'konformità mal-Artikolu 19 tad-Direttiva 2001/18/KE, mal-Artikoli 7 u 19 tar-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[30] jew mal-Kapitolu III tar-Regolament (UE) 2026/1388, u dik il-kultivazzjoni ma tkunx eskluża fl-Istat Membru kkonċernat f'konformità mal-Artikolu 26b tad-Direttiva 2001/18/KE;

(e) meta l-varjetà jkun fiha, jew tkun tikkonsisti minn, pjanti tal-NGT tal-kategorija 1 kif definita fl-Artikolu 3, il-punt (13), tar-Regolament (UE) 2026/1388, dik il-pjanta tkun kisbet dikjarazzjoni tal-istatus ta' pjanta tal-NGT tal-kategorija 1 skont l-Artikolu 6 jew 7 ta' dak ir-Regolament jew tkun dixxendent ta' tali pjanti; u

(f) meta l-varjetà tkun tolleranti għall-erbiċidi, hija tkun soġġetta għal kundizzjonijiet ta' kultivazzjoni biex jiġi evitat l-iżvilupp ta' reżistenza għall-erbiċidi fil-ħaxix ħażin minħabba l-użu tagħha meta dawn il-kundizzjonijiet jiġu ddeterminati mill-awtorità kompetenti għat-territorju tal-Istat Membru kkonċernat.

2. Varjetà ma għandhiex tiġi elenkata fir-reġistru nazzjonali tal-varjetajiet bħala varjetà ta' konservazzjoni jew varjetà adattata lokalment jekk:

(a) tkun elenkata fir-reġistru tal-varjetajiet tal-Unjoni b'deskrizzjoni uffiċjali;

---

[30] Ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 dwar ikel u għalf modifikat ġenetikament (ĠU L 268, 18.10.2003, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2003/1829/oj).

(b) ir-reġistrazzjoni fir-reġistru tal-varjetajiet tal-Unjoni bħala varjetà b'deskrizzjoni uffiċjali tkun ġiet itterminata skont l-Artikolu 75 fl-aħħar sentejn;

(c) tkun protetta minn dritt ta' varjetajiet ta' pjanta fil-Komunità, kif previst fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2100/94, jew minn dritt fuq varjetà ta' pjanta skont regoli nazzjonali ta' Stat Membru; jew

(d) ikun hemm pendenti applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' varjetà skont il-paragrafu 1, il-punt (a)(i), ta' dan l-Artikolu jew applikazzjoni għal drittijiet ta' varjetajiet ta' pjanti fil-Komunità jew drittijiet nazzjonali fuq varjetajiet ta' pjanti.

Artikolu 54

Deskrizzjoni uffiċjali u deskrizzjoni rikonoxxuta uffiċjalment ta' varjetà

1. Id-deskrizzjoni uffiċjali msemmija fl-Artikolu 53(1), il-punt (a)(i), għandha turi l-konformità tal-varjetà mar-rekwiżiti tad-distintività, l-uniformità u l-istabbiltà stipulati fl-Artikoli 55, 56 u 57.

2. Id-deskrizzjoni rikonoxxuta uffiċjalment imsemmija fl-Artikolu 53(1), il-punt (a)(ii), għandha tispeċifika l-karatteristiċi li jippermettu li l-varjetà tikkwalifika bħala varjetà ta' konservazzjoni jew varjetà adattata lokalment.

Id-deskrizzjoni rikonoxxuta uffiċjalment għandha tkun ibbażata fuq għarfien miksub minn esperjenza prattika matul il-kultivazzjoni, ir-riproduzzjoni u l-użu, jew fuq informazzjoni oħra, b'mod partikolari mill-awtoritajiet tar-riżorsi ġenetiċi tal-pjanti jew minn organizzazzjonijiet rikonoxxuti għal dak il-fini mill-Istati Membri.

Dik id-deskrizzjoni rikonoxxuta uffiċjalment għandha tirreferi għall-karatteristiċi rilevanti tal-ispeċijiet inklużi fil-protokolli stabbiliti mill-Uffiċċju Komunitarju tal-Varjetajiet tal-Pjanti (CPVO) jew, fin-nuqqas ta' tali protokolli, fil-linji gwida tal-Unjoni Internazzjonali għall-Protezzjoni ta' Varjetajiet ġodda ta' Pjanti (UPOV), fi protokolli nazzjonali rilevanti oħra, jew sorsi rilevanti oħra.

L-awtorità kompetenti tista' tirrikonoxxi bħala deskrizzjoni rikonoxxuta uffiċjalment deskrizzjoni uffiċjali li tkun ġiet prodotta qabel għar-reġistrazzjoni ta' varjetà.

3. Varjetà ma għandhiex tiġi rreġistrata kemm b'deskrizzjoni uffiċjali kif ukoll b'deskrizzjoni rikonoxxuta uffiċjalment fl-istess ħin.

4. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu rekwiżiti speċifiċi għal ċerti ġeneri jew speċijiet li jikkonċernaw:

   (a) l-evalwazzjoni tad-distintività, l-uniformità u l-istabbiltà tal-varjetajiet għal kull ġeneru jew speċi, sabiex tiġi prodotta deskrizzjoni uffiċjali;

(b) il-karatteristiċi u l-informazzjoni li d-deskrizzjoni rikonoxxuta uffiċjalment imsemmija fil-paragrafu 2 għandha tkopri, u, fejn xieraq, għal ġeneri jew speċijiet speċifiċi.

Dawk ir-rekwiżiti għandhom ikunu bbażati fuq protokolli stabbiliti mis-CPVO jew, fin-nuqqas ta' tali protokolli, fuq il-linji gwida applikabbli tal-UPOV jew protokolli nazzjonali rilevanti oħra. Fil-każ ta' varjetajiet organiċi adegwati għall-produzzjoni organika, kif definiti fl-Artikolu 3, punt (19), tar-Regolament (UE) 2018/848, ir-rekwiżiti li jikkonċernaw l-uniformità jistgħu jiġu aġġustati għal ġeneri jew speċijiet speċifiċi. Fil-każ tad-deskrizzjoni rikonoxxuta uffiċjalment kif imsemmi fil-punt (b) tal-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, dawk ir-rekwiżiti jistgħu jkunu bbażati wkoll fuq sorsi rilevanti oħra.

Dawk ir-rekwiżiti għandhom jiġu adattati skont l-iżviluppi tal-għarfien xjentifiku u tekniku u ta' standards internazzjonali applikabbli.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 80(2).

Artikolu 55

Distintività

1. Għall-finijiet tad-deskrizzjoni uffiċjali msemmija fl-Artikolu 54(1), varjetà għandha titqies distinta jekk tkun tingħaraf b'mod ċar, b'referenza għall-espressjoni tal-karatteristiċi li tirriżulta minn ġenotip partikolari jew minn taħlita ta' ġenotipi, minn kwalunkwe varjetà oħra li l-eżistenza tagħha tkun materja ta' għarfien komuni fid-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni stabbilita f'konformità mal-Artikolu 64.

2. L-eżistenza ta' varjetà oħra, kif imsemmi fil-paragrafu 1, għandha titqies bħala materja ta' għarfien komuni fid-dawl tal-linji gwida rilevanti tal-UPOV, b'mod partikolari jekk tiġi sodisfatta waħda jew aktar mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

   (a) il-varjetà tkun ġiet irreġistrata f'reġistru nazzjonali tal-varjetajiet fl-Unjoni jew f'xi pajjiż terz;

   (b) il-varjetà tkun ingħatat dritt fuq varjetà ta' pjanta fl-Unjoni jew f'xi pajjiż terz;

   (c) tkun ġiet sottomessa applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tal-varjetà f'konformità mal-Artikolu 61 ta' dan ir-Regolament u tkun qed tiġi eżaminata; jew

   (d) tkun ġiet sottomessa applikazzjoni għall-għoti ta' dritt fuq varjetà ta' pjanta fir-rigward ta' dik il-varjetà f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 2100/94 jew f'konformità mar-regoli nazzjonali ta' Stat Membru u tkun qed tiġi eżaminata.

Artikolu 56

Uniformità

Għall-finijiet tad-deskrizzjoni uffiċjali msemmija fl-Artikolu 54(1), varjetà għandha titqies li tkun uniformi jekk, soġġetta għall-varjazzjoni li tista' tkun mistennija mill-karatteristiċi partikolari tar-riproduzzjoni tagħha, tkun uniformi biżżejjed fl-espressjoni ta' dawk il-karatteristiċi inkluż fl-eżami għad-distintività, kif ukoll fl-espressjoni ta' kwalunkwe karatteristika oħra użata għad-deskrizzjoni uffiċjali tagħha.

Artikolu 57

Stabbiltà

Għall-finijiet tad-deskrizzjoni uffiċjali msemmija fl-Artikolu 54(1), varjetà għandha titqies li tkun stabbli jekk l-espressjoni tal-karatteristiċi inklużi fl-eżami tad-distintività u ta' kwalunkwe karatteristika oħra użata għad-deskrizzjoni tal-varjetà tibqa' l-istess wara riproduzzjoni ripetuta jew, fil-każ ta' ċiklu partikolari ta' riproduzzjoni, fl-aħħar ta' kull ċiklu bħal dan.

Artikolu 58

Għoti ta' drittijiet fuq varjetà ta' pjanta

1. Jekk ikun ingħata dritt fuq varjetà ta' pjanta skont l-Artikolu 62 tar-Regolament (KE) Nru 2100/94 jew skont ir-regoli nazzjonali ta' Stat Membru fir-rigward ta' varjetà, dik il-varjetà għandha titqies bħala distinta, uniformi u stabbli għall-finijiet tad-deskrizzjoni uffiċjali msemmija fl-Artikolu 54(1) ta' dan ir-Regolament u li jkollha denominazzjoni adegwata kif imsemmi fl-Artikolu 60 ta' dan ir-Regolament.

2. Dan l-Artikolu għandu japplika biss meta d-deskrizzjoni uffiċjali tkun ġiet prodotta fuq il-bażi ta' eżami tekniku mwettaq minn uffiċċju tal-eżami li jkun instab li huwa idoneu skont l-Artikolu 67.

Artikolu 59

Valur għall-kultivazzjoni u għall-użu sostenibbli

1. Għall-fini li jiġu sodisfatti r-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 53(1), il-punt (a)(i), il-valur ta' varjetà għall-kultivazzjoni u għall-użu sostenibbli għandu jitqies bħala sodisfaċenti jekk, meta mqabbla ma' varjetajiet oħra tal-istess speċi reġistrati fir-reġistru nazzjonali tal-varjetajiet tal-Istat Membru rispettiv, il-karatteristiċi tagħha, b'mod ġenerali, joffru titjib għall-kultivazzjoni u għall-użi sostenibbli li jistgħu jsiru mill-għelejjel jew mill-prodotti derivati minnhom.

2. Kif xieraq għall-ispeċijiet, għar-reġjuni, għall-kundizzjonijiet agroekoloġiċi u għall-użi kkonċernati, il-karatteristiċi msemmijin fil-paragrafu 1 huma dawn li ġejjin:

(a) ir-rendiment, inkluż l-istabbiltà tar-rendiment u r-rendiment f'kundizzjonijiet ta' input baxx;

(b) it-tolleranza jew ir-reżistenza għal stress bijotiku, inkluż mard tal-pjanti kkawżat minn nematodi, fungi, batterji, viruses, insetti u pesti oħrajn;

(c) it-tolleranza jew ir-reżistenza għal stress abijotiku, inkluż l-adattament għal kundizzjonijiet klimatiċi;

(d) l-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi naturali, bħall-ilma u n-nutrijenti;

(e) il-ħtieġa mnaqqsa ta' inputs esterni, bħal prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u fertilizzanti;

(f) il-karatteristiċi li jtejbu s-sostenibbiltà tal-ħsad, inkluż it-tnaqqis tal-iskart qabel jew wara l-ħsad, il-ħżin, l-ipproċessar, id-distribuzzjoni u l-użu;

(g) il-kwalità jew il-karatteristiċi nutrizzjonali; u

(h) il-kapaċità li jiġu kkultivati f'assoċjazzjoni ma' speċijiet jew varjetajiet oħra.

3. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 79, li jissupplimentaw dan ir-Regolament, billi jistabbilixxu r-rekwiżiti minimi għal:

(a) il-valutazzjoni tal-karatteristiċi elenkati fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu; u

(b) l-evalwazzjoni u r-rappurtar tar-riżultati tal-eżami tal-valur għall-kultivazzjoni u għall-użu sostenibbli.

Dawk ir-rekwiżiti għandhom jiġu adattati għall-iżviluppi fl-għarfien xjentifiku jew tekniku u kwalunkwe politika jew regola ġdida tal-Unjoni dwar l-agrikoltura sostenibbli.

4. Fejn ma jkun ġie stabbilit l-ebda rekwiżit minimu rilevanti skont il-paragrafu 3, l-Istati Membri jistgħu japplikaw regoli nazzjonali fit-territorji tagħhom. Huma għandhom jinnotifikaw dawk ir-regoli lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra.

5. Għall-finijiet tar-reġistrazzjoni ta' varjetajiet organiċi adegwati għall-produzzjoni organika kif definit fl-Artikolu 3, il-punt (19), tar-Regolament (UE) 2018/848, l-eżami tal-valur għall-kultivazzjoni u għall-użu sostenibbli għandu jsir f'kundizzjonijiet organiċi f'konformità ma' dak ir-Regolament, u b'mod partikolari mal-Artikolu 5, il-punti (d), (e), (f) u (g), u mal-Artikolu 12 tiegħu u mal-Parti I tal-Anness II ta' dak ir-Regolament.

Meta l-awtoritajiet kompetenti ma jkunux jistgħu jwettqu tali eżami, jew l-eżami ta' ċerti karatteristiċi, inkluż is-suxxettibbiltà għall-mard, f'kundizzjonijiet organiċi, l-ittestjar jista' jitwettaq f'kundizzjonijiet ta' input baxx jew fil-fażi ta' konverżjoni u unikament b'dawk it-trattamenti b'pestiċidi u b'dawk l-inputs esterni oħra li huma assolutament meħtieġa għat-twettiq tal-eżami. Meta l-Istati Membri jagħmlu użu minn dan is-subparagrafu, huma għandhom jirrappurtaw kull sena lill-Kummissjoni dwar ir-raġunijiet għan-nuqqas ta' ttestjar f'kundizzjonijiet organiċi u dwar l-implimentazzjoni tal-ittestjar f'kundizzjonijiet mhux organiċi.

Artikolu 60

Adegwatezza tad-denominazzjonijiet tal-varjetajiet

1. Għall-finijiet tal-Artikolu 53(1), il-punt (b), id-denominazzjoni ta' varjetà ma għandhiex titqies adegwata jekk:

(a) l-użu tagħha fit-territorju tal-Unjoni jkun preklużbid-dritt preċedenti ta' parti terza;

(b) normalment tkun tista' tikkawża diffikultajiet lill-utenti tagħha fir-rigward tar-rikonoxximent jew tar-riproduzzjoni;

(c) tkun identika għal denominazzjoni jew tista' tiġi mfixkla ma' denominazzjoni:

(i) li taħtha jkun hemm varjetà oħra tal-istess speċi jew ta' speċi relatata mill-qrib imdaħħla f'reġistru nazzjonali tal-varjetajiet, jew tkun ingħatat dritt fuq varjetà ta' pjanta skont ir-Regolament (KE) Nru 2100/94 jew skont ir-regoli nazzjonali ta' Stat Membru jew ta' pajjiż terz li jkun membru tal-UPOV, sakemm dik il-varjetà ma tibqax teżisti u d-denominazzjoni tagħha ma tkun kisbet l-ebda sinifikat speċjali; jew

(ii) li taħtha, varjetà oħra tal-istess speċi jew ta' speċi relatata mill-qrib tkun saret disponibbli fis-suq fi Stat Membru jew f'pajjiż terz li huwa membru tal-UPOV, sakemm dik il-varjetà ma tibqax teżisti u d-denominazzjoni tagħha ma tkun kisbet l-ebda sinifikat speċjali;

(d) tkun identika jew tista' tiġi mfixkla ma' denominazzjonijiet oħra li jintużaw normalment għat-tqegħid fis-suq ta' oġġetti jew li jridu jinżammu ħielsa skont id-dritt tal-Unjoni;

(e) tkun tista' twassal għal reat f'xi wieħed mill-Istati Membri jew tmur kontra l-ordni pubbliku; jew

(f) tkun tista' tqarraq jew toħloq konfużjoni rigward il-karatteristiċi, il-valur jew l-identità tal-varjetà, jew l-identità tan-nissiel jew l-applikant.

2. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 1, jekk varjetà tkun diġà rreġistrata f'reġistri nazzjonali tal-varjetajiet oħra, id-denominazzjoni għandha titqies adegwata, iżda biss jekk tkun identika għad-denominazzjoni li tidher f'dawk ir-reġistri.

L-ewwel subparagrafu ma għandux japplika jekk:

(a) id-denominazzjoni x'aktarx tqarraq, toffendi jew toħloq konfużjoni rigward il-varjetà rilevanti fi Stat Membru wieħed jew aktar; jew

(b) id-drittijiet tal-partijiet terzi jfixklu l-użu ħieles ta' dik id-denominazzjoni f'dak li għandu x'jaqsam mal-varjetà inkwistjoni.

3. Fil-każ ta' varjetajiet ta' konservazzjoni, sinonimu wieħed jew aktar użati b'mod komuni jistgħu jiġu indikati wkoll fir-reġistru nazzjonali tal-varjetajiet. Id-denominazzjoni tal-varjetajiet ta' konservazzjoni li kienu rreġistrati abbażi ta' deskrizzjoni uffiċjali iżda li ma għadhomx irreġistrati f'reġistru nazzjonali tal-varjetajiet, għandha tinżamm għall-finijiet ta' dan l-Artikolu.

4. Id-denominazzjoni ta' klonu magħżul u ta' materjal poliklonali għandha tinkludi d-denominazzjoni tal-varjetà li jappartjeni għaliha, segwita minn suffiss fil-forma ta' kodiċi alfanumeriku. Ir-rekwiżiti stipulati fil-paragrafi 1 u 2 japplikaw ukoll għal dak il-kodiċi.

5. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 79 li jissupplimentaw dan ir-Regolament billi jispeċifikaw aktar l-elementi msemmija fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu u billi jiżviluppaw aktar ir-rekwiżiti għall-adegwatezza tad-denominazzjonijiet stipulati fihom, inkluż billi jistabbilixxu kriterji speċifiċi dwar l-adegwatezza tad-denominazzjonijiet tal-varjetajiet, dwar:

(a) ir-relazzjoni tagħhom mat-trademarks;

(b) ir-relazzjoni tagħhom mal-indikazzjonijiet ġeografiċi jew mad-denominazzjonijiet ta' oriġini għall-prodotti agrikoli;

(c) il-kunsensi bil-miktub tad-detenturi tad-drittijiet preċedenti biex jitneħħew l-impedimenti għall-adegwatezza tagħhom;

(d) l-użu tagħhom fil-forma ta' kodiċi;

(e) id-definizzjoni ta' speċijiet relatati mill-qrib kif imsemmi fil-paragrafu 1, il-punt (c); u

(f) id-determinazzjoni ta' jekk denominazzjoni tkunx qarrieqa, offensiva jew toħloq konfużjoni kif imsemmi fil-paragrafu 1, il-punti (e) u (f).

Dawk l-atti delegati għandhom iqisu kwalunkwe standard internazzjonali applikabbli, kif ukoll il-linji gwida rilevanti dwar id-denominazzjonijiet tal-varjetajiet żviluppati mis-CPVO.

TAQSIMA 3
PROĊEDURA GĦAR-REĠISTRAZZJONI TAL-VARJETAJIET FIR-REĠISTRI NAZZJONALI TAL-VARJETAJIET

Artikolu 61

Sottomissjoni tal-applikazzjoni

Kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika stabbilita fl-Unjoni tista' tissottometti applikazzjoni lill-awtorità kompetenti għar-reġistrazzjoni ta' varjetà fir-reġistru nazzjonali tal-varjetajiet.

Artikolu 62

Kontenut tal-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' varjetà

1. L-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' varjetà f'reġistru nazzjonali tal-varjetajiet għandha tinkludi mill-inqas l-elementi applikabbli kollha msemmijin fl-Anness IV, flimkien mad-dokumentazzjoni meħtieġa, kif ukoll l-elementi kollha li ġejjin li huma relevanti għall-applikazzjoni, flimkien mad-dokumentazzjoni meħtieġa:

   (a) l-isem u l-indirizz tal-applikant jew, fejn applikabbli, l-ismijiet u l-indirizzi tal-applikanti konġunti, u l-kredenzjali ta' kwalunkwe rappreżentant proċedurali;

(b) in-numru tar-reġistrazzjoni uffiċjali, kif imsemmi fl-Artikolu 44, ta' kwalunkwe applikant li jkun operatur professjonist;

(c) id-denominazzjoni ta' varjetà proposta;

(d) id-deskrizzjoni tal-karatteristiċi ewlenin tal-varjetà u l-metodu ta' propagazzjoni tagħha inkluż, kif applikabbli, fil-protokolli stabbiliti mis-CPVO, jew linji gwida rilevanti oħra tal-UPOV, jew protokolli nazzjonali oħra, u informazzjoni dwar jekk hijiex adattata biss għal staġuni partikolari tas-sena;

(e) fejn l-applikazzjoni tikkonċerna varjetajiet ta' konservazzjoni jew varjetajiet adattati lokalment, informazzjoni relatata mal-oriġini u l-ħolqien tad-deskrizzjoni rilevanti rikonoxxuta uffiċjalment;

(f) informazzjoni dwar jekk il-varjetà ġietx irreġistrata f'reġistru nazzjonali tal-varjetajiet ieħor jew jekk ġietx sottomessa applikazzjoni għar-reġistrazzjoni f'reġistru nazzjonali tal-varjetajiet ieħor;

(g) informazzjoni dwar jekk il-varjetà ngħatatx drittijiet fuq varjetà ta' pjanta skont ir-Regolament (KE) Nru 2100/94 jew skont ir-regoli nazzjonali ta' Stat Membru, jew jekk ġietx sottomessa applikazzjoni għad-drittijiet fuq varjetà ta' pjanta;

(h) meta l-varjetà jkun fiha, jew tkun tikkonsisti minn, organiżmi ġenetikament modifikati, evidenza li l-organiżmu ġenetikament modifikat inkwistjoni jkun awtorizzat għall-kultivazzjoni fl-Unjoni, f'konformità mal-Artikolu 19 tad-Direttiva 2001/18/KE, mal-Artikoli 7 u 19 tar-Regolament (KE) Nru 1829/2003, jew mal-Kapitolu III tar-Regolament (UE) 2026/1388, u li dik il-kultivazzjoni ma tkunx eskluża fl-Istat Membru kkonċernat f'konformità mal-Artikolu 26b tad-Direttiva 2001/18/KE; u

(i) l-użu intenzjonat tal-varjetà.

Meta ma tkun ġiet proposta l-ebda denominazzjoni ta' varjetà skont il-punt (c), din tista' tiġi proposta mill-applikant fi stadju aktar tard u fi żmien raġonevoli.

2. L-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' varjetà f'reġistru nazzjonali tal-varjetajiet għandha tkun akkumpanjata minn kampjun. L-awtorità kompetenti għandha tistabbilixxi skadenza għas-sottomissjoni ta' dak il-kampjun u tispeċifika l-kwalità u l-kwantità tiegħu.

Artikolu 63

Eżami formali tal-applikazzjoni

1. L-awtorità kompetenti għandha tirreġistra u teżamina kull applikazzjoni msemmija fl-Artikolu 61 sabiex tistabbilixxi jekk tikkonformax mar-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 62.

2. Jekk l-applikazzjoni ma tikkonformax mar-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 62, l-awtorità kompetenti għandha tagħti lill-applikant l-opportunità li jirrettifika l-applikazzjoni kif meħtieġ sa ċertu ammont ta’ żmien partikolari. Jekk l-applikazzjoni ma tikkonformax ma' dawk ir-rekwiżiti sal-iskadenza ta' dak l-ammont ta' żmien partikolari, l-awtorità kompetenti għandha tiċħad l-applikazzjoni.

Artikolu 64

Data tal-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni

Id-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni għandha tkun id-data li fiha l-applikazzjoni tasal għand l-awtorità kompetenti.

L-awtorità kompetenti għandha tinforma lill-applikant dwar is-sottomissjoni b'suċċess tal-applikazzjoni, filwaqt li tikkonferma d-data tal-wasla ta' dik l-applikazzjoni.

Artikolu 65

Eżami tekniku tad-distintività, l-uniformità u l-istabbiltà

1. Meta, bħala riżultat tal-eżami formali, jinstab li l-applikazzjoni tikkonforma mar-rekwiżiti msemmijin fl-Artikolu 62, uffiċċju tal-eżami, kif imsemmi fl-Artikolu 67, għandu jwettaq eżami tekniku tal-varjetà, bl-eċċezzjoni ta' varjetajiet ta' konservazzjoni jew varjetajiet adattati lokalment, sabiex jivverifika l-konformità tagħha mar-rekwiżiti ta' distintività, uniformità u stabbiltà stipulati fl-Artikoli 55, 56 u 57.

2. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jispeċifikaw il-modi li bihom l-uffiċċju tal-eżami jista' jikkollabora ma' persuni fiżiċi jew ġuridiċi oħra għall-finijiet tal-eżami tekniku skont dan l-Artikolu.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 80(2).

3. L-eżami tekniku għandu jsir permezz tat-tkabbir tal-varjetà, b'kont meħud tal-użu maħsub u l-kundizzjonijiet għall-kultivazzjoni tal-varjetà. . Abbażi ta’ dak l-eżami tekniku, rapport ta’ eżami u, fejn applikabbli, deskrizzjoni uffiċjali għandhom jinħarġu.

Madankollu, meta jkun diġa’ disponibbli rapport tal-eżami dwar id-distintività, l-uniformità u l-istabbiltà tal-varjetà jew deskrizzjoni uffiċjali prodotta mis-CPVO, minn awtorità kompetenti oħra jew minn uffiċċju tal-eżami f'konformità mal-Artikolu 67, l-awtorità kompetenti tista' tqis jew taċċetta r-riżultati ta' dak ir-rapport jew ta' dik id-deskrizzjoni uffiċjali mingħajr ma tkabbar il-varjetà.

4. L-uffiċċju tal-eżami, kif imsemmi fl-Artikolu 67, jista' juża mezzi oħra minbarra dawk imsemmijin fil-paragrafu 3, inkluż tekniki bijokimiċi u bijomolekulari jew metodi tekniċi oħra, bħala għodod obbligatorji, meta jkun meħtieġ li jagħmel dan f'konformità mal-protokolli tas-CPVO, u bħala għodod supplimentari, meta jkun xieraq għall-finijiet tal-eżami tekniku, l-ispeċijiet ikkonċernati jew il-karatteristiċi li għandhom jiġu vverifikati.

Artikolu 66

Eżami tekniku tal-valur għall-kultivazzjoni u għall-użu sostenibbli

1. Fil-każ tal-varjetajiet tal-ġeneri u tal-ispeċijiet indikati fil-kolonna 4 tal-Anness I, meta, bħala riżultat tal-eżami formali, jinstab li l-applikazzjoni tikkonforma mar-rekwiżiti msemmijin fl-Artikolu 62, l-awtorità kompetenti għandha twettaq eżami tekniku tal-varjetà, bl-eċċezzjoni tal-varjetajiet ta' konservazzjoni jew il-varjetajiet adattati lokalment, sabiex tivverifika jekk il-varjetà għandhiex valur għall-kultivazzjoni u għall-użu sostenibbli f'konformità mal-Artikolu 59.

2. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jispeċifikaw il-mod li bih l-awtorità kompetenti tista' tikkollabora ma' persuni fiżiċi jew ġuridiċi għall-finijiet tal-eżami tekniku skont dan l-Artikolu.

   Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 80(2).

3. L-eżami tekniku għandu jsir permezz tat-tkabbir tal-varjetà, b'kont meħud tal-użu maħsub u l-kundizzjonijiet għall-kultivazzjoni tal-varjetà. L-eżami tekniku għandu jiġi konkluż bl-adozzjoni ta' rapport ta' eżami.

   Madankollu, meta awtorità kompetenti ta' Stat Membru ieħor b'kundizzjonijiet agroekoloġiċi simili jkun ipproduċa rapport ta' eżami tar-rekwiżiti għall-valur għall-kultivazzjoni u għall-użu sostenibbli, l-awtorità kompetenti tista' tqis jew taċċetta dak ir-rapport mingħajr ma tkabbar il-varjetà.

4. L-Istati Membri jistgħu jikkollaboraw ma' Stati Membri oħra b'kundizzjonijiet agroekoloġiċi simili. Dawk l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu faċilitajiet u riżorsi kondiviżi għat-twettiq tal-eżami kollu jew parti minnu għall-valur għall-kultivazzjoni u għall-użu sostenibbli.

5. L-awtorità kompetenti tista' tuża mezzi oħra minbarra dawk imsemmijin fil-paragrafu 3, inkluż tekniki bijokimiċi u bijomolekulari jew metodi tekniċi oħra, bħala għodod obbligatorji, meta tkun meħtieġa tagħmel dan f'konformità mar-regoli nazzjonali applikabbli, u bħala għodod supplimentari, meta jkun xieraq għall-finijiet tal-eżami tekniku, l-ispeċijiet ikkonċernati jew il-karatteristiċi li għandhom jiġu vverifikati.

Artikolu 67

Uffiċċji tal-eżami li jwettqu eżami tekniku għad-distintività, l-uniformità u l-istabbiltà

1. L-eżamijiet tekniċi ta' varjetà skont l-Artikolu 65 għandhom jitwettqu mill-uffiċċji tal-eżami li jkunu ġew awtorizzati mill-Kummissjoni skont l-att ta' implimentazzjoni msemmi fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għall-ġeneri jew l-ispeċijiet ikkonċernati.

2. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jawtorizzaw lill-uffiċċji tal-eżami jwettqu l-eżami tekniku ta' varjetà skont l-Artikolu 65 għall-ġeneri jew l-ispeċijiet ikkonċernati.

Dik l-awtorizzazzjoni għandha tiġi adottata abbażi ta' opinjoni tas-CPVO dwar l-idoneità tal-uffiċċju tal-eżami biex iwettaq tali eżamijiet.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jinkludu l-uffiċċji tal-eżami li huma fdati mis-CPVO għall-ġeneri jew l-ispeċijiet rispettivi, f'konformità mal-Artikolu 55(1) tar-Regolament (KE) Nru 2100/94, soġġett għal kwalunkwe opinjoni ulterjuri tas-CPVO u kwalunkwe valutazzjoni oħra tal-idoneità tagħhom għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, kif xieraq.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 80(2) ta' dan ir-Regolament.

3. L-opinjoni tas-CPVO msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għandha tinħareġ abbażi tar-rekwiżiti ta' inkarigu rilevanti applikati skont l-Artikolu 30(4) u l-Artikolu 55(1) tar-Regolament (KE) Nru 2100/94 għall-ġeneri jew l-ispeċijiet ikkonċernati.

L-idoneità tal-uffiċċju tal-eżami għandha tiġi vvalutata mis-CPVO abbażi ta' awditi regolari li jsiru f'perjodi speċifiċi, skont il-ġeneri jew l-ispeċijiet ikkonċernati.

4. Fejn, għal ċerti ġeneri jew speċijiet, l-ebda uffiċċju tal-eżami fl-Unjoni ma jkun instab idoneu f'konformità mal-paragrafu 3, l-eżami tekniku msemmi fil-paragrafu 1 jista' jitwettaq fl-uffiċċju tal-eżami ta' pajjiż terz. F'każ bħal dan, il-paragrafu 2, it-tieni subparagrafu, u l-paragrafu 3 għandhom japplikaw *mutatis mutandis*.

Artikolu 68

Kunfidenzjalità

1. Meta, għall-finijiet tal-eżami tekniku previst fl-Artikolu 65, jitqies li jkun meħtieġ eżami tal-komponenti ġenealoġiċi, ir-riżultati ta' dak l-eżami u d-deskrizzjoni ta' dawk il-komponenti għandhom jiġu ttrattati bħala kunfidenzjali. It-trattament kunfidenzjali ta' din l-informazzjoni huwa mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li l-awtoritajiet kompetenti jiskambjaw informazzjoni bejniethom jew mal-Kummissjoni.

2. Dan l-Artikolu għandu japplika mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2017/625.

Artikolu 69

Rapport ta' eżami u deskrizzjoni uffiċjali

1. Wara l-eżami tekniku previst fl-Artikolu 65 u, fejn applikabbli, l-Artikolu 66, l-awtorità kompetenti għandha tikkomunika abbozz tar-rapport ta' eżami lill-applikant u tagħti lill-applikant l-opportunità li jipprovdi kummenti fi żmien raġonevoli.

2. Wara li teżamina l-kummenti tal-applikant imsemmijin fil-paragrafu 1, l-awtorità kompetenti għandha toħroġ:

   (a) rapport ta' eżami finali u deskrizzjoni uffiċjali dwar id-distintività, l-uniformità u l-istabbiltà tal-varjetà; u

(b) fejn applikabbli, rapport ta' eżami finali dwar il-valur għall-kultivazzjoni u għall-użu sostenibbli.

3. L-awtorità kompetenti, fuq talba motivata, għandha tagħmel ir-rapporti ta' eżami u d-deskrizzjoni uffiċjali disponibbli għall-partijiet terzi, soġġett għar-regoli tal-Unjoni jew nazzjonali dwar il-kunfidenzjalità u l-protezzjoni tad-data personali.

Artikolu 70

Eżami tal-varjetajiet ta' konservazzjoni u varjetajiet adattati lokalment

L-awtorità kompetenti għandha teżamina jekk id-deskrizzjoni proposta ta' varjetà ta' konservazzjoni jew ta' varjetà adattata lokalment tikkonformax mar-rekwiżiti tal-Artikolu 54(2).

Dak l-eżami jista' jinkludi prova tat-tkabbir.

Jekk dik il-konformità tiġi stabbilita, l-awtorità kompetenti għandha tirrikonoxxi uffiċjalment id-deskrizzjoni rispettiva f'konformità mal-Artikolu 54(2).

Artikolu 71

Eżami tad-denominazzjoni ta' varjetà

1. Qabel ir-reġistrazzjoni ta' varjetà f'reġistru nazzjonali tal-varjetajiet skont l-Artikolu 72, l-awtorità kompetenti għandha tieħu deċiżjoni dwar id-denominazzjoni tal-varjetà wara li tikkonsulta lis-CPVO dwar id-denominazzjoni proposta mill-applikant. Dik id-deċiżjoni għandha tiddetermina l-adegwatezza tad-denominazzjoni abbażi tal-fatti li kienu jeżistu fiż-żmien tal-proposta għal dik id-denominazzjoni skont l-Artikolu 62(1).

2. Is-CPVO għandu jippreżenta rakkomandazzjoni lill-awtorità kompetenti dwar l-adegwatezza tad-denominazzjoni tal-varjetà proposta mill-applikant f'konformità mal-Artikolu 60.

3. Jekk is-CPVO jagħti rakkomandazzjoni negattiva dwar l-adegwatezza tad-denominazzjoni tal-varjetà, jew jekk l-awtorità kompetenti tieħu deċiżjoni li tiċħad id-denominazzjoni tal-varjetà proposta, l-awtorità kompetenti għandha tagħti lill-applikant l-opportunità li jipproponi denominazzjoni ġdida fi żmien raġonevoli.

4. Meta, wara r-reġistrazzjoni ta' varjetà, l-awtorità kompetenti tistabbilixxi li fi żmien ir-reġistrazzjoni d-denominazzjoni tal-varjetà ma kinitx adegwata skont it-tifsira tal-Artikolu 60, l-applikant għandu jippreżenta applikazzjoni għal denominazzjoni ġdida. L-awtorità kompetenti għandha tiddeċiedi dwar dik l-applikazzjoni wara li tikkonsulta lis-CPVO.

   L-awtorità kompetenti tista' tippermetti li d-denominazzjoni proposta tintuża temporanjament.

Artikolu 72

Deċiżjoni dwar ir-reġistrazzjoni ta' varjetà fir-reġistru nazzjonali tal-varjetajiet

1. Jekk, abbażi tal-proċedura stipulata fl-Artikoli 61 sa 71, l-awtorità kompetenti tiddeċiedi li l-varjetà tikkonforma mar-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 53(1), hija għandha tirreġistra l-varjetà fir-reġistru nazzjonali tal-varjetajiet.

2. L-awtorità kompetenti għandha tadotta deċiżjoni li tiċħad ir-reġistrazzjoni fir-reġistru nazzjonali tal-varjetajiet, jekk:

   (a) tistabbilixxi li r-rekwiżiti applikabbli stipulati fl-Artikolu 53(1) ma jkunux sodisfatti;

   (b) l-applikant ma jkunx ikkonforma ma' xi wieħed jew aktar mir-rekwiżiti applikabbli stipulati fl-Artikoli 61 sa 71;

   (c) l-applikant ma jkunx ħallas xi tariffa li tkun ġiet stabbilita skont l-Artikolu 84.

3. Id-deċiżjonijiet li jiċħdu r-reġistrazzjoni ta' varjetà fir-reġistru nazzjonali tal-varjetajiet għandhom jiddikjaraw ir-raġunijiet li jiġġustifikaw din iċ-ċaħda.

4. L-awtorità kompetenti għandha tikkomunika d-deċiżjoni msemmija fil-paragrafi 1 u 2 lill-applikant.

5. L-applikant jista' jappella d-deċiżjonijiet imsemmijin fil-paragrafi 1 u 2 f'konformità mar-regoli amministrattivi tal-Istat Membru kkonċernat.

TAQSIMA 4

PERJODU TA' REĠISTRAZZJONI U TA' SELEZZJONI KONSERVATTIVA TAL-VARJETAJIET

Artikolu 73

Perjodu ta' reġistrazzjoni

1. Il-perjodu ta' reġistrazzjoni ta' varjetà f'reġistru nazzjonali tal-varjetajiet ("perjodu ta' reġistrazzjoni") għandu jibqa' għaddej sal-31 ta' Diċembru tal-għaxar sena kalendarja wara d-data ta' reġistrazzjoni.

   Madankollu, għall-varjetajiet ta' konservazzjoni u għall-varjetajiet adattati lokalment, kif ukoll għall-varjetajiet ta' ġeneri u speċijiet ta' pjanti tal-frott u dwieli, kif elenkati fl-Anness I, il-perjodu ta' reġistrazzjoni għandu jibqa' għaddej sal-31 ta' Diċembru tat-30 sena kalendarja wara d-data tar-reġistrazzjoni.

2. Il-perjodu tar-reġistrazzjoni ta' varjetà f'reġistru nazzjonali tal-varjetajiet tista' tiġġedded għal perjodu ieħor ta' 10 snin fil-każ tal-varjetajiet imsemmijin fil-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu, jew ta' 30 sena fil-każ tal-varjetajiet imsemmijin fil-paragrafu 1, it-tieni subparagrafu, ta' dan l-Artikolu f'konformità mal-proċedura u l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 74.

3. Minkejja l-paragrafi 1 u 2, fil-każ tal-varjetajiet li jikkonsistu minn, jew li fihom, organiżmu ġenetikament modifikat, il-perjodu ta' reġistrazzjoni inizjali u kwalunkwe perjodu ta' reġistrazzjoni mġedded ma għandux jaqbeż il-perjodu li għalih dak l-organiżmu ġenetikament modifikat ikun awtorizzat għall-kultivazzjoni skont id-Direttiva 2001/18/KE, ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003, jew il-Kapitolu III tar-Regolament (UE) 2026/1388.

Il-perjodu ta' reġistrazzjoni ma għandux jiġġedded meta l-kultivazzjoni tkun eskluża fl-Istat Membru kkonċernat f'konformità mal-Artikolu 26b tad-Direttiva 2001/18/KE.

Artikolu 74

Proċedura u kundizzjonijiet għat-tiġdid ta' reġistrazzjoni

1. Kwalunkwe persuna b'interess leġittimu li jkun biħsiebha ġġedded ir-reġistrazzjoni ta' varjetà għandha tissottometti applikazzjoni mhux aktar kmieni minn 36 xahar u mhux aktar tard minn 24 xahar qabel l-iskadenza tal-perjodu ta' reġistrazzjoni.

2. L-applikazzjoni għandha tiġi sottomessa lill-awtorità kompetenti flimkien ma' evidenza li turi lil-kundizzjonijiet stipulati fil-paragrafu 3 ġew sodisfatti.

3. It-tiġdid tar-reġistrazzjoni ta' varjetà f'reġistru nazzjonali tal-varjetajiet jista' jingħata biss jekk:

(a) il-varjetà tkompli tikkonforma mar-rekwiżiti tal-Artikolu 53(1), għajr ir-rekwiżiti li jikkonċernaw il-valur għall-kultivazzjoni u għall-użu sostenibbli; u

(b) ir-rekwiżiti li jikkonċernaw is-selezzjoni konservattiva tal-varjetajiet f'konformità mal-Artikolu 76 ikunu sodisfatti.

4. Il-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu ma għandux japplika għall-varjetajiet imsemmija fl-Artikoli 90 u 91 sakemm dawk il-varjetajiet jibqgħu konformi mad-deskrizzjoni tagħhom.

Fil-każ tal-varjetajiet imsemmija fl-Artikolu 53(1), il-punt (a)(i), l-awtorità kompetenti tista' twettaq eżami tekniku f'konformità mal-Artikolu 65 biex tiddetermina jekk il-varjetà hijiex uniformi u stabbli.

Artikolu 75

Terminazzjoni tar-reġistrazzjoni ta' varjetà

1. L-awtorità kompetenti għandha tittermina r-reġistrazzjoni ta' varjetà jekk:

(a) tikkonkludi, fuq il-bażi ta' kwalunkwe evidenza ġdida, li r-rekwiżiti għar-reġistrazzjoni stipulati fl-Artikolu 53(1), għajr ir-rekwiżiti li jikkonċernaw il-valur għall-kultivazzjoni u għall-użu sostenibbli, ma għadhomx sodisfatti;

(b) tikkonkludi, fuq il-bażi ta' kwalunkwe evidenza ġdida, li r-rekwiżiti għar-reġistrazzjoni stipulati fl-Artikolu 53(1) ma kinux sodisfatti fiż-żmien tar-reġistrazzjoni;

(c) l-applikant naqas milli ħallas xi tariffa li tkun ġiet stabbilita f'konformità mal-Artikolu 84;

(d) is-selezzjoni konservattiva tal-varjetajiet ma tkunx għadha ssir skont ir-rekwiżiti tal-Artikolu 76, jew il-persuna fiżika jew ġuridika responsabbli għas-selezzjoni konservattiva tal-varjetajiet, kif imsemmija f'dak l-Artikolu, titlob li tiġi tterminata r-reġistrazzjoni, jew dik il-persuna ma tibqax twettaq is-selezzjoni konservattiva tal-varjetajiet u l-ebda persuna oħra ma tkun saret responsabbli għas-selezzjoni konservattiva tagħha;

(e) ikun instab li, fiż-żmien tal-applikazzjoni, kienet ġiet ippreżentata data falza jew frodulenti li abbażi tagħha ġiet deċiża r-reġistrazzjoni;

(f) ma tkun ġiet sottomessa l-ebda applikazzjoni għat-tiġdid sal-iskadenza msemmija fl-Artikolu 74(1) u l-perjodu tar-reġistrazzjoni jkun skada; jew

(g) l-applikant ikun talab it-terminazzjoni tar-reġistrazzjoni dment li persuna fiżika jew ġuridika oħra ma tkunx talbet li dik ir-reġistrazzjoni titkompla u ma tkunx ħadet f'idejha r-responsabbiltajiet tal-applikant taħt dan il-Kapitolu.

2. Fuq talba ta' kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika b'interess leġittimu, l-awtorità kompetenti tista' tippermetti li PRM ta' varjetà li r-reġistrazzjoni tagħha tkun ġiet itterminata f'konformità mal-paragrafu 1, il-punt (d), (f) jew (g), jiġi kkummerċjalizzat sat-30 ta' Ġunju tat-tielet sena wara d-data ta' dik it-terminazzjoni. Tali deċiżjoni għandha tiġi indikata fir-reġistru nazzjonali tal-varjetajiet.

3. Wara t-terminazzjoni tar-reġistrazzjoni tagħha, il-varjetà għandha tibqa' fir-reġistri tal-varjetajiet nazzjonali u tal-Unjoni b'indikazzjoni tal-istatus tar-reġistrazzjoni tagħha, kif imsemmi fil-punt (f) tal-Anness IV.

Artikolu 76

Selezzjoni konservattiva tal-varjetajiet

1. Il-varjetajiet irreġistrati f'reġistru nazzjonali tal-varjetajiet għandha ssirilhom selezzjoni konservattiva mill-applikant jew minn kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika oħra fl-Unjoni, jew f'pajjiż terz li jkun soġġett għall-att ta' implimentazzjoni msemmi fl-Artikolu 39(7) ("min ikun responsabbli għas-selezzjoni konservattiva"). L-isem u l-indirizz ta' dik il-persuna fiżika jew ġuridika l-oħra għandhom jiġu rreġistrati mill-awtorità kompetenti. Dik il-persuna fiżika jew ġuridika l-oħra tista' tiġi aċċettata mill-awtorità kompetenti bħala min huwa responsabbli għas-selezzjoni konservattiva ta' dik il-varjetà jekk dik il-persuna tkun kapaċi turi l-kapaċità tagħha li twettaq is-selezzjoni konservattiva.

2. Is-selezzjoni konservattiva tal-varjetajiet għandha ssir f'konformità mal-prattiki aċċettati rigward il-ġeneri, l-ispeċijiet jew tipi partikolari ta' varjetajiet rilevanti.

3. Min ikun responsabbli għas-selezzjoni konservattiva għandu jżomm rekords dwar is-selezzjoni konservattiva tal-varjetajiet. L-awtorità kompetenti tista' tivverifika s-selezzjoni konservattiva tal-varjetajiet minn dawk ir-rekords fi kwalunkwe ħin. Dawk ir-rekords għandhom ikopru wkoll l-istadji rilevanti kollha tal-produzzjoni tal-PRM, inkluż il-kategoriji rilevanti.

4. Min ikun responsabbli għas-selezzjoni konservattiva għandu jipprovdi lill-awtorità kompetenti, fuq talba, kampjun standard tal-varjetà kkonċernata. Fil-każ ta' varjetajiet propagati veġetattivament, minflok kampjun standard, min ikun responsabbli għas-selezzjoni konservattiva jista' juri li għandu pjanti ħajjin ta' dik il-varjetà għall-verifiki u s-selezzjoni konservattiva xierqa.

5. L-awtorità kompetenti għandha tagħmel kontrolli fuq il-mod li bih issir is-selezzjoni konservattiva tal-varjetajiet u, għal dan il-fini, tista' tieħu kampjuni tal-varjetà kkonċernata. Il-frekwenza ta' dawk il-kontrolli għandha tkun ibbażata fuq il-probabbiltà ta' nonkonformità mal-paragrafi 1 sa 4.

6. Meta l-awtorità kompetenti ssib li s-selezzjoni konservattiva tal-varjetajiet ma tkunx konformi mal-paragrafi 1 sa 4 ta' dan l-Artikolu, hija għandha tagħti żmien xieraq lil min ikun responsabbli għas-selezzjoni konservattiva biex tieħu azzjoni korrettiva jew biex titlob lil persuna oħra twettaq dik is-selezzjoni konservattiva. Jekk ma tittieħed l-ebda azzjoni bħal din f'dak iż-żmien, l-awtorità kompetenti għandha tittermina r-reġistrazzjoni tal-varjetà f'konformità mal-Artikolu 75(1), il-punt (d).

7. Meta s-selezzjoni konservattiva tal-varjetajiet issir fi Stat Membru ieħor li mhuwiex l-Istat Membru li fir-reġistru nazzjonali tal-varjetajiet tiegħu tkun ġiet irreġistrata l-varjetà, l-awtoritajiet kompetenti taż-żewġ Stati Membri kkonċernati għandhom jassistu lil xulxin fil-verifiki tas-selezzjoni konservattiva tal-varjetajiet. Jekk ma tingħata l-ebda assistenza bħal din mill-awtorita’ kompetenti tal-Istat Membru fejn isseħħ is-selezzjoni konservattiva tal-varjetajiet f'perjodu ta' żmien raġonevoli, jew jekk jiġi konkluż li s-selezzjoni konservattiva tal-varjetajiet ma ssirx f'konformità ma' dan l-Artikolu, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li fir-reġistru nazzjonali tal-varjetajiet tiegħu tkun ġiet irreġistrata l-varjetà għandha titlob lil min ikun responsabbli għas-selezzjoni konservattiva jieħu azzjoni korrettiva. Jekk l-azzjoni korrettiva ma titteħidx fi żmien raġonevoli, dik l-awtorità kompetenti għandha tittermina r-reġistrazzjoni tal-varjetà f'konformità mal-Artikolu 75(1), il-punt (d).

8. Meta s-selezzjoni konservattiva tal-varjetajiet issir f'pajjiż terz, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru, li fir-reġistru nazzjonali tal-varjetajiet tiegħu tkun ġiet irreġistrata l-varjetà, għandha titlob l-assistenza tal-awtoritajiet tal-pajjiż terz fil-verifiki tas-selezzjoni konservattiva tal-varjetajiet, jekk dik is-selezzjoni konservattiva tkun ġiet soġġetta għar-rikonoxximent ta' ekwivalenza msemmija fl-Artikolu 39(7). Jekk ma tingħata l-ebda assistenza bħal din mill-awtoritajiet ta’ dak il-pajjiż terz f'perjodu ta' żmien raġonevoli jew jekk jiġi konkluż li s-selezzjoni konservattiva tal-varjetajiet ma ssirx f'konformità ma' dan l-Artikolu, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li fir-reġistru nazzjonali tal-varjetajiet tiegħu tkun ġiet irreġistrata l-varjetà għandha titlob lil min ikun responsabbli għas-selezzjoni konservattiva jieħu azzjoni korrettiva. Jekk l-azzjoni korrettiva ma titteħidx fi żmien raġonevoli, dik l-awtorità kompetenti għandha tittermina r-reġistrazzjoni tal-varjetà f'konformità mal-Artikolu 75(1), il-punt (d).

TAQSIMA 5
ŻAMMA TA' DOKUMENTAZZJONI U KAMPJUNI

Artikolu 77

Dokumentazzjoni dwar il-varjetajiet reġistrati

L-awtorità kompetenti għandha żżomm għal kull varjetà reġistrata fir-reġistru nazzjonali tal-varjetajiet mill-inqas:

(a) id-deskrizzjoni uffiċjali jew id-deskrizzjoni rikonoxxuta uffiċjalment tal-varjetà; u

(b) ir-rapporti tal-eżami jew id-dokumenti li jappoġġaw id-deskrizzjoni rikonoxxuta uffiċjalment.

Artikolu 78

Kampjuni standard tal-varjetajiet reġistrati

1. L-awtorità kompetenti għandha żżomm kampjuni standard tal-varjetajiet reġistrati fir-reġistri nazzjonali tal-varjetajiet u tagħmilhom disponibbli għal awtoritajiet kompetenti oħra għal finijiet uffiċjali.

   Fil-każ ta' varjetajiet propagati veġetattivament, minflok kampjun standard, l-awtorità kompetenti jew min ikun responsabbli għas-selezzjoni konservattiva tista' żżomm pjanti ħajjin ta' dik il-varjetà.

2. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jispeċifikaw id-daqs tal-kampjuni standard u li jistabbilixxu r-regoli għas-sostituzzjoni tagħhom meta l-kwantità tal-kampjun standard oriġinali tkun limitata wisq jew ma tkunx għadha adegwata minħabba l-użu tagħha f'eżamijiet oħra u biex jitpoġġew għad-dispożizzjoni ta' awtoritajiet kompetenti oħra.

   Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 80(2).

KAPITOLU V
DISPOŻIZZJONIJIET PROĊEDURALI

Artikolu 79

Eżerċizzju ta' delega

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta’ atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 2(4), l-Artikolu 7(4), l-Artikolu 8(3), l-Artikolu 9(3), l-Artikolu 10(6), l-Artikolu 11(6), l-Artikolu 12(4), l-Artikolu 17(5), l-Artikolu 18(4), l-Artikolu 22(4), l-Artikolu 29(4), l-Artikolu 37(1), l-Artikolu 45(6), l-Artikolu 51(2), l-Artikolu 52(5), l-Artikolu 59(3) u l-Artikolu 60(5) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal ħames snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

   Id-delega ta’ setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' ħames snin, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega ta’ setgħa mhux iktar tard minn disa' xhur qabel tmiem l-ewwel perjodu ta' ħames snin.

3. Id-delega ta’ setgħa msemmija fl-Artikolu 2(4), l-Artikolu 7(4), l-Artikolu 8(3), l-Artikolu 9(3), l-Artikolu 10(6), l-Artikolu 11(6), l-Artikolu 12(4), l-Artikolu 17(5), l-Artikolu 18(4), l-Artikolu 22(4), l-Artikolu 29(4), l-Artikolu 37(1), l-Artikolu 45(6), l-Artikolu 51(2), l-Artikolu 52(5), l-Artikolu 59(3) u l-Artikolu 60(5) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega ta’ setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandha taffettwa l-validità tal-ebda att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti nnominati minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 2(4), l-Artikolu 7(4), l-Artikolu 8(3), l-Artikolu 9(3), l-Artikolu 10(6), l-Artikolu 11(6), l-Artikolu 12(4), l-Artikolu 17(5), l-Artikolu 18(4), l-Artikolu 22(4), l-Artikolu 29(4), l-Artikolu 37(1), l-Artikolu 45(6), l-Artikolu 51(2), l-Artikolu 52(5), l-Artikolu 59(3) u l-Artikolu 60(5) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn ta' min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex ser joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 80

Proċedura ta' kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna mill-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf stabbilit bl-Artikolu 58(1) tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[31]. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

[31] Ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel (ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2002/178/oj).

Fejn l-opinjoni tal-kumitat tkun trid tinkiseb permezz tal-proċedura bil-miktub, dik il-proċedura għandha tittermina mingħajr riżultat fejn, fil-limitu ta' żmien għall-għoti tal-opinjoni, il-president tal-kumitat hekk jiddeċiedi jew maġġoranza sempliċi tal-membri tal-kumitat jitolbu li jsir hekk.

3. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011, flimkien mal-Artikolu 5 tiegħu.

Kapitolu VI
Rappurtar, penali, kontrolli uffiċjali u emendi għar-Regolamenti (UE) 2016/2031 u (UE) 2017/625

Artikolu 81

Rappurtar

1. Sa … [ħames snin wara d-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament], u kull ħames snin wara dan, l-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni rapport dwar dan li ġej:

   (a) il-kwantitajiet annwali prodotti taż-żerriegħa u tal-materjal prebażiċi, bażiċi, iċċertifikati u standard u taż-żerriegħa kummerċjali għal kull ġeneru jew speċi;

   (b) il-kwantitajiet annwali ta' PRM prodott ta' varjetajiet ta' konservazzjoni u ta' varjetajiet adattati lokalment għal kull ġeneru jew speċi f'konformità mal-Artikolu 23;

(c) l-għadd ta' operaturi professjonisti li jużaw id-derogi għall-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni ta’ PRM lil utenti mhux professjonisti f'konformità mal-Artikolu 24 u l-kwantitajiet annwali prodotti minnhom għal kull ġeneru jew speċi;

(d) l-għadd ta' organizzazzjonijiet u networks li jużaw id-deroga għall-produzzjoni u għall-kummerċjalizzazzjoni ta' PRM għall-konservazzjoni tar-riżorsi ġenetiċi tal-pjanti f'konformità mal-Artikolu 25 u l-ġeneri jew l-ispeċijiet ikkonċernati;

(e) il-kwantitajiet annwali tal-PRM għal kull ġeneru jew speċi awtorizzati f'konformità mal-Artikolu 28(2) u (4);

(f) il-kwantitajiet annwali ta' PRM għal kull ġeneru jew speċi li jitħalla jiġi kkummerċjalizzat f'konformità mal-Artikolu 30(5);

(g) l-għadd ta' operaturi professjonisti reġistrati f'konformità mal-Artikolu 42, il-punt (b); u

(h) l-għadd u t-tipi ta' ksur li għalihom ġew imposti penali kull sena f'konformità mal-Artikolu 83.

2. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu l-format tekniku li għandu jintuża għar-rappurtar skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 80(2).

Artikolu 82

Nonkonformità ta' PRM mar-rekwiżiti tal-produzzjoni u tal-kummerċjalizzazzjoni

Meta l-verifiki mwettqa mill-awtorità kompetenti matul il-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni ta' PRM jiżvelaw nonkonformità mar-rekwiżiti rilevanti msemmija f'dan ir-Regolament, l-awtorità kompetenti għandha tiżgura li l-operatur professjonist jieħu l-azzjoni korrettiva meħtieġa fir-rigward ta' dak il-PRM u tal-bini u tal-metodi tal-produzzjoni tiegħu. Dik l-azzjoni għandu jkollha wieħed jew aktar mill-objettivi li ġejjin:

(a) il-PRM ikkonċernat ikun konformi mar-rekwiżiti applikabbli;

(b) il-PRM ikkonċernat jiġi rtirat mis-suq jew jintuża bħala materjal għajr bħala PRM; jew

(c) meta jkun rilevanti, il-PRM ikkonċernat jiġi prodott jew ikkummerċjalizzat f'kategorija aktar baxxa f'konformità mar-rekwiżiti applikabbli għal dik il-kategorija.

Artikolu 83

Penali

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar il-penali applikabbli għal ksur ta' dan ir-Regolament u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jiżguraw li jiġu implimentati. Il-penali previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. L-Istati Membri għandhom, mingħajr dewmien, jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'dawk ir-regoli u b'dawk il-miżuri u għandhom jinnotifikawha bi kwalunkwe emenda sussegwenti li tolqothom.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-penali finanzjarji għal ksur ta' dan ir-Regolament li jirriżulta minn frodi jkunu tal-inqas ugwali għal:

   (a) il-vantaġġ ekonomiku miksub għall-operatur professjonist; jew

   (b) ċertu perċentwal tal-fatturat tal-operatur professjonist.

Artikolu 84

Tariffi

L-Istati Membri jistgħu jiġbru, b'mod mhux diskriminatorju, tariffi jew imposti biex ikopru l-kostijiet tal-azzjonijiet imwettqa minnhom skont dan ir-Regolament.

Artikolu 85

Emendi għar-Regolament (UE) 2016/2031

L-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) 2016/2031 huwa emendat kif ġej:

(1) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu lista li tistipula l-pesti regolati mhux ta' kwarantina fl-Unjoni u l-pjanti speċifiċi għat-tħawwil, kif imsemmi fl-Artikolu 36, il-punt (d), fejn xieraq b'referenza għall-kategoriji, il-każijiet speċifiċi u pjanti oħra għat-tħawwil imsemmija, rispettivament, fil-paragrafi 7, 7a u 7b ta' dan l-Artikolu u l-limiti msemmija fil-paragrafu 8 ta' dan l-Artikolu.";

(2) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni, meta jkun xieraq, li jistabbilixxu miżuri għall-prevenzjoni tal-preżenza ta' pesti regolati mhux ta' kwarantina fl-Unjoni fuq il-pjanti għat-tħawwil ikkonċernati, kif imsemmi fl-Artikolu 36, il-punt (f). Dawk il-miżuri għandhom, fejn meħtieġ, jikkonċernaw l-introduzzjoni u l-moviment ta' dawk il-pjanti fl-Unjoni. Dawk il-miżuri għandhom jiġu adottati f'konformità mal-prinċipji stipulati fit-Taqsima 2 tal-Anness II.";

(3) il-paragrafu 7 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"7. Meta l-Artikolu 36, il-punt (e), jiġi sodisfatt biss f'waħda jew aktar mill-kategoriji msemmija ta' materjal riproduttiv tal-pjanti msemmija fl-Artikolu 6(1) tar-Regolament (UE) …/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*[+], il-lista msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għandha tindika dawk il-kategoriji, filwaqt li tiddikjara li l-projbizzjoni tal-introduzzjoni u l-moviment prevista fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu tapplika biss għalihom.

7a. Meta l-Artikolu 36, il-punt (e), jiġi ssodisfat biss f'wieħed jew aktar mill-każijiet imsemmija fl-Artikolu 6(2) tar-Regolament (UE) …/…*[++], il-lista msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għandha tindika dawk il-każijiet speċifiċi, filwaqt li tiddikjara li l-projbizzjoni tal-introduzzjoni u l-moviment prevista fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu tapplika għalihom biss.

7b. Meta, bħala riżultat tar-riskji fitosanitarji relatati ma' kull wieħed minnhom, l-Artikolu 36, il-punt (e), jiġi ssodisfat biss minn pjanti oħra għat-tħawwil, il-lista msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għandha tindika dawk il-pjanti għat-tħawwil, filwaqt li tiddikjara li l-projbizzjoni tal-introduzzjoni u l-moviment prevista fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu tapplika għalihom biss.

---

* Ir-Regolament (UE) …/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill …. dwar il-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tal-materjal riproduttiv tal-pjanti fl-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) 2016/2031 u (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 66/401/KEE, 66/402/KEE, 68/193/KEE, 2002/53/KE, 2002/54/KE, 2002/55/KE, 2002/56/KE, 2002/57/KE, 2008/72/KE u 2008/90/KE u d-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2003/17/KE u 2005/834/KE (ir-Regolament dwar il-PRM) (ĠU L, …, ELI: …)."

[+] ĠU: Jekk jogħġbok daħħal in-numru, u fin-nota ta' qiegħ il-paġna korrispondenti n-numru, id-data tal-adozzjoni u r-referenza tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

[++] ĠU: Jekk jogħġbok daħħal in-numru ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 86

Emendi tar-Regolament (UE) 2017/625

Ir-Regolament (UE) 2017/625 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 1(2), jiżdied il-punt li ġej:

"(k) il-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tal-materjal riproduttiv tal-pjanti bl-eċċezzjoni tal-Kapitolu IV (Reġistrazzjoni tal-varjetajiet) tar-Regolament (UE) …/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*[+].

---

* Ir-Regolament (UE) …/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill …. dwar il-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tal-materjal riproduttiv tal-pjanti fl-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) 2016/2031 u (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 66/401/KEE, 66/402/KEE, 68/193/KEE, 2002/53/KE, 2002/54/KE, 2002/55/KE, 2002/56/KE, 2002/57/KE, 2008/72/KE u 2008/90/KE u d-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2003/17/KE u 2005/834/KE (ir-Regolament dwar il-PRM) (ĠU …, ELI: …)."[+];

(2) fl-Artikolu 3, jiżdied il-punt li ġej:

"(52) "materjal riproduttiv tal-pjanti" tfisser materjal riproduttiv tal-pjanti kif definit fl-Artikolu 3, il-punt (1), tar-Regolament (UE) …/…[++]";

[+] ĠU: Jekk jogħġbok daħħal in-numru, u fin-nota ta' qiegħ il-paġna korrispondenti n-numru, id-data tal-adozzjoni u r-referenza tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

[++] ĠU: Jekk jogħġbok daħħal in-numru ta' dan ir-Regolament.

(3) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"*Artikolu 22a*
Regoli speċifiċi dwar il-kontrolli uffiċjali u l-azzjoni mittieħda mill-awtoritajiet kompetenti b'rabta mal-materjal riproduttiv tal-pjanti

1. Il-kontrolli uffiċjali biex tiġi vverifikata l-konformità mar-regoli msemmija fl-Artikolu 1(2), il-punt (k), għandhom jinkludu kontrolli uffiċjali fuq il-materjal riproduttiv tal-pjanti, fuq l-operaturi u fuq persuni oħrajn soġġetti għal dawk ir-regoli.

2. Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 144 biex jissupplimentaw dan ir-Regolament billi jistabbilixxu regoli għat-twettiq tal-kontrolli uffiċjali fuq materjal riproduttiv tal-pjanti sabiex tiġi vverifikata l-konformità mar-regoli tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 1(2), il-punt (k), li japplikaw għal dawk l-oġġetti u għall-azzjoni meħuda mill-awtoritajiet kompetenti wara t-twettiq ta' dawk il-kontrolli uffiċjali.

   Dawk l-atti delegati għandhom jistabbilixxu regoli dwar rekwiżiti speċifiċi għat-twettiq ta' kontrolli uffiċjali bħal dawn fuq:

   (a) l-importazzjoni fl-Unjoni u l-kummerċjalizzazzjoni fi ħdan l-Unjoni tal-materjal riproduttiv tal-pjanti partikolari soġġett għar-regoli msemmijin fl-Artikolu 1(2), il-punt (k), dwar l-identifikazzjoni u l-kwalità tiegħu; u

(b) l-attivitajiet ta' operaturi professjonisti matul il-produzzjoni jew il-kummerċjalizzazzjoni ta' materjal riproduttiv tal-pjanti partikolari soġġetti għar-regoli msemmijin fl-Artikolu 1(2), il-punt (k).

3. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni waqt li tistabbilixxi regoli dwar arranġamenti prattiċi uniformi għat-twettiq ta' kontrolli uffiċjali fuq materjal riproduttiv tal-pjanti sabiex tiġi vverifikata l-konformità mar-regoli tal-Unjoni msemmijin fl-Artikolu 1(2), il-punt (k), li japplikaw għal dawk l-oġġetti, u għal azzjoni mittieħda mill-awtoritajiet kompetenti wara tali kontrolli uffiċjali fuq:

(a) il-frekwenza minima uniformi ta' tali kontrolli uffiċjali meta ikun meħtieġ livell minimu ta' kontroll uffiċjali bħala reazzjoni għar-riskji uniformi rikonoxxuti ta' nuqqas ta' konformità mar-regoli dwar il-materjal riproduttiv tal-pjanti ta' oriġini jew ta' provenjenza partikolari;

(b) il-frekwenza uniformi ta' kontrolli uffiċjali li jitwettqu mill-awtoritajiet kompetenti fuq l-operaturi awtorizzati sabiex iwettqu ċ-ċertifikazzjoni taħt superviżjoni uffiċjali f'konformità mal-Artikolu 14(1) tar-Regolament (UE) …/…[+].

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 145(2).

[+] ĠU: Jekk jogħġbok daħħal in-numru ta' dan ir-Regolament.

4. Għall-fini tal-Artikolu 30, id-delega ta' ċerti kompiti ta' kontroll uffiċjali, imsemmijin f'dan l-Artikolu, lil persuna fiżika waħda jew aktar, għandha tkun permessa.";

(4) l-Artikolu 144 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafi 2 u 3 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"2. Is-setgħa li tadotta atti delegati msemmija fl-Artikolu 18(7), l-Artikolu 21(8), l-Artikolu 41, l-Artikolu 45(4), l-Artikolu 47(3), l-Artikolu 48, l-Artikolu 50(4), l-Artikolu 51, l-Artikolu 53(1), l-Artikolu 62(3), l-Artikolu 64(2) u (5), l-Artikolu 77(1) u (2), l-Artikolu 92(4), l-Artikolu 99(2), l-Artikolu 100(6), l-Artikolu 101(2), l-Artikolu 126(1), l-Artikolu 142(1) u (2), l-Artikolu 149(2), l-Artikolu 150(3), l-Artikolu 154(3), l-Artikolu 155(3) u l-Artikolu 165(3) għandha tiġi mogħtija lill-Kummissjoni għal perjodu ta' ħames snin mit-28 ta' April 2027. Is-setgħa li tadotta atti delegati msemmija fl-Artikolu 22a(2) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' ħames snin mit-28 ta' April 2027. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega ta' setgħa mhux iktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' ħames snin rispettiv. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.

3. Id-delega ta' setgħa msemmija fl-Artikolu 18(7), l-Artikolu 21(8), l-Artikolu 41, l-Artikolu 22a(2), l-Artikolu 45(4), l-Artikolu 47(3), l-Artikolu 48, l-Artikolu 50(4), l-Artikolu 51, l-Artikolu 53(1), l-Artikolu 62(3), l-Artikolu 64(2) u (5), l-Artikolu 77(1) u (2), l-Artikolu 92(4), l-Artikolu 99(2), l-Artikolu 100(6), l-Artikolu 101(2), l-Artikolu 126(1), l-Artikolu 142(1) u (2), l-Artikolu 149(2), l-Artikolu 150(3), l-Artikolu 154(3), l-Artikolu 155(3) u l-Artikolu 165(3) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Ma għandha taffettwa l-validità tal-ebda att delegat diġà fis-seħħ.";

(b) il-paragrafu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 18(7), l-Artikolu 21(8), l-Artikolu 22a(2), l-Artikolu 41, l-Artikolu 45(4), l-Artikolu 47(3), l-Artikolu 48, l-Artikolu 50(4), l-Artikolu 51, l-Artikolu 53(1), l-Artikolu 62(3), l-Artikolu 64(2) jew (5), l-Artikolu 77(1) jew (2), l-Artikolu 92(4), l-Artikolu 99(2), l-Artikolu 100(6), l-Artikolu 101(2), l-Artikolu 126(1), l-Artikolu 142(1) jew (2), l-Artikolu 149(2), l-Artikolu 150(3), l-Artikolu 154(3), l-Artikolu 155(3) jew l-Artikolu 165(3) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex sejrin joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.".

Artikolu 87

Deroga mir-regoli dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra stabbiliti fir-Regolament (UE) 2017/625

L-Artikolu 6, l-Artikolu 37(4), il-punt (e), u l-Artikoli 109 sa 113 tar-Regolament (UE) 2017/625 ma għandhomx japplikaw għall-kontrolli uffiċjali jew għal attivitajiet uffiċjali oħra fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

L-awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu awditi tal-laboratorji uffiċjali kif previst fl-Artikolu 39(1) tar-Regolament (UE) 2017/625 sakemm ma jsibux dawk l-awditi żejda peress li l-laboratorju uffiċjali jiġi vverifikat mill-ISTA dwar il-kompetenza teknika tal-laboratorji uffiċjali biex iwettqu proċeduri ta' ttestjar taż-żerriegħa f'konformità mar-Regoli Internazzjonali tal-ISTA u jmexxu sistema ta' assigurazzjoni tal-kwalità li tissodisfa r-rekwiżiti tal-Istandards tal-ISTA.

Kapitolu VII
Dispożizzjonijiet finali u tranżitorji

Artikolu 88

Tħassir

Id-Direttivi 66/401/KEE, 66/402/KEE, 68/193/KEE, 2002/53/KE, 2002/54/KE, 2002/55/KE, 2002/56/KE, 2002/57/KE, 2008/72/KE u 2008/90/KE u d-Deċiżjonijiet 2003/17/KE u 2005/834/KE huma mħassra.

Ir-referenzi għall-atti mħassra għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw f'konformità mat-tabelli ta' korrelazzjoni fl-Anness VI.

Artikolu 89

PRM prodotti jew kummerċjalizzati qabel [id-data ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament]

PRM prodott jew ikkummerċjalizzat qabel … [id-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament] f'konformità mal-atti msemmija fl-Artikolu 88 jew f'konformità mar-regoli nazzjonali jista' jkompli jiġi kkummerċjalizzat sakemm jispiċċaw l-istokkijiet, bit-tikketta xierqa maħruġa skont dawk l-atti jew skont ir-regoli nazzjonali.

Artikolu 90

Varjetajiet irreġistrati jew aċċettati skont id-Direttivi 68/193/KEE, 2002/53/KE, 2002/55/KE, 2008/62/KE, 2008/90/KE u 2009/145/KE

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jirreġistraw minnufih fir-reġistri nazzjonali tagħhom tal-varjetajiet, b'deskrizzjoni uffiċjali jew b'deskrizzjoni rikonoxxuta uffiċjalment, kif applikabbli, il-varjetajiet kollha aċċettati jew irreġistrati uffiċjalment qabel … [id-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament] fil-katalogi, fil-listi jew fir-reġistri stabbiliti mill-Istati Membri tagħhom skont l-Artikolu 5 tad-Direttiva 68/193/KEE, l-Artikolu 3 tad-Direttiva 2002/53/KE, l-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2002/55/KE u l-Artikolu 7(4) tad-Direttiva 2008/90/KE, mingħajr ma japplikaw il-proċedura ta' reġistrazzjoni stipulata fil-Kapitolu IV, it-Taqsima 3, ta' dan ir-Regolament.

Il-varjetajiet aċċettati f'konformità mal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2008/62/KE u mal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2009/145/KE qabel … [id-data ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament] għandhom jiġu rreġistrati minnufih fir-reġistri nazzjonali tal-varjetajiet bħala varjetajiet ta' konservazzjoni pprovduti b'deskrizzjoni rikonoxxuta uffiċjalment mingħajr ma tiġi applikata l-proċedura ta' reġistrazzjoni stipulata fil-Kapitolu IV, it-Taqsima 3, ta' dan ir-Regolament.

Il-varjetajiet aċċettati f'konformità mal-Artikolu 21 tad-Direttiva 2009/145/KE jistgħu jiġu rreġistrati bid-deskrizzjoni rikonoxxuta uffiċjalment rispettiva bħala varjetajiet adattati lokalment fuq talba tal-applikant jew ta' min huwa responsabbli għas-selezzjoni konservattiva mingħajr ma tiġi applikata l-proċedura ta' reġistrazzjoni stipulata fil-Kapitolu IV, it-Taqsima 3, ta' dan ir-Regolament.

2. Il-perjodu tar-reġistrazzjoni tal-varjetajiet imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandu, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 73(1), jibda fid-data li fiha jkunu ġew irreġistrati jew aċċettati skont id-Direttivi msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu. Għall-varjetajiet tad-dwieli, il-perjodu ta' reġistrazzjoni għandu jibda fi … [id-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament].

3. Il-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu għandhom japplikaw għall-kloni magħżula aċċettati skont l-Artikolu 5 tad-Direttiva 68/193/KEE *mutatis mutandis*.

4. L-eżamijiet tekniċi tad-distintività, l-uniformità u l-istabbiltà tal-varjetajiet u l-valur tagħhom għall-kultivazzjoni u l-użu sostenibbli li bdew qabel id-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom jitlestew f'konformità mad-Direttivi rilevanti msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu. Id-deċiżjoni dwar ir-reġistrazzjoni tal-varjetajiet għandha tittieħed f'konformità mal-Artikoli 71 u 72 ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 91

Varjetajiet tal-ispeċijiet irreġistrati skont ir-regoli nazzjonali

Il-varjetajiet tal-ġeneri jew tal-ispeċijiet elenkati fl-Anness I li ma kinux koperti mid-Direttivi msemmija fl-Artikolu 88 u li huma rreġistrati f'reġistru nazzjonali tal-varjetajiet skont ir-regoli nazzjonali qabel … [id-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament] għandhom, sa dik id-data, ikunu rreġistrati fir-reġistri nazzjonali tal-varjetajiet rilevanti mingħajr ma tiġi applikata l-proċedura ta' reġistrazzjoni stipulata fil-Kapitolu IV, it-Taqsima 3.

Artikolu 92

Operaturi professjonisti rreġistrati qabel … [id-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament]

B'deroga mill-Artikolu 43(1) u (2), l-awtorità kompetenti għandha tirreġistra l-operatur professjonist mingħajr ma tirrikjedi s-sottomissjoni ta' applikazzjoni għar-reġistrazzjoni jekk dak l-operatur ikun ġie rreġistrat f'konformità mad-Direttivi msemmija fl-Artikolu 88 u jekk id-data kollha msemmija fl-Artikolu 43(2) tkun disponibbli għal dik l-awtorità kompetenti. Fejn rilevanti, l-operatur professjonist ikkonċernat għandu jissottometti aġġornament ta' dik id-data sa skadenza li tiġi stabbilita mill-awtorità kompetenti.

Artikolu 93

Regoli nazzjonali aktar stretti adottati qabel … [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]

Kull Stat Membru għandu, sa … [sena wara d-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament], jirrieżamina kwalunkwe miżura li jkun adotta skont l-Artikolu 5 tad-Direttiva 66/401/KEE, l-Artikolu 5 tad-Direttiva 66/402/KEE, l-Artikolu 7 tad-Direttiva 2002/54/KE, l-Artikolu 24 tad-Direttiva 2002/55/KE, l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2002/56/KE u l-Artikolu 7 tad-Direttiva 2002/57/KE, u, fejn meħtieġ, jew jirrevoka dawk il-miżuri jew jemendahom sabiex jikkonformaw mar-rekwiżiti dwar il-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni stipulati fi, jew adottati skont, l-Artikoli 8 u 9 ta' dan ir-Regolament.

L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn dwar dawk l-azzjonijiet.

Artikolu 94

Rieżami u rapportar mill-Kummissjoni

1. Sa … [ħames snin mid-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha tissottometti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 24 u 26.

2. Ir-rapport għandu jeżamina l-effett tad-derogi li jinsabu fl-Artikoli 24 u 26 fuq is-suq għall-provvista tal-PRM lill-utenti professjonisti. B'mod partikolari, ir-rapport għandu jeżamina jekk, u sa liema punt, l-użu tad-derogi wassal għal sitwazzjonijiet fejn il-PRM maħsub għal utenti mhux professjonisti jew il-PRM skambjat in natura bejn bdiewa jkun inbiegħ lill-utenti professjonali. Dak ir-rapport għandu jeżamina wkoll il-prevalenza possibbli tal-ksur tad-drittijiet tal-varjetajiet tal-pjanti.

3. Ir-rapport jista', kif il-Kummissjoni tista' tara meħtieġ, ikopri l-applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet oħra ta' dan ir-Regolament minbarra Artikoli 24 u 26.

4. Ir-rapport għandu jkun ibbażat fuq l-informazzjoni u d-data disponibbli, inkluż dawk ippreżentati mill-Istati Membri u mill-operaturi jew l-assoċjazzjonijiet professjonisti.

5. Ir-rapport għandu jkun akkumpanjat, jekk xieraq, minn proposta leġiżlattiva biex jiġi emendat dan ir-Regolament.

Artikolu 95

Rieżami tad-dispożizzjonijiet dwar valur sodisfaċenti għall-kultivazzjoni u għall-użu sostenibbli

1. Wara … [id-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u 10 snin addizzjonali], il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 53(1), il-punt (a), dwar il-valur għall-kultivazzjoni u għall-użu sostenibbli.

2. Ir-rapport għandu, fejn rilevanti, jivvaluta l-ħtieġa li tiġi mmodifikata l-kolonna 4 tal-Anness I dwar il-ġeneri jew l-ispeċijiet li għalihom il-varjetajiet iridu jiġu rreġistrati biss jekk juru valur sodisfaċenti għall-kultivazzjoni u għall-użu sostenibbli.

3. Fejn xieraq, il-Kummissjoni tista', abbażi ta' dak ir-rapport, tippreżenta proposta leġiżlattiva biex temenda r-Regolament.

Artikolu 96

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika minn … [48 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

Madankollu, fejn dan ir-Regolament jikkonferixxi setgħat delegati u ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni, dawk id-dispożizzjonijiet għandhom japplikaw minn … [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi …,

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*

ANNESS I

ĠENERI U SPEĊIJIET IMSEMMIJA FL-ARTIKOLI 2, 7, 29 U 53

1	2	3	4
Ġeneri jew speċijiet għal kull użu maħsub	Ġeneri jew speċijiet li l-PRM tagħhom għandu jiġi prodott u kkummerċjalizzat biss bħala żerriegħa jew materjal prebażiku, bażiku jew iċċertifikat f'konformità mal-Artikolu 7	Ġeneri jew speċijiet li l-PRM tagħhom jista' jiġi prodott u kkummerċjalizzat ukoll bħala żerriegħa kummerċjali f'konformità mal-Artikolu 29	Ġeneri jew speċijiet li għalihom il-valur għall-kultivazzjoni u għall-użu sostenibbli (VSCU) hija obbligatorja f'konformità mal-Artikolu 53 *Ma japplikax għal varjetajiet maħsuba biex jintużaw bħala tapit tat-turf
Pjanti agrikoli			
Agrostis canina L.	X	X	X*
Agrostis capillaris L.	X		X*
Agrostis gigantea Roth	X	X	X*
Agrostis stolonifera L.	X		X*
Alopecurus pratensis L.	X		X*
Arachis hypogaea L.	X	X	X

1	2	3	4
Arrhenatherum elatius (L.) P. Beauv. ex J. Presl & C. Presl	X		X*
Avena nuda L.	X		X
Avena sativa L.	X		X
Avena strigosa Schreb.	X		X
Beta vulgaris L. (partim)	X		X
Biserrula pelecinus L.	X	X	X
Brassica juncea (L.) Czern.	X		X
Brassica napus L. (partim)	X		X
Brassica nigra (L.) W. D. J. Koch	X	X	X
Brassica oleracea L. (partim)	X		X
Brassica rapa L. (partim)	X		X
Bromus catharticus Vahl var. *elatus* (É. Desv.) Planchuelo	X	X	X*
Bromus sitchensis Trin.	X	X	X*
Camelina sativa (L.) Crantz	X	X	X
Cannabis sativa L.	X		X

1	2	3	4
Carthamus tinctorius L.	X		X
Carum carvi L.	X		X
Chenopodium quinoa Willd.	X	X	X
Cicer arietinum L.	X	X	X
Cichorium intybus L. (partim)	X	X	X
Cynodon dactylon (L.) Pers.	X	X	X*
Dactylis glomerata L.	X		X*
Fagopyrum esculentum Moench	X	X	X
Festuca arundinacea Schreb.	X		X*
Festuca filiformis Pourr.	X	X	X*
Festuca ovina L.	X		X*
Festuca pratensis Huds.	X		X*
Festuca rubra L.	X		X*
Festuca trachyphylla (Hack.) Hack.	X	X	X*
Galega orientalis Lam.	X	X	X
Glycine max (L.) Merr. (partim)	X		X

1	2	3	4
Gossypium L.	X		X
Helianthus annuus L.	X		X
Hordeum vulgare L.	X		X
Lathyrus cicera L.	X	X	X
Lathyrus sativus L.	X	X	X
Lens culinaris Medik.	X	X	X
Linum usitatissimum L.	X		X
Lolium multiflorum Lam.	X		X*
Lolium perenne L.	X		X*
Lolium x hybridum Hausskn.	X		X*
Lotus corniculatus L.	X		X
Lupinus albus L.	X		X
Lupinus angustifolius L.	X		X
Lupinus luteus L.	X		X
Medicago doliata Carmign.	X	X	X
Medicago italica (Mill.) Fiori	X	X	X

1	2	3	4
Medicago littoralis Rohde ex Loisel.	X	X	X
Medicago lupulina L.	X	X	X
Medicago murex Willd.	X	X	X
Medicago polymorpha L.	X	X	X
Medicago rugosa Desr.	X	X	X
Medicago sativa L.	X		X
Medicago scutellata (L.) Mill.	X	X	X
Medicago truncatula Gaertn.	X	X	X
Onobrychis viciifolia Scop.	X	X	X
Ornithopus compressus L.	X	X	X
Ornithopus sativus Brot.	X	X	X
Oryza sativa L.	X		X
Panicum miliaceum L.	X	X	X
Papaver somniferum L.	X		X
Phacelia tanacetifolia Benth.	X		X

1	2	3	4
Phalaris aquatica L.	X	X	X*
Phalaris canariensis L.	X	X	X
Phleum nodosum L.	X	X	X*
Phleum pratense L.	X		X*
Pisum sativum L. (partim)	X		X
Plantago lanceolata L.	X	X	X
Poa annua L.	X	X	X*
Poa nemoralis L.	X	X	X*
Poa palustris L.	X	X	X*
Poa pratensis L.	X		X*
Poa trivialis L.	X		X*
Raphanus sativus L. (partim)	X		X
Secale cereale L.	X		X
Sinapis alba L.	X		X
Sorghum bicolor (L.) Moench	X		X

1	2	3	4
*Sulla coronaria (*L.*)* B. H. Choi & H. Ohashi	X	X	X
Trifolium alexandrinum L.	X		X
Trifolium fragiferum L.	X	X	X
Trifolium glanduliferum Boiss.	X	X	X
Trifolium hirtum All.	X	X	X
Trifolium hybridum L.	X		X
Trifolium incarnatum L.	X		X
Trifolium isthmocarpum Brot.	X	X	X
Trifolium michelianum Savi	X	X	X
Trifolium pratense L.	X		X
Trifolium repens L.	X		X
Trifolium resupinatum L.	X		X
Trifolium squarrosum L.	X	X	X
Trifolium subterraneum L.	X	X	X
Trifolium vesiculosum Savi	X	X	X
Trigonella foenum-graecum L.	X	X	X

1	2	3	4
Trisetum flavescens (L.) P. Beauv.	X		X*
Triticum aestivum L. subsp. *aestivum*	X		X
Triticum aestivum L. subsp. *spelta* (L.) Thell.	X		X
Triticum durum Desf.	X		X
Vicia benghalensis L.	X	X	X
Vicia ervilia (L.) Willd.	X	X	X
Vicia faba L. (partim)	X		X
Vicia narbonensis L.	X	X	X
Vicia pannonica Crantz	X	X	X
Vicia sativa L.	X		X
Vicia villosa Roth	X		X
x Festulolium Asch. & Graebn.	X		X*
x Triticosecale Wittm. ex A. Camus	X		X
Zea mays L. **(**partim**)**	X		X

1	2	3	4
Patata			
Solanum tuberosum L.	X		X
Pjanti tal-ħxejjex			
Allium cepa L.			
Allium fistulosum L.			
Allium porrum L.			
Allium sativum L.			
Allium schoenoprasum L.			
Anthriscus cerefolium (L.) Hoffm.			
Apium graveolens L.			
Asparagus officinalis L.			
Beta vulgaris L. (partim)			
Brassica napus L. (partim)			
Brassica oleracea L. (partim)			
Brassica rapa L. (partim)			
Capsicum annuum L.			

1	2	3	4
Cichorium endivia L.			
Cichorium intybus L. (partim)			
Citrullus lanatus (Thunb.) Matsum. et Nakai			
Cucumis melo L.			
Cucumis sativus L.			
Cucurbita maxima Duchesne			
Cucurbita moschata Duchesne			
Cucurbita pepo L.			
Cynara cardunculus L.			
Daucus carota L.			
Foeniculum vulgare Mill.			
Glycine max (L.) Merr. (partim)			
Lactuca sativa L.			
Petroselinum crispum (Mill.) Nyman ex A. W. Hill			
Phaseolus coccineus L.			
Phaseolus vulgaris L.			

1	2	3	4
Pisum sativum L. **(**partim**)**			
Raphanus sativus L. **(**partim**)**			
Rheum rhabarbarum L.			
Scorzonera hispanica L.			
Solanum lycopersicum L.			
Solanum melongena L.			
Spinacia oleracea L.			
Valerianella locusta (L.) Laterr.			
Vicia faba L. **(**partim**)**			
Zea mays L. **(**partim**)**			
Pjanti tal-frott			
Actinidia Lindl.			
Castanea sativa Mill.			
Citrus L.			
Corylus avellana L.			

1	2	3	4
Cydonia oblonga Mill.			
Ficus carica L.			
Fragaria L.			
Juglans regia L.			
Malus Mill.			
Olea europaea L.			
Pistacia L.			
Prunus armeniaca L.			
Prunus avium (L.) L.			
Prunus cerasus L.			
Prunus domestica L.			
Prunus dulcis (Mill.) D.A. Webb			
Prunus persica (L.) Batsch			
Prunus salicina Lindl**.**			

1	2	3	4
Pyrus L.			
Ribes L.			
Rubus L.			
Vaccinium L.			
Dwieli			
Vitis L.			X

ANNESS II

Rekwiżiti għall-produzzjoni u għall-kummerċjalizzazzjoni taż-żerriegħa u tal-materjal prebażiċi, bażiċi u ċċertifikati kif imsemmi fl-Artikolu 8

PARTI A

Rekwiżiti għall-produzzjoni u għall-kummerċjalizzazzjoni taż-żerriegħa prebażika, bażika u ċċertifikata ta' pjanti agrikoli u veġetali, u żerriegħa vera tal-patata

1. Rekwiżiti għall-produzzjoni ta' żerriegħa prebażika, bażika u ċċertifikata ta' pjanti agrikoli u veġetali, u żerriegħa vera tal-patata

A. Iż-żrigħ jew it-tħawwil:

(a) Il-varjetà u l-identità taż-żerriegħa miżrugħa, inkluż, fejn applikabbli, l-pjanti omm imħawla, għandha tiġi ddeterminati mill-awtorità kompetenti jew mill-operatur professjonist, u għandha tiġi rreġistrata biex tiġi żgurata t-traċċabbiltà tagħha.

(b) Il-kultivazzjoni preċedenti tal-għalqa ma għandhiex tkun inkompatibbli mal-produzzjoni taż-żerriegħa tal-ispeċijiet, tal-varjetà u tal-kategorija tal-għalla, u l-għalqa għandha tkun ħielsa biżżejjed minn pjanti li jistgħu jkunu baqgħu minn kultivazzjoni preċedenti (voluntieri).

(c) Iż-żerriegħa jew il-pjanti omm, fejn applikabbli, għandhom jinżergħu jew jitħawlu b'tali mod li jkun hemm distanza suffiċjenti mis-sorsi tat-trab tad-dakra tal-istess ġeneru jew tal-istess speċi u varjetajiet differenti, iddeterminati mill-karatteristiċi botaniċi, biex tiġi żgurata l-protezzjoni minn kwalunkwe dakkir barrani mhux mixtieq, inklużdakkir inkroċjat ma' għelejjel oħra.

(d) Fejn xieraq, il-produzzjoni taż-żrieragħ għandha ssir separatament mill-kultivazzjoni taż-żrieragħ li jappartjenu għall-istess ġeneri jew speċijiet maħsuba għall-produzzjoni tal-ikel jew tal-għalf, biex jiġi żgurat li r-rekwiżiti applikabbli biss għaż-żerriegħa kkonċernata jiġu sodisfatti.

(e) Pjanti derivati minn propagazzjoni in vitro jistgħu jintużaw għall-produzzjoni taż-żrieragħ.

B. Kultivazzjoni fl-għelieqi:

(a) Il-wiċċ tar-raba' għandu jkollu identità varjetali u purità varjetali suffiċjenti.

Għandu jiġi żgurat li l-pjanti ta' speċijiet oħra, varjetajiet oħra, jew pjanti barra t-tip ikunu assenti mill-għalqa. Meta dan ma jkunx possibbli, minħabba l-karatteristiċi tal-ispeċijiet ikkonċernati, dawn għandhom ikunu preżenti sal-anqas livell possibbli.

Fejn ikunu preżenti pjanti barra t-tip jew speċijiet ta' pjanti oħra matul l-istadju tal-kultivazzjoni, dawn għandhom jitneħħew jew għandu jiġi applikat trattament xieraq.

(b) Il-pjanti għandhom jiġu ttrattati jew esklużi bħala sors tal-PRM fejn hemm riżultati pożittivi tat-testijiet jew ta' sintomi viżivi tal-pesti, f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/2031, jew f'każ ta' difetti.

(c) L-għelejjel kollha fl-għalqa għandhom jiġu spezzjonati uffiċjalment jew taħt superviżjoni uffiċjali fl-istadji tat-tkabbir rilevanti tagħhom, bil-frekwenza rilevanti u bil-metodi rilevanti għall-ġeneri jew għall-ispeċijiet ikkonċernati biex tiġi vverifikata l-konformita' tagħhom mar-rekwiżiti rispettivi. Jekk ma jkunx possibbli li jitneħħew jew jiġu sseparati l-pjanti mhux konformi matul il-fażi tat-tkabbir, l-għalqa kollha jew parti minnha għandha titwarrab għall-produzzjoni taż-żrieragħ, jew, jekk possibbli, għandha tintuża għall-produzzjoni ta' żrieragħ li jappartjenu għal kategorija jew ġenerazzjoni aktar baxxa, sakemm iż-żrieragħ mhux mixtieqa ma jkunux jistgħu jiġu sseparati mekkanikament fi stadju aktar tard.

C. Ħsad u wara l-ħsad:

(a) Iż-żerriegħa għandha tinħasad b'mod li jiżgura l-identità, il-purità u t-traċċabbiltà tagħha.

(b) Kampjun taż-żerriegħa għandu jittieħed uffiċjalment jew taħt sorveljanza uffiċjali minn kull lott. Id-daqs tal-kampjun u l-intensità, it-tagħmir u l-metodu tal-kampjunar għandhom ikunu xierqa għall-ispeċi kkonċernata u għandha tqis kwalunkwe standard internazzjonali applikabbli.

(c) Il-kampjun taż-żerriegħa għandu jkun soġġett għall-ittestjar fil-laboratorju, jew l-ittestjar fil-laboratorju taħt superviżjoni uffiċjali biex jiġi żgurat li jiġu sodisfatti r-rekwiżiti tal-kwalità għall-ispeċijiet rispettivi. L-ittestjar fil-laboratorju għandu jitwettaq f'konformità mal-metodi, mat-tagħmir u mal-materjal għat-tkabbir xierqa għall-ispeċijiet ikkonċernati u għandu jqis kwalunkwe standard internazzjonali applikabbli.

2. Rekwiżiti għall-kummerċjalizzazzjoni ta' żerriegħa prebażika, bażika u ċċertifikata ta' pjanti agrikoli u ta' ħxejjex, u ta' żerriegħa vera tal-patata

Skont il-karatteristiċi ta' kull ġeneru jew speċi u l-kategorija kkonċernata, iż-żerriegħa għandha tissodisfa r-rekwiżiti ta' kwalità li ġejjin:

(a) għandu jkollha rata ta’ ġerminazzjoni suffiċjenti li għandha tiġi kkonfermata permezz ta' ttestjar mill-ġdid wara perjodu xieraq għall-ispeċijiet rispettivi;

(b) għandu jkollha mhux aktar minn kontenut massimu permess ta' żerriegħa meqjusa bħala kapaċi għall-ġerminazzjoni fi stadju aktar tard (żerriegħa iebsa);

(c) għandu jkollha purità analitika suffiċjenti u, fejn applikabbli, jkollha mhux aktar minn preżenza massima permessa ta' ħamrija jew materja barranija;

(d) għandu jkollha kontenut xieraq ta' ndewwa;

(e) għandu jkollha mhux aktar minn kontenut massimu permess ta' żerriegħa ta' ġeneri jew speċijiet oħra;

(f) għandha tkun prattikament ħielsa minn difetti u ħsarat speċifiċi.

PARTI B

Rekwiżiti għall-produzzjoni u għall-kummerċjalizzazzjoni taż-żerriegħa prebażika, bażika u ċċertifikata tal-pjanti tal-frott u tad-dwieli

1. Rekwiżiti għall-produzzjoni taż-żerriegħa prebażika, bażika u ċċertifikata tal-pjanti tal-frott u tad-dwieli

A. Iż-żrigħ jew it-tħawwil:

(a) Il-varjetà u l-identità tal-materjal, tal-pjanti omm jew taż-żerriegħa mħawwla jew miżrugħa għandha tiġi ddeterminati mill-awtorità kompetenti jew mill-operatur professjonist, u għandha tiġi rreġistrata biex tiġi żgurata t-traċċabbiltà tagħha.

(b) Il-materjal, il-pjanti omm jew iż-żerriegħa u, fejn xieraq, il-pjanti dakkara għandhom jitħawlu jew jinżergħu b'tali mod li jkun hemm distanza suffiċjenti minn pjanti oħra tal-istess ġeneru jew tal-istess speċi u varjetajiet differenti, iddeterminati mill-karatteristiċi botaniċi, biex tiġi żgurata l-protezzjoni minn kwalunkwe dakkir barrani mhux mixtieq, inkluż dakkir inkroċjat ma' għelejjel oħra.

(c) Fejn xieraq, il-produzzjoni taż-żerriegħa għandha ssir separatament mill-kultivazzjoni tal-pjanti li jappartjenu għall-istess ġeneru jew speċi maħsuba għall-produzzjoni tal-ikel jew tal-għalf, biex jiġi żgurat li r-rekwiżiti applikabbli biss għaż-żerriegħa kkonċernata jiġu ssodisfatti.

(d) Pjanti derivati minn propagazzjoni in vitro jistgħu jintużaw għall-produzzjoni taż-żerriegħa.

B. Kultivazzjoni fl-għelieqi:

(a) Il-pjanti barra t-tip u pjanti omm u pjanti dakkara danneġġati jew deformati għandhom jintremew fl-istadji kollha tal-kultivazzjoni sabiex jiġi żgurat li l-pjanti kkultivati jkunu awtentiċi għall-identità tal-varjetà, jew għall-pjanti li ma jappartjenux għal varjetà, biex jiġi żgurat li jkunu awtentiċi għall-identità tal-ispeċijiet li jappartjenu għalihom, il-purità suffiċjenti u l-produzzjoni effiċjenti tagħhom.

(b) Il-pjanti omm u l-pjanti dakkara għandhom jiġu ttrattati jew għandhom jiġu eskluży bħala sors tal-PRM f'każ ta' riżultati pożittivi tat-testijiet jew ta' sintomi viżivi tal-pesti, f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/2031 jew f'każ ta' difetti.

(c) Il-pjanti omm u l-pjanti dakkara għandhom jiġu eskluży bħala sors ta' żerriegħa meta jkun hemm difetti sinifikanti li x'aktarx ifixklu l-kwalità ta' tali żerriegħa.

(d) Il-pjanti omm u l-pjanti dakkara għandhom jiġu kkultivati, fil-fażijiet kollha ta' żvilupp, b'tali mod li jippermetti l-produzzjoni taż-żerriegħa u li jippermetti l-identifikazzjoni u l-verifika tal-konformità tagħhom mad-deskrizzjoni uffiċjali jew mad-deskrizzjoni rikonoxxuta uffiċjalment tal-varjetà tagħhom. Fil-każ tal-pjanti omm u tal-pjanti dakkara li ma jkunux jappartjenu għal varjetà, il-verifika tal-konformità għandha tikkonċerna l-ispeċijiet li għalihom jappartjenu dawk il-pjanti omm u l-pjanti dakkara.

(e) Il-pjanti omm u l-pjanti dakkara kollha għandhom jiġu spezzjonati uffiċjalment jew taħt superviżjoni uffiċjali fl-istadji tat-tkabbir rilevanti tagħhom, bil-frekwenza rilevanti u bil-metodi rilevanti għall-ġeneri u l-ispeċijiet ikkonċernati biex tiġi vverifikata l-konformità mar-rekwiżiti rispettivi.

C. Ħsad u wara l-ħsad:

(a) Iż-żerriegħa għandha tinħasad b'mod li jiżgura l-identità, il-purità u t-traċċabbiltà tagħha.

(b) Kampjun taż-żerriegħa għandu jittieħed uffiċjalment jew taħt sorveljanza uffiċjali minn kull lott. Il-kampjun taż-żerriegħa li jittieħed minn lott għandu jkollu d-daqs minimu xieraq biex jiġi ddeterminat l-issodisfar tar-rekwiżiti tal-kwalità għall-ġeneri jew għall-ispeċijiet rispettivi. Id-daqs tal-kampjun u l-intensità, it-tagħmir u l-metodu tal-kampjunar għandhom ikunu xierqa għall-ġeneri u għall-ispeċitajiet ikkonċernati u għandhom iqisu kwalunkwe standard internazzjonali applikabbli.

(c) L-ittestjar għandu jitwettaq f'konformità mal-metodi, mat-tagħmir u mal-materjal għat-tkabbir xierqa għall-ġeneri jew għall-ispeċijiet ikkonċernati, biex jiġi żgurat li r-rekwiżiti tal-kwalità jkunu ġew sodisfatti.

2. Rekwiżiti għall-kummerċjalizzazzjoni taż-żerriegħa prebażika, bażika u ċċertifikata tal-pjanti tal-frott u tad-dwieli

Skont il-karatteristiċi ta' kull ġeneru jew speċi u l-kategorija kkonċernata, iż-żerriegħa għandha tissodisfa r-rekwiżiti ta' kwalità li ġejjin:

(a) għandu jkollha rata ta’ ġerminazzjoni suffiċjenti;

(b) għandha tkun prattikament ħielsa minn difetti u ħsarat sinifikanti;

(c) għandu jkollha purità analitika suffiċjenti u, fejn applikabbli, ikollha mhux aktar minn preżenza massima permessa ta' ħamrija jew ta' materja barranija;

(d) għandu jkollha kontenut xieraq ta' ndewwa;

(e) għandu jkollha mhux aktar minn kontenut massimu permess ta' żerriegħa ta' ġeneri jew speċijiet oħra.

PARTI C

Rekwiżiti għall-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni ta' materjal prebażiku, bażiku u ċċertifikat ta' pjanti agrikoli, tal-ħxejjex u tal-frott u tad-dwieli, inkluż kloni magħżula u materjal poliklonali

1. Rekwiżiti għall-produzzjoni ta' materjal prebażiku, bażiku u ċċertifikat ta' pjanti agrikoli, tal-ħxejjex u tal-frott u tad-dwieli, inkluż kloni magħżula u materjal poliklonali

A. Iż-żrigħ jew it-tħawwil:

(a) Il-varjetà u l-identità tal-materjal, tal-pjanti omm jew taż-żerriegħa mħawwla jew miżrugħa għandhom jiġu ddeterminati mill-awtorità kompetenti jew mill-operatur professjonist, u għandhom jiġu rreġistrati biex tiġi żgurata t-traċċabbiltà tagħhom.

(b) Il-materjal, il-pjanti omm jew iż-żerriegħa, fejn applikabbli, għandhom jitħawlu jew jinżergħu b'mod li jiżgura l-vijabbiltà u l-kwalità tagħhom matul il-proċess kollu tal-produzzjoni.

(c) Fejn xieraq, il-kultivazzjoni tal-materjal għandha ssir separatament mill-kultivazzjoni tal-materjal li jappartjeni għall-istess ġeneri jew speċijiet maħsuba għal skopijiet ta' ikel jew għalf.

(d) Pjanti derivati minn propagazzjoni in vitro jistgħu jintużaw għall-produzzjoni tal-materjal.

B. Kultivazzjoni fl-għelieqi:

(a) Il-wiċċ tar-raba' għandu jkollu identità varjetali u purità varjetali suffiċjenti.

(b) Il-pjanti barra t-tip u l-pjanti omm u l-materjal deformati jew danneġġati għandhom jintremew fl-istadji kollha tal-kultivazzjoni.

(c) Il-pjanti omm u l-materjal għandhom jiġu ttrattati jew jiġu eskluży bħala sors tal-PRM f'każ ta' riżultati pożittivi tat-testijiet jew ta' sintomi viżivi tal-pesti, f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/2031 jew f'każ ta' difetti.

(d) Il-pjanti omm u l-materjal għandhom jiġu kkultivati, fl-istadji kollha tal-iżvilupp, b'tali mod li jippermetti l-produzzjoni tal-materjal, u li jippermetti l-identifikazzjoni u l-verifika tagħhom tal-konformità mad-deskrizzjoni uffiċjali jew mad-deskrizzjoni rikonoxxuta uffiċjalment tal-varjetà, tal-klonu magħżul jew tal-materjal poliklonali tagħhom. Fil-każ tal-pjanti omm u tal-materjal li ma jkunux jappartjenu għal varjetà, il-verifika għandha tikkonċerna l-ispeċijiet li għalihom jappartjenu dawk il-pjanti omm u l-materjal.

(e) Il-pjanti omm u l-materjal għandhom jiġu spezzjonati uffiċjalment jew taħt superviżjoni uffiċjali fl-istadji tat-tkabbir rilevanti tagħhom, bil-frekwenza rilevanti u bil-metodi rilevanti għall-ġeneri u għall-ispeċijiet ikkonċernati biex tiġi vverifikata l-konformità tagħhom mar-rekwiżiti rispettivi.

C. Ħsad u wara l-ħsad:

(a) Il-materjal għandu jinħasad b'tali mod li jiżgura l-identità, il-purità u t-traċċabbiltà tiegħu.

(b) Il-kampjun li għandu jittieħed uffiċjalment jew taħt superviżjoni uffiċjali minn lott għandu jkollu d-daqs minimu xieraq biex jiġi ddeterminat l-issodisfar tar-rekwiżiti tal-kwalità għall-ġeneri jew għall-ispeċijiet rispettivi. L-intensità, it-tagħmir u l-metodu tal-kampjunar għandhom ikunu xierqa għall-ġeneri jew għall-ispeċijiet ikkonċernati u għandhom jieħdu inkunsiderazzjoni kwalunkwe standard internazzjonali applikabbli.

(c) L-ittestjar uffiċjali jew l-ittestjar taħt superviżjoni uffiċjali għandu jitwettaq f'konformità mal-metodi, mat-tagħmir u mal-materjal għat-tkabbir xierqa għall-ġeneri jew għall-ispeċijiet ikkonċernati u f'konformità mal-istandards internazzjonali applikabbli, biex jiġi żgurat li r-rekwiżiti tal-kwalità jkunu ġew sodisfatti.

2. Rekwiżiti għall-kummerċjalizzazzjoni ta' materjal prebażiku, bażiku u ċċertifikat ta' pjanti agrikoli, tal-ħxejjex u tal-frott u tad-dwieli, inkluż kloni magħżula u materjal poliklonali

Skont il-karatteristiċi ta' kull ġeneru jew speċi u l-katergorija kkonċernata, il-materjal għandu jissodisfa r-rekwiżiti li ġejjin:

(a) għandu jkollu saħħa suffiċjenti u, fejn applikabbli, gradazzjoni speċifika;

(b) għandu jkun prattikament ħieles minn difetti u ħsarat sinifikanti.

Il-kompożizzjoni tal-materjal poliklonali għandha ssir qabel l-imballaġġ finali ta' dak il-materjal u għandha tinkludi proporzjonijiet identiċi tal-materjal mill-ġenotipi kollha li jikkostitwixxu l-materjal poliklonali.

PARTI D

Rekwiżiti għall-produzzjoni u għall-kummerċjalizzazzjoni tal-patata taż-żrigħ prebażika, bażika u ċċertifikata u materjal ieħor tal-patata

1. Rekwiżiti għall-produzzjoni tal-patata taż-żrigħ prebażika, bażika u ċċertifikata u materjal ieħor tal-patata

A. Iż-żrigħ jew it-tħawwil:

(a) Il-varjetà u l-identità tal-materjal, tal-pjanti omm jew taż-żerriegħa mħawwla jew miżrugħa għandhom jiġu ddeterminati mill-awtorità kompetenti jew mill-operatur professjonist, u għandhom jiġu rreġistrati biex tiġi żgurata t-traċċabbiltà tagħhom.

(b) Il-materjal, il-pjanti omm jew iż-żerriegħa, fejn applikabbli, għandhom jitħawlu jew jinżergħu b'mod li jiżgura l-vijabbiltà u l-kwalità tagħhom matul il-proċess tal-produzzjoni.

(c) Fejn xieraq, il-produzzjoni tal-patata taż-żrigħ għandha ssir separatament mill-kultivazzjoni tal-patata maħsuba għall-produzzjoni ta' ikel jew għal skopijiet ta' għalf.

(d) Pjanti derivati minn propagazzjoni in vitro jistgħu jintużaw għall-produzzjoni tal-patata taż-żrigħ jew materjal ieħor tal-patata.

B. Kultivazzjoni fl-għelieqi:

(a) Il-wiċċ tar-raba' għandu jkollu identità varjetali u purità varjetali suffiċjenti.

(b) Il-pjanti barra t-tip u l-pjanti jew it-tuberi deformati jew danneġġati għandhom jintremew fl-istadji kollha tal-kultivazzjoni.

(c) Il-pjanti omm u l-materjal għandhom jiġu ttrattati jew jiġu eskluży bħala sors tal-PRM f'każ ta' riżultati pożittivi tat-testijiet jew ta' sintomi viżivi tal-pesti, f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/2031, jew f'każ ta' difetti.

(d) Il-pjanti omm u l-materjal għandhom jiġu kkultivati, fl-istadji kollha tal-iżvilupp, b'tali mod li jippermettu l-produzzjoni ta' materjal u li jippermettu l-identifikazzjoni u l-verifika tagħhom ta' konformita' mad-deskrizzjoni uffiċjali jew mad-deskrizzjoni rikonoxxuta uffiċjalment tal-varjeta' tagħhom.

(e) Il-pjanti omm u l-materjal għandhom jiġu spezzjonati uffiċjalment jew taħt superviżjoni uffiċjali fl-istadji tat-tkabbir rilevanti tagħhom, bil-frekwenza rilevanti u bil-metodi rilevanti għall-verifika tal-konformità tagħhom mar-rekwiżiti rispettivi.

C. Ħsad u wara l-ħsad:

(a) Il-patata taż-żrigħ għandha tinħasad b'mod li jiżgura l-identità u t-traċċabbiltà tagħha.

(b) Għandu jittieħed kampjun tat-tuberi uffiċjalment jew taħt superviżjoni uffiċjali minn kull lott . Id-daqs tal-kampjun u l-intensità, it-tagħmir u l-metodu tal-kampjunar għandhom ikunu xierqa biex jiġi ddeterminat li r-rekwiżiti tal-kwalità ikunu ġew sodisfatti u għandhom iqisu kwalunkwe standard internazzjonali applikabbli. Il-kampjun jista' jittieħed ukoll mill-għalqa.

(c) Il-kampjuni tat-tuberi għandhom ikunu soġġetti għall-ittestjar fil-laboratorju uffiċjali, jew għall-ittestjar fil-laboratorju taħt superviżjoni uffiċjali, u spezzjoni viżwali biex jiġi żgurat li jiġu sodisfatti r-rekwiżiti tal-kwalità. L-ittestjar fil-laboratorju għandu jitwettaq f'konformità mal-metodi, mat-tagħmir u mal-materjal għat-tkabbir xierqa għall-patata u għandu jqis kwalunkwe standard internazzjonali applikabbli.

2. Rekwiżiti għall-kummerċjalizzazzjoni tal-patata taż-żrigħ prebażika, bażika u ċċertifikata u ta' materjal ieħor tal-patata

Il-patata taż-żrigħ u materjal ieħor tal-patata għandhom, skont il-kategorija kkonċernata, jissodisfaw ir-rekwiżiti li ġejjin:

(a) għandu jkollha saħħa suffiċjenti, dimensjoni definita u gradazzjoni speċifika;

(b) għandha tkun prattikament ħielsa minn difetti u ħsarat sinifikanti.

PARTI E

Rekwiżiti għall-produzzjoni u għall-kummerċjalizzazzjoni tal-materjal prebażiku, bażiku u ċċertifikat prodott permezz tal-propagazzjoni in vitro

1. Rekwiżiti għall-produzzjoni tal-materjal prebażiku, bażiku u ċċertifikat prodott permezz tal-propagazzjoni in vitro

A. Kultura in vitro

Il-varjetà u l-identità tal-materjal in vitro jew in vivo, kif applikabbli, għandhom jiġu ddeterminati mill-awtorità kompetenti jew mill-operatur professjonist, u għandhom jiġu rreġistrati biex tiġi żgurata t-traċċabbiltà tagħhom.

B. Produzzjoni in vitro

(a) Il-materjal li joriġina mill-materjal imsemmi fil-punt A għandu jiġi prodott permezz ta' propagazzjoni in vitro.

(b) L-għadd taċ-ċikli ta' propagazzjoni suċċessivi permezz tal-propagazzjoni in vitro għandu jkun ristrett, kif xieraq, għall-ġeneri jew għall-ispeċijiet ikkonċernati.

(c) Il-materjal għandu jiġi kkultivat, fil-fażijiet kollha tal-iżvilupp, b'tali mod li jippermetti l-identifikazzjoni u l-verifika tal-konformità tiegħu mad-deskrizzjoni uffiċjali jew mad-deskrizzjoni rikonoxxuta uffiċjalment tal-varjetà tiegħu. Meta d-deskrizzjoni uffiċjali jew id-deskrizzjoni rikonoxxuta uffiċjalment ma tkunx tista' tintuża minħabba l-istadju partikolari tat-tkabbir tal-pjanta, jistgħu jintużaw tekniki bijokimiċi u bijomolekulari jew metodi tekniċi oħrajn rikonoxxuti f'konformità mal-Artikolu 8(4), il-punt (i), jew kampjun ta' materjal imħawwel in vivo. Fil-każ tal-materjal li ma jkunx jappartjeni għal varjetà, il-verifika tal-konformità għandha tikkonċerna l-ispeċijiet li għalihom jappartjeni dak il-materjal.

(d) Il-materjal għandu jkun spezzjonat uffiċjalment jew spezzjonat taħt superviżjoni uffiċjali bil-frekwenza rilevanti u bil-metodi rilevanti għall-ġeneri jew l-ispeċijiet ikkonċernati biex tiġi vverifikata l-konformità tagħhom mar-rekwiżiti rispettivi.

(e) Il-kampjun li għandu jittieħed uffiċjalment jew taħt superviżjoni uffiċjali minn lott għandu jkollu d-daqs minimu xieraq biex jiġi ddeterminat l-issodisfar tar-rekwiżiti tal-kwalità għall-ġeneri jew għall-ispeċijiet rispettivi. L-intensità, it-tagħmir u l-metodu tal-kampjunar għandhom ikunu xierqa għall-ġeneri jew għall-ispeċijiet ikkonċernati u għandhom jieħdu inkunsiderazzjoni kwalunkwe standard internazzjonali applikabbli.

(f) L-ittestjar uffiċjali jew l-ittestjar taħt superviżjoni uffiċjali għandha titwettaq f'konformità mal-metodi, mat-tagħmir u mal-materjal għat-tkabbir xierqa għall-ġeneri jew għall-ispeċijiet ikkonċernati u għandhom jieħdu inkunsiderazzjoni kwalunkwe standard internazzjonali applikabbli.

2. Rekwiżiti għall-kummerċjalizzazzjoni tal-materjal prebażiku, bażiku u ċċertifikat prodott permezz tal-propagazzjoni in vitro

Skont il-karatteristiċi ta' kull ġeneru jew speċi u l-kategorija kkonċernata, il-materjal in vitro għandu jissodisfa r-rekwiżiti li ġejjin:

(a) għandu jappartjeni għall-varjetà u, fil-każ ta' materjal li ma jappartjenix għal varjetà, għall-ispeċi kkonċernata;

(b) għandu jkollu saħħa suffiċjenti, dimensjoni definita u, fejn applikabbli, gradazzjoni speċifika;

(c) għandha tkun prattikament ħielsa minn difetti u ħsarat sinifikanti.

ANNESS III

Rekwiżiti għall-produzzjoni u għall-kummerċjalizzazzjoni taż-żerriegħa u tal-materjal standard kif imsemmi fl-artikolu 9

PARTI A

Rekwiżiti għall-produzzjoni u għall-kummerċjalizzazzjoni taż-żerriegħa standard tal-pjanti agrikoli u veġetali, u taż-żerriegħa vera tal-patata

1. Rekwiżiti għall-produzzjoni taż-żerriegħa standard tal-pjanti agrikoli u veġetali, u taż-żerriegħa vera tal-patata

A. Iż-żrigħ jew it-tħawwil:

(a) Il-varjetà u l-identità taż-żerriegħa miżrugħa, inkluż, fejn applikabbli, il-pjanti omm imħawwla, għandhom jiġu ddeterminati u rreġistrati mill-operatur professjonist biex tiġi żgurata t-traċċabbiltà tagħhom.

(b) Il-kultivazzjoni preċedenti tal-għalqa ma għandhiex tkun inkompatibbli mal-produzzjoni taż-żerriegħa tal-ispeċi u tal-varjetà tal-għalla, u l-għalqa għandha tkun ħielsa biżżejjed minn pjanti li jaf ikunu baqgħu minn kultivazzjoni preċedenti (voluntiera).

(c) Iż-żerriegħa jew il-pjanti omm, fejn applikabbli, għandhom jinżergħu jew jitħawlu b'tali mod li jkun hemm distanza suffiċjenti mis-sorsi tat-trab tad-dakra tal-istess ġeneru jew tal-istess speċijiet u varjetajiet differenti, iddeterminati mill-karatteristiċi botaniċi, biex jiżguraw protezzjoni minn kwalunkwe dakkir barrani mhux mixtieq, inkluż id-dakkir inkroċjat ma' għelejjel oħra.

(d) Fejn xieraq, il-produzzjoni taż-żerriegħa għandha ssir separatament mill-kultivazzjoni taż-żerriegħa li jappartjenu għall-istess ġeneri jew speċijiet maħsuba għall-produzzjoni tal-ikel jew tal-għalf, biex jiġi żgurat li r-rekwiżiti applikabbli biss għaż-żerriegħa kkonċernata jiġu ssodisfatti.

(e) Jistgħu jintużaw pjanti derivati mill-propagazzjoni in vitro għall-produzzjoni taż-żerriegħa.

B. Kultivazzjoni fl-għelieqi:

(a) Il-wiċċ tar-raba' għandu jkollu identità varjetali u purità varjetali suffiċjenti.

Għandu jiġi żgurat li l-pjanti ta' speċijiet oħra, varjetajiet oħra, jew pjanti barra t-tip ikunu assenti mill-għelieqi. Meta dan ma jkunx possibbli minħabba l-karatteristiċi tal-ispeċijiet ikkonċernati, dawn għandhom ikunu preżenti fl-anqas livell possibbli.

Fejn ikunu preżenti pjanti barra t-tip jew speċijiet ta' pjanti oħra matul l-istadju tal-kultivazzjoni, dawn għandhom jitneħħew jew għandu jiġi applikat trattament xieraq.

(b) Il-pjanti għandhom jiġu ttrattati jew esklużi bħala sors tal-PRM f'każ ta' riżultati pożittivi tat-testijiet jew ta' sintomi viżivi tal-pesti, f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/2031 jew f'każ ta' difetti.

(c) L-għelejjel kollha fl-għalqa għandhom jiġu ċċekkjati mill-operatur professjoni fl-istadji tat-tkabbir rilevanti tagħhom u bil-frekwenza rilevanti għall-ġeneri jew għall-ispeċijiet ikkonċernati biex tiġi vverifikata l-konformità tagħhom mar-rekwiżiti rispettivi.

C. Ħsad u wara l-ħsad:

(a) Iż-żerriegħa għandha tinħasad b'mod li jiżgura l-identità, il-purità u t-traċċabbiltà tagħha.

(b) Għandu jittieħed kampjun taż-żerriegħa minn kull lott mill-operatur professjonist u għandu jiġi ttestjat biex jiġi żgurat li jiġu sodisfatti r-rekwiżiti ta' kwalità għall-ispeċi rispettiva. Id-daqs tal-kampjun u l-intensità, it-tagħmir u l-metodu tal-kampjunar għandhom ikunu xierqa għall-ispeċi kkonċernata u għandhom iqisu kwalunkwe standards internazzjonali applikabbli.

2. Rekwiżiti għall-kummerċjalizzazzjoni taż-żerriegħa standard tal-pjanti agrikoli u veġetali, u taż-żerriegħa vera tal-patata

Skont il-karatteristiċi ta' kull ġeneru jew speċi kkonċernata, iż-żerriegħa għandha tissodisfa r-rekwiżiti ta' kwalità li ġejjin:

